I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

**tal-20 ta' Diċembru 2012**

**dwar il-fondi tas-suq tal-flus**

**(BERS/2012/1)**

(2013/C 146/01)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali fl-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(b), (d) u (f) u l-Artikoli 16 sa 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(3)(e) u l-Artikoli 18 sa 20 tiegħu,

Billi:

(1) Il-fondi tas-suq tal-flus (MMFs – money market funds), filwaqt illi huma soġġetti għar-regolamentazzjoni tas-swieq tat-titoli, huma komponent ewlieni tas-settur tas-sistema bankarja parallela (*shadow banking*), partikolarment billi jwettqu trasformazzjoni tal-maturità u tal-likwidità, u jistgħu għalhekk jikkostitwixxu riskju sistemiku.

(2) L-investituri jistgħu jqisu lill-MMFs, b'mod partikolari fondi b'valur tal-assi netti kostanti li jippruvaw iżommu valur nominali li ma jinbidilx, bħala alternattivi siguri għad-depożitu bankarji. Madankollu, l-MMFs m'għandhomx aċċess għal xibka ta' sigurtà pubblika, bħal ma huma l-finanzjament ta' bank ċentrali u l-assigurazzjoni tad-depożitu. Għalhekk hemm riskju ta' konfużjoni ma' depożiti bankarji li jibbenefikaw minn din ix-xibka ta' sigurtà.

(3) Bħala regola, MMFs ma jibbenefikawx minn arranġamenti ta' appoġġ espliċitu u strett mill-kumpaniji li jisponsorjawhom, li spiss ikunu banek, għalkemm kien hemm okkażjonijet fejn il-kumpaniji li jisponsorjawhom sostnew attivament MMFs batuti *ex post* fuq bażi ta' diskrezzjoni.

(4) Ir-riċerka ekonomika turi illi l-prestazzjoni u n-natura tal-MMFs tagħmilhom vulnerabbli għal azzjonijet destabilizzanti min-naħa tal-investituri, li jistgħu jinfirxu malajr fost il-fondi u jdgħajfu l-likwidità u d-disponibbiltà ta' kreditu għal żmien qasir, b'mod partikolari għal banek. Ir-riskju ta' azzjoni min-naħa tal-investitur jista' jkun ogħla għal fondi b'valur tal-assi netti kostanti f'każijiet fejn hemm il-perċezzjoni illi huma jonqsu milli jissodisfaw l-aspettattivi tal-investitur ta' fidi bil-valur nominali.

(5) Għalkemm l-MMFs ma kkawżawx il-kriżi finanzjarja tal-2007 sal-2008, il-prestazzjoni tagħhom matul it-taqlib finanzjarju issottolinja l-potenzjal li huma jistgħu jifirxu jew anke jkabbru krizi. L-esperjenza mill-kriżi tal-2007 sal-2008 wriet illi l-MMFs jistgħu jkunu suxxettibbli għal azzjonijiet min-naħa tal-investitur u li jistgħu jkollhom bżonn l-appoġġ tal-kumpaniji li jisponsorjawhom, b'mod partikolari biex iżommu l-valur tal-assi netti kostanti tagħhom.

(6) Riskji sistemiċi potenzjali li jirriżultaw minn MMFs għalhekk jirrigwardaw il-vantaġġ tal-*first mover* tal-investituri, li huwa relevanti speċifikament għal fondi b'valur tal-assi netti kostanti, in-natura impliċita u ta' diskrezzjoni tal-appoġġ minn kumpaniji li jisponsorjawhom, u l-interkonnettività għolja ta' MMFs mal-kumplament tas-sistema finanzjarja, b'mod partikolari l-banek u s-swieq tal-flus.

(7) Wara evalwazzjoni tal-kawżi tal-kriżi finanzjarja reċenti, diversi regolaturi nazzjonali u organizzazzjonijiet internazzjonali esprimew il-ħtieġa ta' riformi strutturali għall-MMFs. Fis-27 ta' Ottubru 2011, il-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSB) ippubblika sett ta' rakkomandazzjonijiet

[1] GU L 331, 15.12.2010, p. 1.
[2] ĠU Ċ 58, 24.2.2011, p. 4.

inizzjali biex jissaħħu s-sorveljanza u r-regolamentazzjoni tas-sistema bankarja parallela. B'mod partikolari l-FSB identifika bħala kwistjonijiet kruċjali li jridu jiġu indirizzati l-bidla obbligatorja għall-fondi b'valur tal-assi netti varjabbli, rekwiżiti tal-kapital u tal-likwidità għal fondi b'valur tal-assi netti kostanti, u metodi regolatorji oħra possibbli.

(8) Wara talba mingħand l-FSB, fid-9 ta' Ottubru 2012 l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO) ħarġet rakkomandazzjonijiet tal-politika intiżi biex inaqqsu s-suxxettibbiltà ta' MMFs għal azzjonijiet min-naħa tal-investituri. Filwaqt illi parti sostanzjali minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO huma diġà indirizzati f'livell ta' Unjoni Ewropea, għad baqa' xi lakuni.

(9) Ir-regolaturi tal-US ħadmu fuq ir-reviżjoni tal-qafas għall-MMFs. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għat-Titoli u l-Kambju (SEC) irrevediet ir-Regola 2a-7 tagħha. Barra minn dan, fit-13 ta' Novembru 2012, il-Kunsill għas-Sorveljanza tal-Istabbiltà Finanzjarja ħareġ Proposti ta' Rakkomandazzjonijiet dwar ir-Riforma tal-Fond Mutwu tas-Suq tal-Flus għall-konsultazzjoni pubblika.

(10) F'Mejju 2010, il-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli ppubblika linji gwida dwar definizzjoni komuni ta' "MMFs" fl-Ewropa sabiex jiġu stabbiliti standards komuni ġodda li jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati matul il-kriżi finanzjarja. B'mod partikolari, l-linji gwida jimponu standards stretti f'termini tal-kwalità u l-maturità tal-portafoll, il-ġestjoni tar-riskju u d-divulgazzjoni. Dawn il-linji gwida mhux vinkolanti huma indirizzati lil MMFs kemm tal-UCITS kif ukoll mhux tal-UCITS u ġew implimentati minn Stati Membri fil-livell nazzjonali.

(11) Il-Kummissjoni Ewropea indikat l-intenzjoni tagħha li tiżviluppa miżuri leġiżlattivi ġodda li jkunu jgħoddu għall-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-UCITS, billi tistħarreġ b'mod partikolari l-ħtieġa għal regolamentazzjoni aktar dettaljata u armonizzata dwar l-MMFs [1].

(12) Skont ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010, il-Bord Ewropew għar-Riskju Sistemiku (BERS) jista' jindirizza rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni wkoll fir-rigward tal-leġiżlazzjoni relevanti tal-Unjoni. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom l-għan li jipprovdu gwida f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll lill-AETS fl-irwol ta' konsulenza u regolatorju tagħha.

(13) Filwaqt li l-azzjonijiet min-naħa tal-investituri jistgħu jseħħu bit-tipi kollha ta' fondi li jipprovdu diskrepanza fil-maturità jew fil-likwidità, il-fondi b'valur tal-assi netti kostanti għandhom karatteristiċi li jissuġġerixxu li investitur jista' jfittex il-vantaġġ ta' *first-mover* f'perjodi ta' stress fis-suq finanzjarju. Konverżjoni għal fondi b'valur tal-assi netti varjabbli tista' tnaqqas l-inċentiv għal azzjoni min-naħa tal-azzjonist meta fond ikun ġarrab telf żgħir u tista' tkompli żżid it-trasparenza tal-prezzijiet.. Tista' tgħin ukoll biex tindirizza r-riskji sistemiċi assoċjati mal-interkonnettività ta' MMFs ma' kumpaniji li jisponsorjawhom u biex tnaqqas il-ħtieġa għal u l-importanza tas-sostenn tal-isponsors.

(14) Użu ġenerali minn MMFs ta' kontabbiltà bil-valur ġust u, f'ċirkostanzi limiti biss, l-użu ta' kontabbiltà bl-ispiża amortizzata, ser jipprovdi t-trasparenza fil-prezzijiet lil investituri, itejjeb il-komprensjoni tal-investituri tar-riskji inerenti għal dawn l-MMFs, u jiċċara d-differenza bejn l-MMFs u d-depożiti bankarji.

(15) L-assi likwidi jgħinu lill-MMFs iħallsu lil azzjonisti li jkunu jridu jifdu flushom u jimpedixxu *fire-sales* ta' assi b'telf filwaqt li jimpedixxu wkoll l-effetti ta' kontaġju għal fondi oħra li jkollhom titoli simili. Bl-istess mod, ammonti minimi espliċiti ta' assi likwidi ta' kuljum u ta' kull ġimgħa jiżguraw illi MMFs ikunu jistgħu jilqgħu talbiet ta' fidi li jistgħu jkunu kbar min-naħa tal-investituri u jegħlbu l-perjodi ta' volatilità fis-swieq. Għodod effettivi biex jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet tal-likwidità, bħal ma huma s-sospensjonijiet temporanji tal-fidi, ser jgħinu lill-MMFs biex jaffaċċjaw perijodi ta' stress.

(16) Divulgazzjoni pubblika addizzjonali dwar karatteristiċi importanti bħal ma huma n-nuqqas ta' garanzija tal-kapital, l-appoġġ minn kumpaniji li jisponsorjawhom u l-prattiċi tal-valutazzjoni ser tiżgura illi l-investituri jkunu jafu eżatt bir-riskji ezistenti.

(17) Bis-saħħa ta' tagħrif aktar dettaljat l-awtoritajiet ikunu jistgħu jifhmu aħjar l-iżviluppi fl-industrija tal-MMF u jidentifikaw is-sorsi tar-riskji. Għaldaqstant, ir-rapportar regolari minn MMFs għandu jittejjeb aktar, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet, l-użu ta' kontabbiltà bl-ispiża amortizzata u l-appoġġ tal-isponsors. L-awtorità superviżorja nazzjonali kompetenti għandha taqsam l-informazzjoni relevanti ma' awtoritajiet relevanti oħrajn nazzjonali u Ewropej.

(18) Skont il-premessa 29 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, l-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati relevanti fis-settur privat ġew ikkunsidrati għat-tħejjija ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

(19) Din ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr ħsara għall-mandati ta' politika monetarja tal-banek ċentrali fl-Unjoni.

[1] Konsultazzjoni dwar ir-Regoli tal-Prodott, il-Ġestjoni tal-Likwidità, id-Depożitarju, il-Fondi tas-Swieq tal-Flus, l-Investimenti fuq Żmien Twil, 26 ta' Lulju 2012.

(20) Ir-rakkomandazzjonijiet tal-BERS huma ppubblikati wara li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jkun ġie informat bl-intenzjoni tal-Bord Ġenerali li jagħmel dan u wara li l-Kunsill ikun ingħata opportunità biex jirreaġixxi,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

TAQSIMA 1

**RAKKOMANDAZZJONIJIET**

## Rakkomandazzjoni A – Bidla obbligatorja għall-valur tal-assi netti varjabbli

Il-Kummissjoni hija rakkomandata tiżgura li l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni:

1. titlob li l-fondi tas-suq tal-flus(MMFs) ikollhom valur tal-assi netti varjabbli;

2. titlob li l-MMFs jagħmlu użu ġenerali minn valutazzjoni ġusta u li jillimitaw l-użu tal-kontabbiltà bl-ispiża amortizzata għal għadd limitat ta' ċirkostanzi definiti minn qabel.

## Rakkomandazzjoni B – Rekwiżiti ta' likwidità

Il-Kummissjoni hija rakkomandata tiżgura li l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni:

1. tikkumplimenta r-rekwiżiti ta' likwidità eżistenti għall-MMFs billi jiġu imposti ammonti minimi espliċiti ta' assi likwidi ta' kuljum u ta' kull ġimgħa li l-MMFs għandhom ikollhom;

2. issaħħaħ ir-responsabbiltà tal-maniġers tal-fondi fir-rigward tal-monitoraġġ tar-riskju tal-likwidità;

3. tiżgura li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-maniġers tal-fondi jkollhom għal-lest għodod effettivi, pereżempju sospensjonijiet temporanji tal-fidi, biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-likwidità fi żminijiet ta' stress li jirriżultaw kemm minn żviluppi speċifiċi għall-fondi kif ukoll minn żviluppi mifruxin mas-suq kollu.

## Rakkomandazzjoni C – Divulgazzjoni pubblika

Il-Kummissjoni hija rakkomandata tiżgura li l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni:

1. titlob id-divulgazzjoni speċifika min-naħa tal-MMFs, anke fil-materjal ta' kummerċjalizzazzjoni, li tiġbed l-attenzjoni tal-investituri għan-nuqqas ta' garanzija ta' kapital u l-possibbiltà ta' telf ta' kapital;

2. titlob li l-MMFs jirreferu fid-divulgazzjoni pubblika tagħhom għall-appoġġ, il-kapaċità ta' appoġġ jew il-ħarsien li jista' jkun hemm min-naħa tal-isponsors fil-każ biss li dan l-appoġġ jew ħarsien ikun impenn sod min-naħa tal-isponsor, f'liema każ għandu jiġi rikonoxxut fil-kontijiet u r-rekwiżiti prudenzjali ta' dak l-isponsor;

3. titlob lill-MMFs biex jiżvelaw il-prattiki tagħhom ta' valutazzjoni, b'mod partikolari dwar l-użu tal-kontabbiltà bl-ispiża amortizzata, kif ukoll li jagħtu tagħrif xieraq lill-investituri fir-rigward tal-proċeduri ta' fidi applikabbli fi żminijiet ta' stress.

## Rakkomandazzjoni D – Rappurtar u qsim tal-informazzjoni

1. Il-Kummissjoni hija rakkomandata tiżgura li l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni:

   (a) titlob li kull każ ta' appoġġ minn sponsor li jista' jħalli impatt fuq il-prezz tal-MMF għandu jiġi rappurtat mill-MMF jew mill-maniġer tiegħu, u mill-isponsor, lill-awtorità superviżorja nazzjonali kompetenti, flimkien ma' deskrizzjoni sħiħa tan-natura u d-daqs ta' dan is-appoġġ;

   (b) ittejjeb ir-rappurtar regolari mill-MMFs;

   (ċ) tiżgura li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kompetenti, fejn ikun il-każ, jaqsmu l-informazzjoni msemmija f'punti (a) u (b) ma' awtoritajiet superviżorji nazzjonali oħrajn fi ħdan l-istess Stat Membru, jew minn Stati Membri oħra, mal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, mal-membri tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u mal-BERS.

2. Il-Kummissjoni hija rakkomandata tħeġġeġ l-iżvilupp tar-rappurtar armonizzat u ta' sett armonizzat ta' dejta kif imsemmi fil-paragrafu 1(b), u l-organizzazzjoni tal-qsim ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafu 1(c).

TAQSIMA 2

**IMPLIMENTAZZJONI**

## 1. Interpretazzjoni

1. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

   (a) 'istituzzjoni ta' kreditu' tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif definita fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu [1];

   (b) 'awtorità superviżorja nazzjonali' tfisser awtorità superviżorja jew kompetenti kif speċifikat fl-Artikolu 1(3)(f) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.

   (c) 'fondi tas-suq tal-flus' tfisser impriżi ta' investiment kollettiv tal-Unjoni regolati u superviżjonati li l-oġġettiv primarju tagħhom huwa li jinżamm il-kapital tal-fond, filwaqt illi jingħata redditu skont ir-rati tas-suq tal-flus, billi jsir investiment fi strumenti tas-suq tal-flus jew depożiti ma' istituzzjonijiet ta' kreditu.

(1) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

(d) 'fond b'valur tal-assi netti varjabbli' tfisser fond tas suq tal-flus li ma jfittix li jżomm valur nominali li ma jinbidilx u li l-valur tal-assi netti għalhekk ivarja. L-assi tiegħu ġeneralment huma vvalutati fuq bażi ta' valur ġust.

(e) 'fond bil-valur tal-assi netti kostanti' tfisser fond tas-suq tal-flusli jfittex li jżomm valur nominali li ma jinbidilx. L-assi tiegħu ġeneralment huma vvalutati fuq bażi ta' kost amortizzat.

(f) 'kontabbiltà bil-kost amortizzat' tfisser metodu ta' kontabbiltà li jqis il-kost tal-akkwist tat-titolu u jaġġusta dan il-valur għall-amortizzazzjoni ta' premjums jew skonti sal-maturità.

2. L-Anness jifforma parti integrali ta' dan ir-Regolament. F'każ ta' kunflitt bejn it-test ewlieni u l-Anness, jipprevali t-test ewlieni.

## 2. Kriterji għall-implimentazzjoni

1. Il-kriterji li ġejjin japplikaw għall-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni:

(a) din ir-Rakkomandazzjoni tkopri l-MMFs kollha kif definiti;

(b) għandu jiġi evitat l-arbitrage regolatorju;

(ċ) tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta lill-prinċipju ta' proporzjonalità fl-implimentazzjoni, filwaqt illi jitqies l-għan u l-kontenut ta' kull rakkomandazzjoni;

(d) jiġu stipulati fl-Anness kriterji speċifiċi għall-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

2. Il-Kummissjoni hija mitluba tikkomunika lill-BERS u lill-Kunsill ażżjonijiet meħuda bħala tweġiba għal din ir-Rakkomandazzjoni, jew tiġġustifika n-nuqqas ta' azzjoni b'mod xieraq. Bħala minimu r-rapport għandu jkun fih:

(a) tagħrif dwar is-sustanza u skeda taż-żmien indikattiva tal-azzjonijiet meħuda, inkluż azzjonijiet meħuda fil-konfront tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej;

(b) evalwazzjoni tal-funzjonament tal-azzjonijiet meħuda mill-perspettiva tal-għanijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni;

(ċ) ġustifikazzjoni dettaljata ta' kull nuqqas ta' azzjoni jew devjazzjoni minn din ir-Rakkomandazzjoni, inkluż kull dewmien.

## 3. Skeda ta' żmien għas-segwitu

1. Il-Kummissjoni hija mitluba tibgħat rapport lill-BERS u lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet meħuda bi tweġiba għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet, jew tiġġustifika kif jixraq nuqqas ta' azzjoni skont l-iskedi taż-żmien stipulati aktar 'l isfel.

(a) sat-30 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni hija mitluba tibgħat rapport interim lill-BERS li jkun fih l-ewwel evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet;

(b) sat-30 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni hija mitluba tibgħat rapport finali dwar l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet lill-BERS u lill-Kunsillta.

2. Il-Bord Ġenerali jista' jestendi l-iskadenza fil-paragrafu 1 fejn huma meħtieġa inizjattivi leġiżlattivi biex ikun hemm konformità ma' waħda jew aktar mir-rakkomandazzjonijiet.

## 4. Monitoraġġ u evalwazzjoni

1. Is-Segretarjat tal-BERS:

(a) jassisti lill-Kummissjoni, inkluż billi jipprovdi l-mudelli relevanti u fejn meħtieġ jispjega l-modalitajiet u l-iskeda taż-żmien għas-segwitu;

(b) jivverifika s-segwitu mill-Kummissjoni, inkluż billi jassistiha fuq talba tagħha, u jirrapporta dwar is-segwitu lill-Bord Ġenerali permezz tal-Kumitat ta' Tmexxija.

2. Il-Bord Ġenerali jevalwa l-azzjonijiet u l-ġustifikazzjonijiet irrapportati mill-Kummissjoni u, fejn xieraq, jiddeċiedi jekk din ir-Rakkomandazzjoni ġietx segwita u jekk id-destinatarju naqasx milli jiġġustifika n-nuqqas ta' azzjoni tiegħu b'mod xieraq.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-20 ta' Diċembru 2012.

*Il-President tal-BERS*

Mario DRAGHI

*ANNESS GĦAR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-BERS DWAR IL-FONDI TAS-SUQ TAL-FLUS*

**WERREJ**


*Paġna*

LISTA TA' TAQSIRIET ... 6

SOMMARJU EŻEKUTTIV ... 7

DAĦLA ... 8

I. INIZJATTIVI REGOLATORJI REĊENTI ... 8

I.1 Inizjattivi internazzjonali ... 8

I.2 Inizjattivi Ewropej ... 9

II. L-MMFS U L-ISTABBILTÀ FINANZJARJA ... 10

II.1 Vantaġġ tal-first-mover ... 10

II.2 Sostenn tal-isponsors ... 11

II.3 L-ambjent ekonomiku attwali ... 12

III. STRUTTURA TAL-INDUSTRIJA EWROPEA TAL-MMFS ... 12

III.1 Ambitu tal-istħarriġ ad hoc tal-BERS ... 12

III.2 Ħarsa ġenerali lejn l-assi tal-MMFS ... 14

III.3 Ħarsa ġenerali lejn l-investituri tal-MMFS ... 19

III.4 Konċentrazzjoni tal-industrija ... 21

III.5 Devjazzjoni tal-fondi CNAV mill-parità ... 22

IV. RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-BERS ... 23

IV.1 Ambitu tar-Rakkomandazzjonijiet ... 23

IV.2 Rakkomandazzjoni A – Ċaqliqa obbligatorja għall-valur tal-assi netti varjabbli ... 23

IV.2.1 Raġunament ekonomiku ... 23

IV.2.2 Evalwazzjoni ... 26

IV.3 Rakkomandazzjoni B – Rekwiżiti tal-likwidità ... 30

IV.3.1 Raġunament ekonomiku ... 30

IV.3.2 Evalwazzjoni ... 33

IV.4 Rakkomandazzjoni C – Divulgazzjoni pubblika ... 34

IV.4.1 Raġunament ekonomiku ... 34

IV.4.2 Evalwazzjoni ... 34

IV.5 Rakkomandazzjoni D – Rappurtar u skambju tal-informazzjoni ... 35

IV.5.1 Raġunament ekonomiku ... 35

IV.5.2 Evalwazzjoni ... 35

IV.6 Segwitu ... 36

IV.6.1 Skeda taż-żmien ... 36

IV.6.2 Kriterji ta' konformità ... 36

IV.6.3 Komunikazzjoni dwar is-segwitu ... 37

REFERENZI ... 39

LISTA TA' TAQSIRIET

**ABS:** titoli koperti b'assi (*asset-backed securities*)

**AETS:** Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (*ESMA*)

**AIF:** fond tal-investiment alternattiv (*alternative investment fund*)

**AIFM:** maniġer ta' fond tal-investiment alternattiv (*alternative investment fund manager*)

**ASE:** Awtorità Superviżorja Ewropea (*ESA*)

**AuM:** assi amministrati (*assets under management*)

**BĊE:** Bank Ċentrali Ewropew (*ECB*)

**BERS:** Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (*ESRB*)

**Bn:** biljun

**Bps:** punti bażi (*basis points*)

**BSI:** partita tal-karta tal-bilanċ (*balance sheet item*)

**CESR:** Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli (*Committee of European Securities Regulators*)

**CIU:** impriża tal-investiment kollettiv (*collective investment undertaking*)

**CNAV:** valur tal-assi netti kostanti (*constant net asset value*)

**CRA:** aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (*credit rating agency*)

**EUR:** euro

**FSB:** Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (*Financial Stability Board*)

**FSOC:** Kunsill għas-Sorveljanza tal-Istabbiltà Finanzjarja (*Financial Stability Oversight Council*)

**GBP:** Lira sterlina

**ICI:** Istitut tal-Kumpaniji tal-Investiment (*Investment Company Institute*)

**ICPF:** korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (*insurance corporations and pension funds*)

**IMMFA:** Assoċjazzjoni tal-Fondi tas-Suq tal-Flus Istituzzjonali (*Institutional Money Market Funds Association*)

**IND:** individwi/familji

**IOSCO:** Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (*International Organization of Securities Commissions*)

**MFI:** istituzzjoni finanzjarja monetarja (*monetary financial institution*)

**MMF:** fond tas-suq tal-flus (*money market fund*)

**Mn:** miljun

**n/a:** mhux disponibbli (*not available*)

**NAV:** valur tal-assi netti (*net asset value*)

**NFC:** korporazzjoni mhux finanzjarja (*non-financial corporation*)

**OFI:** istituzzjoni finanzjarja oħra (*other financial institution*)

**RoW:** bqija tad-dinja (*rest of the world*)

**SEBĊ:** Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (*ESCB*)

**SEC:** Kummissjoni tat-Titoli u l-Kambju (*Securities and Exchange Commission*)

**ST-MMF:** fond tas-suq tal-flus għal żmien qasir (*short-term money market fund*)

**UCITS:** kumpaniji tal-investimenti kollettivi f'titoli trasferibbli (*undertakings for collective investments in transferable securities*)

**UE:** Unjoni Ewropea (*EU*)

**USD:** Dollaru Amerikan

**VNAV:** valur tal-assi netti varjabbli (*variable net asset value*)

**WAL:** ħajja medja ppeżata (*weighted average life*)

**WAM:** maturità medja ppeżata (*weighted average maturity*)

**ŻE:** żona tal-euro (*EA*)

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan l-anness jipprovdi tagħrif ġenerali għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) li għandhom l-għan li jsostnu u jevalwaw l-implimentazzjoni fl-Ewropa tar-riformi tas-sistema bankarja parallela (*shadow banking*) tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSB) fir-rigward tal-Fondi tas-Suq tal-Flus (MMFSs). L-MMFSs huma komponent ewlieni tas-settur tas-sistema bankarja parallela. L-istess bħall-banek, huma jittrasformaw il-maturità u l-likwidità u jistgħu jitqiesu mill-investituri bħala alternattiva sigura għad-depożiti bankarji (speċjalment fil-każ tal-fondi b'valur tal-assi netti kostanti (CNAV) li jippruvaw iżommu valur nominali li ma jinbidilx). Madankollu, l-MMFSs, filwaqt li huma suġġetti għar-regolamentazzjoni tat-titoli m'humiex suġġetti għar-rekwiżiti regolatorji bankarji u jistgħu, f'xi każijiet, ikunu partikolarment vulnerabbli għal azzjonijiet destabilizzanti min-naħa tal-investituri. Għalhekk l-MMFSs jistgħu jkunu sors ta' riskju sistemiku sinifikanti. Riskju ieħor marbut mal-MMFS huwa s-sostenn impliċitu u diskrezzjonali tal-isponsors; il-probabbiltà ta' sostenn tista' tkun ikbar għall-fondi CNAV.

Diġà ttieħdu diversi inizjattivi regolatorji internazzjonali u Ewropej (bħar-Rakommandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO) ta' Ottubru 2012 u l-linji gwida tal-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli/l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (CESR/AETS) ta' Mejju 2010) biex jiġu indirizzati r-riskji marbuta mal-MMFSs. Barra minn dan, l-FSB huwa mistenni joħroġ ir-rakkomandazzjonijiet finali tiegħu dwar ix-xogħol kollu tas-sistema bankarja parallela f'Settembru 2013. Fl-Istati Uniti, il-qafas regolatorju tal-MMFS jista' jkompli jevolvi wara li ħarġu r-rakkomandazzjonijiet proposti mill-Kunsill għas-Sorveljanza tal-Istabbiltà Finanzjarja (FSOC) għall-konsultazzjoni pubblika f'Novembru 2012. Fl-Ewropa, il-Kummissjoni Ewropea hija mistennija toħroġ il-proposta leġiżlattiva tagħha għar-riforma tal-qafas għall-kumpaniji tal-investimenti kollettivi f'titoli trasferibbli (UCITS) u l-MMFS fl-ewwel trimestru tal-2013. Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-BERS u l-anness li jakkumpanjahom huma mistennija jipprovdu tagħrif għax-xogħol tal-Kummissjoni f'dan il-qasam importanti.

**Karatteristiċi tal-industrija Ewropea tal-MMFS**

Sabiex jiġi evalwat l-impatt li jista' jkollhom ir-Rakkomandazzjonijiet tal-BERS, sar profil iddettaljat tal-industrija Ewropea tal-MMFS ibbażat, fost l-oħrajn, fuq il-ġbir ta' dejta *ad hoc*. Fl-Ewropa l-MMFS jamministraw madwar EUR 1 triljun f'assi, u tliet pajjiżi (Franza, l-Irlanda u l-Lussemburgu) jirrappreżentaw proporzjon aggregat ta' 95 % tal-assi totali tal-MMFS. L-investituri fl-MMFS Franċiżi huma essenzjalment lokali filwaqt li l-investituri fil-fondi Irlandiżi u Lussemburgiżi fil-biċċa l-kbira mhumiex residenti. Il-parti l-kbira tal-MMFSs fl-Ewropa huma awtorizzati joperaw fil-qafas regolatorju tal-UCITS. Il-ħames gruppi ta' quddiem li jamministraw l-MMFS fl-Ewropa jirrappreżentaw 40 % tal-industrija totali u erbgħa minn dawn il-ħamsa għandhom x'jaqsmu mal-banek.

L-MMFSs għandhom sehem importanti fis-swieq tal-flus u huwa kkalkulat li għandhom madwar 25 % tat-titoli tad-dejn għal żmien qasir maħruġin fiż-żona tal-euro. Madwar 75 % tal-iskoperturi tagħhom qegħdin fil-konfront ta' MFIs li fil-każ tal-Irlanda fil-biċċa l-kbira tagħhom mhumiex istituzzjonijiet tal-UE. Il-fondi Irlandiżi u Lussemburgiżi għandhom sehem kbir mill-assi tagħhom f'munita barranija, l-iktar fid-dollaru Amerikan (USD) u l-lira sterlina (GBP).

Fuq bażi aggregata, l-MMFSs Ewropej jaqdu l-iktar lill-investituri istituzzjonali għalkemm f'xi pajjiżi huma tipikament prodott bl-imnut. L-MFIs nnifishom huma investituri importanti fl-MMFSs billi jgħoddu għal iktar minn 30 % tal-bażi tal-investituri totali u juru preferenza għall-fondi CNAV. Hemm bażi importanti ta' investituri li mhumiex fl-Unjoni Ewropea (UE) għall-MMFS Ewropej, partikolarment għall-fondi CNAV Irlandiżi. L-interkonnettività tal-MMFS mal-bqija tas-sistema finanzjarja tkompli tiżdied permezz tar-relazzjoni mal-isponsors tagħhom li sikwit ikunu banek.

Ftit iktar minn 40 % tal-assi amministrati (AuM) tal-industrija huma investiti mill-fondi CNAV. Żewġ terzi tal-fondi CNAV Ewropej huma bbażati fl-Irlanda u terz fil-Lussemburgu. Bħala regola, dawn il-fondi huma ferm ikbar mill-fondi b'valur tal-assi netti varjabbli (VNAV), għandhom profil ta' riskju iktar konservattiv, maturità iqsar, livelli ta' likwidità ogħla u bażi ikbar ta' investituri li mhumiex fl-UE. F'dak ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-linji gwida CESR/AETS tal-2010 imponew standards fuq l-MMFS f'termini tal-assi eliġibbli u tal-kwalità u l-maturità tagħhom. Skont ir-riżultati tal-ġbir tad-dejta tal-BERS, madwar 27 % tal-fondi CNAV fl-istħarriġ kellhom devjazzjonijiet bejn il-valur nominali tagħhom u l-valur tas-suq tal-assi tagħhom ta' iktar minn 10 punti bażi (bps) fil-perjodu bejn l-2007 u l-2012; fl-ebda każ il-fond li wieġeb ma bagħat evidenza dwar is-sostenn ta' sponsors.

**Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-BERS**

Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-BERS huma simili għar-Rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO ppubblikati f'Ottubru 2012. Fl-ambitu tal-indirizzar tar-riskju sistemiku, l-għan ewlieni tax-xogħol tal-IOSCO huwa li tonqos is-suxxettibbiltà tal-MMFS għar-riskju tal-azzjonijiet tal-investituri. Bis-saħħa, fost l-oħrajn, tar-riżultati ta' eżerċizzju speċifiku tal-ġbir ta' dejta, ir-Rakkomandazzjonijiet tal-BERS huma supplimentati b'analiżi kwantitattiva u kwalitattiva sabiex jinftiehem jekk bidla fil-mudelli tan-negozju wara r-riformi ġġibx magħha tnaqqis serju fl-għadd ta' MMFS, partikolarment fi żmien meta diġà jinsabu milquta b'mod negattiv mill-ambjent ta' rati tal-imgħax baxxi. Ir-rakkomandazzjonijiet ikopru l-erba' oqsma speċifiċi li ġejjin.

***Ċaqliqa obbligatorja għall-VNAV***: L-MMFS jeħtiġilhom ikollhom valur tal-assi netti varjabbli. B'dan il-mod, il-karatteristiċi tal-investiment tagħhom jissaħħu u l-karatterisitiċi tagħhom simili għal depożiti fil-banek jonqsu. Dan ir-rekwiżit għandu jnaqqas l-inċentiv għal azzjonijiet min-naħa tal-investituri, iżid it-trasparenza fil-prezzijiet u jnaqqas l-interkonnettività fis-sistema finanzjarja. L-MMFS se jintalbu jagħmlu użu ġenerali mill-valutazzjoni ġusta filwaqt li l-użu tal-kontabbiltà bil-kost amortizzat għandu jiġi limitat għal xi ċirkostanzi predefiniti.

***Rekwiżiti tal-likwidità:*** Ir-rekwiżiti eżistenti tal-likwidità għandhom jittejbu billi jiġu imposti ammonti minimi espliċiti ta' assi likwidi ta' kuljum u ta' kull ġimgħa li l-MMFSs jeħtiġilhom ikollhom. Ir-responsabbiltà tal-maniġers tal-fondi għall-monitoraġġ tar-riskju tal-likwidità għandha tissaħħaħ. Fl-aħħar, għandu jkun hemm għodod effettivi, pereżempju sospensjonijiet temporanji tal-fidi, biex tingħeleb l-iskarsezza fil-likwidità fi żminijiet ta' tensjoni li tirriżulta minn żviluppi li jolqtu kemm il-fondi kif ukoll is-suq kollu.

***Divulgazzjoni pubblika:*** Il-materjal ta' kummerċjalizzazzjoni tal-MMFSs għandu jiġbed l-attenzjoni tal-investituri għan-nuqqas ta' garanzija tal-kapital u l-possibbiltà ta' telf tal-kapital. Kull informazzjoni pubblika li tagħti l-impressjoni ta' sostenn minn sponsor jew ta' kapaċità għal dan is-sostenn għandha tiġi projbita sakemm dan is-sostenn ma jkunx impenn sod, li f'dan il-każ għandu jiġi rikonoxxut fil-kontijiet tal-isponsor u r-rekwiżiti prudenzjali. Fl-aħħar, il-materjal għandu jinkludi deskrizzjoni tal-prattika ta' valutazzjoni, partikolarment fir-rigward tal-użu tal-kontabbiltà bil-kost amortizzat u l-possibbiltà tas-sospensjoni tas-sottoskrizzjonijiet u l-fidi, anki fi żminijiet ta' tensjoni.

***Rappurtar u skambju tal-informazzjoni:*** Kull każ ta' sostenn minn sponsor għandu jiġi rappurtat lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali responsabbli li għandhom jaqsmu din l-informazzjoni ma' awtoritajiet nazzjonali u Ewropej rilevanti oħra. Ir-rappurtar regolari tal-MMFSs għandu jkompli jittejjeb u jiġi armonizzat. Meta jkun rilevanti, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kompetenti għandhom jaqsmu l-informazzjoni ma' awtoritajiet rilevanti oħra (lokali, barranin jew Ewropej).

DAĦLA

L-għan tar-Rakkomandazzjonijiet tal-BERS u l-analiżi supplimentari hija biex jiġu evalwati mill-perspettiva tal-istabbiltà finanzjarja r-Rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO ta' Ottubru 2012 dwar il-fondi tas-suq tal-flus fir-rigward tal-impatt potenzjali tagħhom fuq l-industrija tal-MMFSMMFSS tal-UE. Sabiex jiġu provduti s-sostenn u r-rakkomandazzjonijiet għal-leġiżlaturi tal-UE, dan l-anness jiffoka fuq il-kwistjonijiet tal-implimentazzjoni li huma l-iktar rilevanti għall-istabbiltà finanzjarja.

Kemm l-analiżi kwantitattiva kif ukoll dik kwalitattiva f'dan l-anness jiġbdu tagħrif minn diversi sorsi ta' informazzjoni, fosthom ir-riċerka akkademika, xogħol li kien sar qabel mill-BERS dwar l-MMFSMMFSS, dejta tal-istatistika tal-BĊE u stħarriġ speċifiku b'dejta *ad hoc* maħruġ mill-BERS biex tinġabar iktar informazzjoni dettaljata b'żieda ma' dik disponibbli f'sors pubbliċi. Il-BERS organizza wkoll konferenza mal-parteċipanti fis-suq biex jintalbu l-fehmiet tal-industrija.

**Taqsima I** tal-anness teżamina l-inizjattivi regolatorji internazzjonali u Ewropej reċenti li għandhom x'jaqsmu mal-MMFSMMFSS biex hekk jingħata l-isfond ġenerali tal-politika għar-Rakkomandazzjonijiet tal-BERS. **Taqsima II** tagħti deskrizzjoni qasira tas-sorsi tar-riskju sistemiku ġejjin mill-MMFSMMFSS li r-Rakkomandazzjonijiet jippruvaw jindirizzaw. Sabiex ir-Rakkomandazzjonijiet jiġu sostnuti analitikament, **Taqsima III** teżamina l-istruttura tas-suq tal-industrija tal-MMFS fl-Ewropa b'enfasi fuq dawk l-elementi tas-suq li huma partikolarment rilevanti għar-riskju sistemiku. F'**Taqsima IV** hemm diskussjoni dwar ir-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-BERS u għal kull waħda jingħataw ir-raġunament ekonomiku u l-evalwazzjoni kif ukoll il-kriterji ta' konformità.

## I. **INIZJATTIVI REGOLATORJI REĊENTI**

### I.1 **Inizjattivi internazzjonali**

Wara l-evalwazzjoni tal-kawżi tal-kriżi finanzjarja reċenti, diversi regolaturi nazzjonali u organizzazzjonijiet internazzjonali esprimew il-ħtieġa ta' riformi strutturali għall-MMFS. Fis-Samit ta' Seoul ta' Novembru 2010 il-mexxejja tal-G20 talbu lill-**Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja** (FSB) jiżviluppa rakkomandazzjonijiet biex jissaħħu s-sorveljanza u r-regolamentazzjoni tas-sistema bankarja parallela. Fis-27 ta' Ottubru 2011 il-FSB ippubblika sett ta' rakkomandazzjonijiet inizjali li kienu ġew approvati mill-G20 fis-Samit ta' Cannes. B'mod partkolari, l-FSB irrakkomanda li l-qafas regolatorju tal-MMFS kellu jkompli jissaħħaħ. L-FSB identifika l-MMFS b'valur tal-assi netti kostanti (CNAV), li jfittxu li jżommu valur nominali li ma jinbidilx, bħala sors kruċjali ta' riskju potenzjali li jiġi indirizzat billi titħeġġeġ/tintalab ċaqliqa għall-fondi b'valur tal-assi netti varjabbli (VNAV), bl-impożizzjoni ta' rekwiżiti tal-kapital u l-likwidità għall-MMFS CNAV, u/jew b'metodi oħra possibbli. L-FSB ta mandat lill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO) biex teżamina r-riformi regolatorji potenzjali li jimmitigaw is-suxxettibbiltà tal-MMFS għal azzjonijiet tal-investituri u riskji sistemiċi oħrajn, u tiżviluppa rakkomandazzjonijiet għal linji politiċi.

Wara din it-talba, il-**IOSCO** ħarġet Rakkomandazzjonijiet dwar Politika għar-riforma tal-MMFS fid-9 ta' Ottubru 2012. Minbarra dawn ir-Rakkomandazzjonijiet, il-IOSCO osservat fi stqarrija għall-istampa li għalkemm il-biċċa l-kbira tal-Kummissarji tal-Kummissjoni tat-Titoli u l-Kambju (SEC) m'appoġġawx il-pubblikazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO, ma sarux oġġezzjonijiet oħra u l-bord tal-IOSCO approva r-rapport.

Fit-18 ta' Novembru 2012 il-FSB ippubblika għadd ta' dokumenti konsultattivi u wieħed minnhom kien jagħti ħarsa ġenerali integrata lejn ir-rakkomandazzjonijiet għal politika dwar is-sistema bankarja parallela. F'dan ir-rapport, l-FSB approva r-Rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO bħala qafas effettiv għat-tisħiħ tas-saħħa ġenerali tal-MMFS fir-rigward tar-riskji b'mod komprensiv. L-FSB approva wkoll ir-Rakkomandazzjoni li l-MMFS b'valur tal-assi netti (NAV) stabbli għandhom jinqalbu f'MMFS b'NAV fluttwanti (jew varjabbli) fejn dan jista' jsir. L-FSB indika wkoll li s-salvagwardji li jridu jidħlu biex jissaħħu l-MMFS b'NAV stabbli mill-azzjonijiet tal-investituri meta din il-konverżjoni ma tkunx tista' ssir għandhom ikunu ekwivalenti funzjonalment fl-effett tagħhom għar-rekwiżiti tal-kapital, tal-likwidità u rekwiżiti prudenzjali oħra tal-banek li jħarsu d-depożiti tagħhom mill-azzjonijiet tal-investituri.

L-FSB ħabbar li se jħejji r-rakkomandazzjonijiet finali tiegħu dwar is-sistema bankarja parallela, fosthom rakkomandazzjonijiet dettaljati minn kull wieħed mill-ħames gruppi ta' ħidma tiegħu (fosthom il-grupp tal-MMFS) sa Settembru 2013. Għalkemm il-grupp ta' ħidma dwar l-MMFS issa kważi temm xogħlu, gruppi oħra, partikolarment dak dwar l-interazzjonijiet tal-banek ma' entitajiet tas-sistema bankarja parallela kif ukoll dak dwar is-self ta' titoli u *repos*, jista' jkollhom implikazzjonijiet ukoll għar-riformi tal-MMFS.

Fl-**Istati Uniti** ċerti riformi dwar l-MMFS ġew adottati fl-2010. Dakinhar, is-SEC osservat li dawn ir-riformi servew bħala l-ewwel pass. F'Ottubru 2010, il-Grupp ta' Ħidma tal-President dwar is-Swieq Finanzjarji ħareġ rapport li ddeskriva sett ta' għażliet supplimentari ta' politika billi r-riformi tal-2010 ma jitqisux li weħidhom jistgħu jevitaw azzjoni min-naħa tal-investituri. Għalhekk is-SEC kienet impenjata fl-iżvilupp ta' riformi strutturali supplimentari. Madankollu, fit-22 ta' Awwissu 2012 il-President tas-SEC Mary Schapiro ħabbret li l-maġġoranza tal-Kummissjarji tas-SEC ma kinux se jappoġġaw il-proposta tal-esperti tas-SEC għar-riforma tal-istruttura tal-MMFS.

Għalhekk fis-27 ta' Settembru 2012 is-Segretarju tat-Teżor Amerikan Timothy Geithner talab lill-Kunsill għas-Sorveljanza tal-Istabbiltà Finanzjarja (FSOC) jieħu azzjoni jekk is-SEC tonqos li tagħmel dan. Fit-13 ta' Novembru 2012 l-FSOC ippubblikat ir-rakkomandazzjonijiet li proponiet dwar ir-riforma tal-MMFS għal konsultazzjoni pubblika. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistabbilixxu tliet alternattivi li mhux bilfors jeskludu lil xulxin: (i) NAV fluttwanti, (ii) NAV stabbli b'bafer NAV u "bilanċ minimu f'riskju", u (iii) NAV stabbli b'bafer NAV u miżuri oħrajn. Meta nkiteb dan ir-rapport, il-konklużjoni tal-konsultazzjoni pubblika ma kinitx magħrufa; mhuwiex ċar ukoll jekk is-SEC hijiex se taġixxi skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-FSOC, speċjalment fid-dawl tad-diffikultajiet li ltaqgħet magħhom is-SEC fit-tentattivi inizjali tagħha li ssemmew iktar 'il fuq.

### I.2 **Inizjattivi Ewropej**

F'Mejju 2010 l-**Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli** (CESR, il-predeċessur tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, jew AETS) ippubblika linji gwida għall-ħolqien ta' definizzjoni armonizzata tat-terminu "MMFS" fl-Ewropa u għat-twaqqif ta' standards komuni ġodda li jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati matul il-kriżi finanzjarja. Il-linji gwida jistabbilixxu klassifikazzjoni li toħloq żewġ tipi ta' MMFS: "fondi tas-suq tal-flus għal żmien qasir" (ST-MMFS) u "fondi tas-suq tal-flus" (MMFS) u jimponu standards stretti f'termini tal-kwalità u l-maturità tal-portafoll, il-ġestjoni tar-riskju u d-divulgazzjoni. Il-linji gwida CESR/AETS daħlu fis-seħħ f'Lulju 2011 b'perjodu tranżitorju ta' sitt xhur għall-fondi eżistenti, u japplikaw kemm għall-fondi UCITS kif ukoll għall-fondi mhux UCITS.

Il-linji gwida diġà jindirizzaw il-biċċa l-kbira tar-Rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO. Pereżempju, kif huwa rakkomandat mill-IOSCO (Rakkomandazzjonijiet 1 sa 3) il-linji gwida jipprovdu definizzjoni espliċita tal-MMFS, regoli stretti dwar it-tip ta' strumenti li fihom jistgħu jinvestu l-MMFS (fosthom il-projbizzjoni tal-iskopertura għall-ekwitajiet), limiti fuq il-maturità residwa tal-istrumenti kif ukoll limiti fuq it-terminu tal-maturità medja ppeżata (WAM) u l-ħajja medja ppeżata (WAL) tal-portafoll. Fiż-żmien wara d-dħul fis-seħħ tal-linji gwida, jiġifieri fl-aħħar xhur tal-2011, numru konsiderevoli ta' fondi li fil-bidu ġew kummerċjalizzati bħala MMFS inghatalhom isem ġdid u tressqu f'kategoriji oħra ta' fondi.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO dwar il-ġestjoni tal-likwidità (Rakkomandazzjonijiet 6 sa 8) il-qafas legali Ewropew eżistenti diġà huwa b'saħħtu. Għandhom isiru *stress tests* regolari dwar il-likwidità skont id-Direttiva 2010/43/UE dwar l-Impriżi ta' Investiment Kollettiv f'Titoli Trasferibbli (UCITS) u d-Direttiva 2011/61/UE dwar il-Maniġers tal-Fondi ta' Investiment Alternattiv (AIFM).

Fl-aħħar, għandu jiġi osservat li l-qafas tal-UCITS diġà jindirizza l-kwistjonijiet tad-diversifikazzjoni tar-riskju, il-limitazzjoni tar-riskju u l-eliġibbiltà tal-assi.

Madankollu, il-linji gwida CESR/AETS la jindirizzaw ir-Rakkomandazzjonijiet kollha tal-IOSCO u lanqas il-problemi kollha identifikati mill-IOSCO bħala li huma inerenti fl-MMFS. B'mod partikolari, l-ST-MMFS għadhom jistgħu jużaw is-CNAV. Barra dan, l-MMFS jistgħu jużaw il-kontabilità bl-ispiża amortizzata biex jivvalutaw strumenti bil-limitu tal-maturità residwa stabbilit sa 397 jum, u dan ukoll jista' joħloq riskji u jnaqqas it-trasparenza tal-prezzijiet. Barra minn hekk, billi s-sostenn ta' sponsor bħalissa ma jaqax taħt ir-regolamenti jew mhux suġġett għar-rekwiżit tar-rappurtar, m'hemm l-ebda tagħrif dwaru għar-regolaturi.

Sabiex il-qafas regolatorju Ewropew jiġi kkomplementat, **l-industrija tal-fondi** żviluppat sett tal-aqwa prattiki kif rifless fil-Kodiċi ta' Prattika tal-Assoċjazzjoni tal-Fondi tas-Suq tal-Flus Istituzzjonali (IMMFA). Skont dan il-kodiċi, l-MMFS CNAV għandhom tal-inqas kull ġimgħa jimmonitorjaw id-differenza bejn il-prezzijiet li jippubblikaw u l-valutazzjonijiet bil-prezzijiet tas-suq (magħruf bħala l-prezz parallel). Il-proċeduri ta' eskalazzjoni, l-iktar permezz tar-rappurtar intern, għandhom jidħlu fil-każ ta' devjazzjonijiet ta' aktar minn 10, 20 u 30 punti bażi (bps). F'każijiet fejn valur tas-suq huwa 50 bps inqas mill-valur nominali, il-fond jitqies li jkun ġarrab "telf permanenti fil-valur". Kull każ bħal dan (magħruf bħala "*breaking the buck*") għandu jiġi rappurtat lill-IMMFA.

Fl-aħħar, il-**Kummissjoni** qiegħda tikkunsidra l-ħtieġa ta' iktar riformi fir-regolamenti dwar l-MMFS. Fil-*Green Paper* tagħha dwar is-sistema bankarja parallela (2012), il-Kummissjoni tenfasizza s-sehem tal-MMFS fis-sistema bankarja parallela. Barra dan, il-Kummissjoni ppubblikat dokument konsultattiv dwar qafas għall-ġejjieni għall-fondi ta' investiment (2012). Taqsima waħda tad-dokument tindirizza l-kwistjoni tas-CNAV *vis-à-vis* l-MMFS VNAV, il-valutazzjoni tagħhom, is-sehem tal-MMFS fir-rigward tar-riskju sistemiku u d-dipendenza mill-klassifikazzjoni tal-kreditu. Il-Kummissjoni x'aktarx tagħmel proposta leġiżlattiva dwar l-MMFS fl-ewwel trimestru tal-2013. F'Ottubru 2012, il-**Parlament Ewropew** għadda mozzjoni fil-kumitat dwar is-sistema bankarja parallela b'appoġġ għar-Rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO u talab biex il-fondi CNAV ikollhom liċenzja bankarja bi skop limitat.

Kif jidher hawn taħt, l-industrija tal-MMFS fl-Ewropa għandha komponent internazzjonali kbir. Waħda mill-isfidi fid-diversi inizjattivi internazzjonali u Ewropej li għaddejjin bħalissa hija għalhekk il-ġestjoni tar-riskju potenzjali li jista' jirriżulta minn kull diverġenza fl-inizjattivi regolatorji għall-indirizzar tar-riskji sistemiċi marbutin mal-MMFS.

## II. L-MMFS U L-ISTABBILTÀ FINANZJARJA

L-MMFS huma komponent ewlieni tas-sistema bankarja parallela (FSB, 2011). Dawn huma prodotti ta' investiment suġġetti għar-regolamentazzjoni dwar it-titoli, iżda simili għall-banek billi jwettqu trasformazzjoni fil-maturità u l-likwidità u l-investituri għandhom mnejn iqisuhom, b'mod partikolari l-fondi CNAV, bħala alternattiva sigura għad-depożiti bankarji. Madankollu, l-MMFS jista' jkollhom inqas assi likwidi li jistgħu jimmaturaw ferm iktar tard mill-fidi tal-investituri kif ukoll jinkorporaw riskji tal-investiment. B'kuntrast mal-banek, l-MMFS m'għandhomx aċċess għax-xibka ta' sigurtà pubblika; bħala regola m'għandhomx is-sostenn espliċitu tal-kumpaniji li jisponsorjawhom għalkemm kien hemm diversi każijiet meta l-isponsors sostnew attivament fondi batuti *ex post*.

Riċerka ekonomika wiesgħa, speċjalment fir-rigward tas-suq Amerikan, tipprovdi evidenza li l-imġiba u n-natura tal-MMFS jagħmluhom vulnerabbli għal azzjonijiet destabbilizzanti li jistgħu jinfirxu malajr fost il-fondi. Dan jista' jagħmel iktar ħsara lil-likwidità u d-disponibbiltà ta' kreditu għal żmien qasir, mhux l-inqas għall-banek li għalihom l-MMFS huma sors ta' finanzjament importanti. [1] Ir-riskju ta' azzjonijiet min-naħa tal-investituri huwa dovut l-iktar għall-vantaġġ ta' *first-mover* u l-inċertezza dwar is-sostenn taċitu u diskrezzjonali tal-isponsor.

### II.1 Vantaġġ tal-first-mover

Il-vantaġġ tal-*first-mover*, filwaqt li huwa karatteristika tal-fondi ta' investiment kollha, huwa meqjus minn ħafna li huwa l-iktar rilevanti għal **MMFS CNAV** billi joffru fidi immedjat bi prezz kostanti sal-eqreb ċifra (e.g. EUR 1 jew USD 1 kull sehem). [2] Għalhekk, hemm riskju li l-prezz tal-ishma jista' ma jirriflettix il-"valur veru" tal-portafoll sottostanti tal-fond fi

(1) Ara wkoll FSOC (2012) pp. 17-28, li jipprovdi analiżi tar-riskju sistemiku u ħarsa ġenerali lejn riċerka akkademika oħra, e.g., Baba *et al.* (2009); Duygan-Bump *et al.* (se jiġi ppubblikat); Gordon u Gandia (2012); Gorton u Metrick (2010), *pp. 261-297*; Kacperczyk u Schnabl (2012); McCabe (2010); McCabe *et al.* (2012); Rosengren (2012); Scharfstein (2012); Squam Lake Group (2011).

(2) Ara Dokument Okkażjonali tal-BERS (2012); FSB (2011); FSOC (2012); IOSCO (2012); Baba *et al.* (2009); Gorton u Metrick (2010); McCabe (2010).

żminijiet ta' tensjoni fis-swieq jew jekk ikun hemm tħassib dwar il-kwalità sottostanti tal-assi. Karatteristika ta' dan il-vantaġġ hija li talbiet bikrija għall-fidi jitħallsu bil-valur nominali, anki meta l-valuri tal-assi attwali jkunu potenzjalment iktar baxxi. Dan iġiegħel li jkun hemm trasferiment ta' telf lill-azzjonisti li jibqa' billi l-investituri li ma jifdux mill-ewwel iġarrbu telf sproporzjonat. Il-vantaġġ tal-*first-mover* jista' jikkontribwixxi għal azzjonijiet destabbilizzanti min-naħa tal-investituri. L-inċertezza dwar il-kwalità tal-assi tal-portafoll tista' tipprovdi inċentivi għal azzjonijiet anki jekk il-valur tas-suq fir-realtà ma jkunx differenti minn dak nominali. Ir-riskju ta' azzjonijiet min-naħa tal-investituri huwa rilevanti speċjalment għall-investituri istituzzjonali billi dawn jibżgħu ħafna mir-riskji u għandhom it-tendenza li jirreaġixxu iktar malajr u f'numri akbar mill-investituri żgħar. B'mod iktar ġenerali, il-karatteristika CNAV tista' żżid ir-riskju ta' instabbiltà billi xi investituri jingħataw l-aspettattiva ta' fidi bil-valur nominali bl-idea li l-ishma tal-MMFS huma ekwivalenti mingħajr riskji għall-flus kontanti; għalhekk dan jista' jżid ir-riskju ta' azzjoni meta fond jonqos milli jissodisfa dawk l-aspettattivi, i.e. meta l-fond "*breaks the buck*".

Għalkemm il-vantaġġ tal-*first-mover* jikkonċerna b'mod predominanti l-fondi CNAV, l-esperjenza tal-kriżi finanzjarja turi li l-investituri fl-**MMFS VNAV** jista' jkollhom ukoll inċentiv biex jiġbdu l-investiment. [1] Billi l-MMFS m'għandhomx likwidità ta' kuljum ta' 100 %, hemm tassew każijiet meta l-fidi tal-investituri ma jkunx jista' jintlaqa'. Għalhekk, l-investituri xorta jista' jkollhom inċentiv biex jifdu malajr (bħal f'kull fond ta' investiment ieħor) għaliex il-fidi sussegwenti jista' jġiegħel lill-fond ibigħ inqas assi likwidi u potenzjalment iġarrab telf. L-inċentiv għal azzjoni min-naħa tal-investituri jista' jiżdied minħabba inċertezzi fil-kontabilità, li jistgħu jkunu preżenti fil-fondi VNAV ukoll.

II.2 **Sostenn tal-isponsors**

Ħafna studji juru li dejjem kien hemm sostenn min-naħa ta' partijiet terzi fl-istorja tal-MMFS. [2] Għall-perjodu 1980-2009, Moody's identifikat 'il fuq minn 200 MMFS CNAV fl-Istati Uniti u fl-Ewropa li bbenefikaw mis-sostenn tal-isponsors. Is-sostenn laħaq il-qofol tiegħu bejn l-2007 u l-2009 meta 'l fuq minn 60 fond (36 fond Amerikan, 26 fond Ewropew) kellhom bżonn l-assistenza, l-aktar minħabba d-deterjorament/l-inadempjenza tal-kreditu u problemi ta' likwidità. Skont Moody's, tal-inqas 20 kumpanija li jamministraw fondi *prime* fl-Istati Uniti u l-Ewropa ġarrbu spejjeż ta' madwar USD 12-il biljun sabiex iżommu l-valur tal-fondi CNAV tagħhom. Barra dan, tal-inqas żewġ kumpaniji li jamministraw fondi straħu fuq il-karta tal-bilanċ tal-kumpaniji prinċipali tagħhom u fuq l-aċċess għall-faċilità tal-Federal Reserve biex ilaħħqu mal-fidi, filwaqt li żewġ kumpaniji kkonsolidaw l-assi MMFS fuq il-karti tal-bilanċ tagħhom (ara wkoll id-Dokument Okkażjonali tal-BERS, 2012).

Il-falliment tal-Fond Primarju tar-Riżervi fl-Istati Uniti jindika d-difett ewlieni tad-dipendenza mis-sostenn taċitu u diskrezzjonali ta' sponsor. Il-fond "*broke the buck*" jiġifieri ma kienx kapaċi jżomm il-valur tal-assi netti għal USD 1 wara l-kollass ta' Lehman Brothers (l-assi miżmuma minn Lehman kienu jirrappreżentaw 1,2 % tal-valur tal-assi netti tal-fond). Dan it-telf mal-ewwel wassal għal azzjoni fuq il-fond min-naħa tal-investituri li mbagħad ikkawżat azzjoni aktar mifruxa fuq l-MMFS Amerikani, bl-investituri jiġbdu ammonti kbar ħafna ta' flus fi ftit jiem. L-isponsor tal-Fond Primarju tar-Riżervi fl-aħħar mill-aħħar naqas li jsostni l-fond u dan seta' ħoloq inċertezza dwar is-sostenn ta' sponsor b'mod ġenerali u ħaffef l-azzjoni fuq l-industrija tal-MMFS. Kollox ma' kollox, il-ġrajjiet ħolqu tfixkil fis-suq tal-karti kummerċjali u ġiegħlu lill-awtoritajiet Amerikani jintervjenu billi fost affarijiet oħra ħolqu żewġ faċilitajiet ta' likwidità u estendew il-kopertura tal-garanzija tad-depożitu.

Din l-evidenza tissuġġerixxi l-importanza tas-sostenn storiku ta' sponsor iżda fl-istess ħin tikxef difett potenzjali. Għalhekk, l-inċertezza dwar id-disponibbiltà ta' sostenn matul il-kriżi reċenti setgħet tat il-kontribut tagħha għal dawn l-azzjonijiet. McCabe (2011) u Gordon u Gandia (2012) juru li l-kapaċità ta' sponsor hija fattur importanti fl-imġiba tal-investituri. Gordon u Gandia (2012) jagħtu provi li l-fondi CNAV amministrati jew sponsorjati minn kumpaniji fraġli sabu ma' wiċċhom ħruġ ta' likwidità f'daqqa aktar sinifikanti u kellhom riskju akbar ta' azzjoni min-naħa tal-investituri. Barra dan, l-analisti u l-aġenziji tal-klassifikazzjoni ta' kreditu jistgħu jqisu l-karta ta' bilanċ u s-saħħa finanzjarja tal-istituzzjonijiet li joffru l-MMFS. Għalhekk, in-natura impliċita tas-sostenn ta' sponsor u d-dipendenza tiegħu mill-kapaċità

[1] Ara Scott (2012) li jikkwota ċ-ċifri tal-ICI li l-fondi VNAV Franċiżi tilfu madwar 40 % tal-assi tagħhom fi żmien tliet xhur bejn Lulju 2007 u Settembru 2007. Madankollu, dawn il-fondi ma kinux MMFS taħt il-leġiżlazzjoni Franċiża imma ġew ikkummerċjalizzati bħala "MMFS imtejba".

[2] Ara Brady (2012) u Moody's (2010). Ir-Rapport Konsultattiv tal-IOSCO (April 2012) jispeċifika wkoll il-konklużjonijiet tas-SEC fir-rigward tas-sostenn tal-isponsors: fil-perjodu bejn Awwissu 2007 u Diċembru 31 2008, l-istaff tas-SEC tal-Istati Uniti kkalkulaw li kważi 20 % tal-MMFS kollha rċevew xi xorta ta' sostenn mill-maniġers tal-flus jew mill-affiljati tagħhom.

tal-isponsor tista' toħloq inċertezza fost il-parteċipanti fis-swieq, li tista' twassal biex l-MMFS ikunu iżjed vulnerabbli għall-azzjonijiet. Ġeneralment, sistema li tiddependi minn garanziji impliċiti u diskrezzjonali ta' partijiet terzi tista' titqies li ma tkunx stabbli, billi l-garanti ma jinternalizzax l-ispiża tal-arranġament impliċitu (McCabe, 2011).

II.3 **L-ambjent ekonomiku attwali**

L-ambjent attwali ta' rati baxxi tal-imgħax iqajjem dubji dwar il-kapaċità tal-MMFS li jżommu s-CNAV tagħhom. Wara li l-BĊE naqqas ir-rati tal-imgħax f'Lulju 2012, l-istrumenti tad-dejn għal żmien qasir li fihom jinvestu bil-kbir l-MMFS ħabbtu wiċċhom ma' tnaqqis mgħaġġel fir-rendiment li saħansitra qaleb għan-negattiv. Billi l-istruttura tas-CNAV ma tistax takkomoda telf, is-sitwazzjoni ġiegħlet lill-maniġers tal-fondi CNAV jissospendu s-sottoskrizzjonijiet filwaqt li xi fondi ddeċidew li jifflowtjaw in-NAV, tal-inqas indirettament. F'xi każijiet, minflok ma jitnaqqas il-prezz tal-ishma, l-għadd ta' ishma tal-investituri jitnaqqas u dan ifisser telf reali li jinġarr mill-investituri. Bħala eżempju, f'Ottubru 2012 JPMorgan Chase għarrfet lill-investituri li dan kien il-mod kif kellu jiġi indirizzat it-telf fiż-żewġ MMFS Ewropej kbar tagħhom (il-Fond Likwidu tal-Euro b'EUR 4 biljun f'assi amministrati (AuM) u l-Fond Likwidu tal-Gvern bi EUR 13-il biljun). Żdiedet klassi ġdida ta' ishma *flex* ma' fondi bħal dawn, li se żżomm l-investimenti tal-investituri bil-prezz stabbli ta' EUR 1 għal kull sehem iżda se tnaqqas l-ishma mill-kont ġenerali sabiex tkopri l-ispejjeż operattivi u r-redditi negattivi.

III. **STRUTTURA TAL-INDUSTRIJA EWROPEA TAL-MMFS**

Sabiex tevalwa l-implikazzjonijiet tal-istabbiltà finanzjarja tal-MMFS (li ġiet diskussa f'livell aktar kunċettwali fit-Taqsima ta' qabel) u l-impatt li jista' jkollhom ir-Rakkomandazzjonijiet tal-BERS ippreżentati f'Taqsima IV, din it-Taqsima tagħti profil dettaljat tal-industrija Ewropea tal-MMFS minn analiżi kwantitattiva.

Skont l-istatistika tal-BĊE, f'Ġunju 2012 l-AuM tal-MMFS Ewropej kienu madwar EUR 1 triljun, li jirrappreżenta tnaqqis mill-massimu tal-2008 ta' EUR 1.4 triljun u huwa qrib il-livell tal-2011. L-għadd ta' fondi naqas ukoll minn aktar minn 1 300 fl-2011 għal 1 171 fond f'Ġunju 2012. Parti mit-tnaqqis reċenti seħħet fil-forma ta' konsolidazzjoni tas-settur wara l-implimentazzjoni tal-linji gwida CESR/AETS imsemmija f'Taqsima I.2.

Madwar 95 % tal-industrija Ewropea tal-MMFS hija kkonċentrata fi tliet pajjiżi: Franza (sehem ta' 39 % tas-suq fl-AuM), il-Lussemburgu (31 %) u l-Irlanda (25 %). Fir-rigward tal-industrija aggregata tal-fondi ta' investiment taż-żona tal-euro, l-MMFS kienu jirrappreżentaw madwar 15 % tat-total tal-AuM f'Ġunju 2012. L-akbar sehem ġie reġistrat fi Franza b'madwar 38 %. Fl-Irlanda, l-assi tal-MMFS jammontaw għal madwar 32 % u fil-Lussemburgu għal 11 % mit-total tas-suq tal-fondi tal-investiment. Madankollu, l-AuM mill-MMFS tal-UE jirrappreżentaw 2,5 % biss tal-assi totali tas-settur tal-MFI taż-żona tal-euro (bl-esklużjoni tal-banek ċentrali).

III.1 **Ambitu tal-istħarriġ ad hoc tal-BERS**

Sabiex jiġbor aktar informazzjoni granulari minn dik disponibbli permezz tal-istatistika tal-BĊE, il-BERS għamel stħarriġ *ad hoc* dwar l-MMFS billi uża dejta tal-fondi individwali wkoll. Id-dejta nġabret bil-metodu tal-"aqwa riżultat" minn sitt pajjiżi: Franza (FR), il-Ġermanja (DE), l-Irlanda (IE), l-Italja (IT), il-Lussemburgu (LU) u Spanja (ES) u tirreferi għas-sitwazzjoni fl-aħħar ta' Ġunju 2012. Id-dejta tipprovdi informazzjoni dwar l-analiżi tal-karta tal-bilanċ skont it-tip ta' fond, i.e. CNAV, VNAV għal żmien qasir u fondi VNAV oħra, analiżi li ma tinsabx fl-istatistika tal-BĊE. L-istħarriġ jinkludi wkoll informazzjoni għall-fondi CNAV dwar il-prezz parallel għall-perjodu bejn Ġunju 2007 u Ġunju 2012.

L-istħarriġ tal-BERS ikopri 71 % tal-AuM tal-industrija fis-sitt pajjiżi li taw it-tagħrif skont l-istatistika tal-BĊE. ([1]) Inġabret aktar informazzjoni – aggregata – dwar 22 % oħra tal-industrija f'dawn il-pajjiżi; din id-dejta supplimentari tkopri biss l-analiżi skont it-tip ta' fond, il-maniġer tal-fond u d-daqs tal-fond f'termini tal-AuM (ara **Tabella 1**). Id-dejta kollha fl-istħarriġ tkopri 93 % tal-industrija tal-MMFS fis-sitt pajjiżi (jew 89 % tas-settur tal-MMFS tal-UE).

([1]) Il-kopertura hija kemxejn iktar baxxa għall-obbligazzjonijiet minħabba n-nuqqas ta' dejta dwar il-bażi tal-investituri għall-MMFS ibbażati fil-Ġermanja.

*Tabella 1*

**Stħarriġ tal-BERS: kopertura skont il-pajjiż (%)**




*Sors*: Stħarriġ tal-BERS u l-BĊE.
*Noti*: Il-kopertura intenzjonata fir-rigward tal-AuM totali minn MMFS residenti f'kull pajjiż kienet ta' madwar 75 %. Il-partijiet bl-istrixxi jirreferu għar-rappurtar parzjali (i.e. it-tip ta' fondi biss). Il-kopertura fir-realtà hija ogħla jekk jitqies l-għadd doppju (e.g. il-kopertura tilħaq 60 % fil-każ ta' Franza meta jiġu esklużi l-fondi tal-fondi u l-fondi *master-feeder*).

*Tabella 2*

**Kompożizzjoni tal-kampjun (skont l-AuM, %)**




*Sors*: Stħarriġ tal-BERS.
*Noti*: Il-proporzjon tar-rappurtar sħiħ biss.

L-istħarriġ juri li l-fondi CNAV jirrappreżentaw madwar 43 % (jew EUR 433 biljun) tal-AuM totali tal-MMFS Ewropej. Madwar żewġ terzi ta' dawn il-fondi huma bbażati fl-Irlanda (EUR 272 biljun) u terz fil-Lussemburgu (EUR 161 biljun). L-MMFS ibbażati fi Franza huma maqsumin bejn VNAV għal żmien qasir (ST-VNAV) u fondi VNAV oħra (i.e. fondi VNAV esklużi ST-VNAV), 47 % u 36 % rispettivament. Fil-Ġermanja, l-Italja u Spanja, l-MMFS huma kważi esklużivament tat-tip VNAV. Fir-rigward tad-distinzjoni bejn is-CNAV u l-VNAV, għandu jiġi osservat li dawn iċ-ċifri huma bbażati fuq klassifikazzjoni magħmula mill-fondi mistħarrġa stess billi ma hemm ebda definizzjoni legali jew statistika ta' CNAV/VNAV; xi fondi għandhom kemm kategoriji ta' ishma CNAV kif ukoll kategoriji ta' ishma VNAV.

Fir-rigward tan-numru ta' fondi, l-istħarriġ jinkludi 123 fond CNAV li joperaw fil-Lussemburgu u l-Irlanda u li jirrappreżentaw 13 % tan-numru ta' fondi fis-sitt pajjiżi koperti mill-istħarriġ iżda 45 % tal-AuM tagħhom (ara **Skeda 1**). L-istħarriġ ikopri wkoll 330 fond VNAV (li minnhom 124 ST-VNAV) mis-sitt pajjiżi.

*Skeda 1*

**Analiżi tal-AuM u numru ta' fondi skont it-tip u skont il-pajjiż (miljuni ta' EUR)**

| | Franza | | Irlanda | | Lussemburgu | | Spanja | | Italja | | Ġermanja | | Kampjun totali | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nru ta' fondi | AuM | Nru ta' fondi | AuM | Nru ta' fondi | AuM | Nru ta' fondi | AuM | Nru ta' fondi | AuM | Nru ta' fondi | AuM | Nru ta' fondi | AuM |
| CNAV | 0 | 0 | 65 | 272,992 | 58 | 160,976 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 123 | 433,968 |
| | 0,0 % | 0,0 % | 66,3 % | 88,2 % | 19,5 % | 64,2 % | 0,0 % | 0,0 % | 0,0 % | 0,0 % | 0,0 % | 0,0 % | 12,8 % | 44,4 % |
| ST-VNAV | 111 | 185,800 | 3 | 11,701 | 6 | 23,409 | 4 | 208 | 0 | 0 | 0 | 0 | 124 | 221,118 |
| | 25,5 % | 47,0 % | 3,1 % | 3,8 % | 2,0 % | 9,3 % | 5,6 % | 2,3 % | 0,0 % | 0,0 % | 0,0 % | 0,0 % | 12,9 % | 22,6 % |
| VNAV | 95 | 141,840 | 6 | 8,707 | 7 | 19,375 | 67 | 8,774 | 13 | 7,855 | 18 | 4,213 | 206 | 190,763 |
| | 21,8 % | 35,9 % | 6,1 % | 2,8 % | 2,3 % | 7,7 % | 94,4 % | 97,5 % | 92,9 % | 99,0 % | 37,5 % | 69,3 % | 21,4 % | 19,5 % |
| VNAV ohra | 229 | 67,703 | 24 | 16,089 | 228 | 46,849 | 0 | 18 | 1 | 79 | 30 | 1,864 | 512 | 132,603 |
| | 52,6 % | 17,1 % | 24,5 % | 5,2 % | 76,5 % | 18,7 % | 0,0 % | 0,2 % | 7,1 % | 1,0 % | 62,5 % | 30,7 % | 53,1 % | 13,6 % |
| UCITS | 150 | 264,000 | 73 | 290,696 | 20 | 173,908 | 71 | 8,981 | 13 | 7,855 | 8 | 2,864 | 335 | 748,303 |
| | 34,5 % | 66,8 % | 74,5 % | 93,9 % | 6,7 % | 69,4 % | 100,0 % | 99,8 % | 92,9 % | 99,0 % | 16,7 % | 47,1 % | 34,8 % | 76,5 % |
| Mhux UCITS | 56 | 66,443 | 1 | 2,705 | 4 | 10,577 | 0 | 0 | 0 | 0 | 10 | 1,349 | 71 | 81,074 |
| | 12,9 % | 16,8 % | 1,0 % | 0,9 % | 1,3 % | 4,2 % | 0,0 % | 0,0 % | 0,0 % | 0,0 % | 20,8 % | 22,2 % | 7,4 % | 8,3 % |
| Mhux dispo-nibbli | 229 | 64,900 | 24 | 16,070 | 274 | 66,125 | 0 | 18 | 1 | 79 | 30 | 1,864 | 558 | 149,056 |
| | 52,6 % | 16,4 % | 24,5 % | 5,2 % | 91,9 % | 26,4 % | 0,0 % | 0,2 % | 7,1 % | 1,0 % | 62,5 % | 30,7 % | 57,9 % | 15,2 % |
| **Total** | **435** | **395,343** | **98** | **309,471** | **298** | **250,610** | **71** | **8,999** | **14** | **7,934** | **48** | **6,077** | **964** | **978,434** |

*Sors*: Stħarriġ tal-BERS u l-BĊE.
*Noti*: Il-kategorija "Total" tirreferi għall-istatistika tal-BĊE dwar il-partiti tal-karti tal-bilanċ (BSI) tal-MMFS u r-reġistru tal-MFI. Il-kategorija "VNAV oħra" tirreferi għall-fondi mhux koperti mill-istħarriġ. Il-kategorija "Mhux disponibbli" għall-fondi Franċiżi tirreferi għall-iskemi tal-impjegati, fondi *feeder*, fondi tal-fondi u fondi limitati għal investitur wieħed jew għal għadd limitat ta' investituri ("*fonds dédiés*") li jistgħu jkunu kemm UCITS kif ukoll mhux UCITS.

III.2 **Ħarsa ġenerali lejn l-assi tal-MMFS**

Fir-rigward tas-**setturi ekonomiċi**, l-istatistika tal-BĊE dwar l-MMFS turi li l-fondi jinvestu primarjament fis-settur tal-MFI. L-istħarriġ tal-BERS jikkonferma dan u juri li l-MFI għandhom medja ta' 75 % tal-assi tal-MMFS. Bħala regola, ma hemmx differenza fl-iskoperturi fit-tipi ta' fondi differenti (ara **Skeda 2** u **Tabella 4**). L-assi miżmuma mill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (NFC) huma relattivament żgħar (10 %). L-istatistika tal-BĊE turi wkoll it-tnaqqis fir-rilevanza tat-titoli tad-dejn mis-settur tal-NFC fil-portofoll tal-assi tal-MMFS (ara **Tabella 3**) f'dawn l-aħħar snin. Fir-rigward tal-emittenti, il-linji gwida CESR/AETS jillimitaw il-fondi f'termini tal-kwalità tal-kreditu. L-allokazzjoni tal-assi tal-MMFS Ewropej għalhekk hija kkonċentrata fuq ħruġ relattivament żgħir relatat mal-attivitajiet bankarji u l-attivitajiet mhux bankarji ta' kwalità tajba (ara FitchRatings, 2012).

*Skeda 2*

**Allokazzjoni ta' investimenti skont it-tip ta' fond u s-settur (bħala % tal-assi totali)**

| | MFI | Korporazz-jonijiet mhux finanzjarji | Gvern | Inter-medjarji finanzjarji oħra |
|---|---|---|---|---|
| 1 - CNAV | 73,9 % | 9,7 % | 13,7 % | 2,7 % |
| 2 - VNAV għal żmien qasir | 79,7 % | 11,2 % | 8,4 % | 0,7 % |

| | MFI | Korporazz-jonijiet mhux finanzjarji | Gvern | Inter-medjarji finanzjarji oħra |
|---|---|---|---|---|
| 3 - VNAV (barra ST-VNAV) | 74,7 % | 7,9 % | 16,0 % | 1,4 % |
| 1 - UCITS | 75,4 % | 9,3 % | 13,2 % | 2,1 % |
| 2 - Mhux UCITS | 73,7 % | 12,6 % | 12,5 % | 1,2 % |
| Total (Stħarriġ) | 75,2 % | 9,6 % | 13,1 % | 2,1 % |
| | | | | |
| Total (Dejta tal-BĊE) | 75,5 % | 6,6 % | 11,1 % | 6,9 % |

*Sors*: Stħarriġ tal-BERS u l-BĊE.
*Noti*: It-totali tal-BĊE jirreferu biss għall-kontropartijiet fiż-żona tal-euro.

*Tabella 3*

**Assi miżmuma mill-MMFS għall-NFC fiż-żona tal-euro (miljuni ta' EUR u %)**




*Sors*: BĊE.
*Noti*: Il-"Proporzjon tal-assi tal-NFC fiż-żona tal-euro" jirreferi għall-proporzjon tal-assi tal-MMFS maħruġa mill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (NFC) taż-żona tal-euro mill-assi tal-MMFS maħruġa mir-residenti kollha taż-żona tal-euro.

Skont l-analiżi fi Skeda 2, l-MMFS jirrappreżentaw sors ta' finanzjament importanti għall-banek meta jitqabbel ma' setturi oħrajn. L-istatistika tal-BĊE dwar il-ħruġ tat-titoli tagħti evidenza tar-rilevanza tal-MMFS fir-rigward tal-finanzjament għal żmien qasir (i.e. b'maturitajiet ta' inqas minn sena) tal-MFI taż-żona tal-euro. Kif jidher minn Skeda 3, huma għandhom madwar 40 % tad-dejn għal żmien qasir maħruġ mill-banek fiż-żona tal-euro.

*Skeda 3*

**Proporzjon tad-dejn totali għal żmien qasir tal-MFI taż-żona tal-euro miżmum mill-MMFS taż-żona tal-euro (miljuni ta' EUR u %)**

| Perjodu | Assi tal-MMF | Ħruġ ta' titoli | Proporzjon |
|---|---|---|---|
| 2010T2 | 320 802 | 734 187 | 43,7 % |
| 2010T3 | 314 738 | 743 246 | 42,3 % |
| 2010T4 | 299 593 | 572 050 | 52,4 % |
| 2011T1 | 289 694 | 617 695 | 46,9 % |
| 2011T2 | 245 488 | 582 244 | 42,2 % |
| 2011T3 | 238 795 | 613 012 | 39,0 % |

| Perjodu | Assi tal-MMF | Ħruġ ta' titoli | Proporzjon |
|---|---|---|---|
| 2011T4 | 228 310 | 702 274 | 32,5 % |
| 2012T1 | 258 594 | 710 553 | 36,4 % |
| 2012T2 | 254 974 | 677 840 | 37,6 % |

*Sors*: BĊE.

Barra dan, filwaqt li l-fondi VNAV ibbażati fi Franza għandhom skopertura sostanzjali għas-settur lokali tal-MFI (banek u MMFS oħra) il-fondi CNAV fl-Irlanda għandhom skopertura sostanzjali għall-MFI li mhumiex fl-UE (ara **Skeda 4** u **Tabella 4**). Min-naħa l-oħra, il-fondi bbażati fil-Lussemburgu jinvestu aktar f'MFI bbażati fl-UE barra mil-Lussemburgu. Fl-aħħar, f'termini relattivi, l-MMFS fil-Ġermanja, l-Italja u Spanja jinvestu aktar fis-settur tal-gvern tal-pajjiż.

*Skeda 4*

**Analiżi magħżula tal-investimenti tal-MMFS skont ir-reġjun/it-tip ta' fond u s-settur (miljuni ta' EUR)**

| | Fondi CNAV ibbażati fl-Irlanda | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | MFI | NFC | Gvern | OFI | Total |
| Lokali | 12 661 | 1 531 | 57 | 2 | 14 251 |
| Oħrajn UE | 75 205 | 4 644 | 6 997 | 808 | 87 654 |
| Mhux UE | 127 647 | 18 440 | 19 188 | 6 213 | 171 488 |
| Total | 215 513 | 24 615 | 26 242 | 7 023 | 273 393 |

| | Fondi CNAV ibbażati fil-Lussemburgu | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | MFI | NFC | Gvern | OFI | Total |
| Lokali | 965 | 0 | 446 | 0 | 1 411 |
| Oħrajn UE | 57 262 | 9 463 | 6 237 | 3 631 | 76 593 |
| Mhux UE | 32 954 | 6 101 | 23 906 | 735 | 63 696 |
| Total | 91 181 | 15 564 | 30 589 | 4 367 | 141 700 |

| | Fondi VNAV ibbażati fi Franza | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | MFI | NFC | Gvern | OFI | Total |
| Lokali | 109 905 | 12 087 | 4 709 | 555 | 127 256 |
| Oħrajn UE | 53 949 | 11 218 | 1 732 | 50 | 66 949 |
| Mhux UE | 3 100 | 678 | 0 | 0 | 3 778 |
| Total | 166 954 | 23 983 | 6 441 | 605 | 197 982 |

| | Fondi bbażati fil-Ġermanja, l-Italja u Spanja | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | MFI | NFC | Gvern | OFI | Total |
| Lokali | 6 390 | 213 | 10 093 | 101 | 16 797 |
| Oħrajn UE | 1 887 | 338 | 1 345 | 136 | 3 706 |
| Mhux UE | 284 | 54 | 237 | 8 | 583 |
| Total | 8 561 | 604 | 11 675 | 245 | 21 086 |

*Sors*: Stħarriġ tal-BERS.
*Noti*: Il-kopertura totali hija 65 % tal-AuM mill-MMFS ibbażati fis-sitt pajjiżi li bagħtu t-tagħrif.

*Tabella 4*

**Proporzjon tal-investimenti fl-MFI skont l-oriġini ġeografika (%)**




*Sors*: Stħarriġ tal-BERS.
*Noti*: "Oħrajn" jinkludu fondi minn Franza, l-Italja, Spanja u l-Ġermanja kif ukoll fondi VNAV mill-Irlanda u l-Lussemburgu. Il-kopertura hija 100 % tal-istħarriġ tal-BERS u madwar 70 % tat-total tal-AuM tal-MMFS tal-UE.

Fir-rigward tat-**tip ta' assi**, l-istħarriġ juri li l-istrumenti tas-suq tal-flus (e.g. karti kummerċjali, ċertifikati ta' depożitu) huma l-kategorija ta' assi l-aktar importanti fil-portafolli tal-MMFS (ara **Skeda 5**). Ir-*repos* irriversjati, li jintużaw mill-MMFS biex jipprovdu likwidità bi skambju għal kollateral, jammontaw għal 9 % biss tat-total tal-AuM u kważi kollha huma għand entitajiet oħra tal-MFI. It-titoli koperti b'assi (ABS) jirrappreżentaw biss frazzjoni żgħira. Il-perċentwali ta' "flus kontanti" (i.e. depożiti mingħajr maturità jew b'maturità mhux stabbilita) huwa 6,6 % tal-assi fil-kampjun; madankollu, il-preċentwali hu ogħla għall-fondi CNAV ibbażati fl-Irlanda (11 %) milli għal fondi oħra (e.g. 2 % għal CNAV ibbażati fil-Lussemburgu u 2,5 % għal ST-VNAV ibbażati fi Franza).

*Skeda 5*

**Allokazzjoni tal-investimenti skont it-tip ta' fond u l-istrumenti tal-assi (%)**

| | Flus kontanti | Strumenti tas-suq monetarju | | Reverse repos | | Titoli koperti b'assi (ABS) | Dejn tal-gvern | Strumenti oħra / mhux allokati |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | minnhom MFI | | minnhom MFI | | | |
| 1 - CNAV | 7,9 % | 58,1 % | 48,9 % | 11,4 % | 11,3 % | 1,1 % | 13,7 % | 7,9 % |
| 2 - VNAV għal żmien qasir | 4,0 % | 77,5 % | 67,3 % | 5,8 % | 5,8 % | 0,1 % | 8,4 % | 4,5 % |
| 3 - VNAV (barra ST-VNAV) | 5,3 % | 66,5 % | 59,1 % | 5,3 % | 5,2 % | 0,0 % | 16,1 % | 7,0 % |
| 1 - UCITS | 6,4 % | 62,9 % | 54,1 % | 9,7 % | 9,6 % | 0,7 % | 13,2 % | 7,3 % |
| 2 - Mhux UCITS | 8,9 % | 73,6 % | 61,1 % | 1,2 % | 1,2 % | 0,1 % | 12,6 % | 4,1 % |
| Total | 6,6 % | 63,7 % | 54,7 % | 9,0 % | 9,0 % | 0,7 % | 13,1 % | 7,0 % |

*Sors*: Stħarriġ tal-BERS.
*Noti*: Proporzjon bħala perċentwali tat-total tal-AuM koperti fl-istħarriġ. Il-kategorija "Flus kontanti" tinkludi depożiti bankarji bla restrizzjonijiet. Depożiti b'maturità fissa huma inklużi fil-kategorija "Strumenti oħra".

L-istħarriġ jinkludi wkoll dejta dwar il-**maturità** tal-assi tal-MMFS; jidher li l-fondi CNAV għandhom profil tal-likwidità aktar konservattiv billi joperaw b'maturitajiet iqsar minn fondi oħra. Pereżempju, madwar 39 % (EUR 133 biljun) tal-AuM ta' CNAV jimmaturaw fi żmien ġimgħa meta jitqabblu ma' 22 % għal MMFS VNAV għal żmien qasir (l-aktar fi Franza) u 16 % għal MMFS VNAV oħra (ara **Skeda 6**). [1]

*Skeda 6*

**Analiżi tal-assi skont it-tip ta' fond u skont l-intervall tal-iskadenza tal-maturità tal-assi (%)**

| | jum jew anqas/ overnight | > jum; ≤ ġimgħa | > ġimgħa; ≤ xahar | > xahar; ≤ 3 xhur | > 3 xhur; ≤ 6 xhur | > 6 xhur; ≤ sena | > sena; ≤ 397 jum | > 397 jum (MMF li mhumiex ST-MMF) | Kopertura |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 - CNAV | 26,3 % | 12,7 % | 16,9 % | 26,1 % | 11,5 % | 6,1 % | 0,3 % | 0,0 % | 82 % |
| 2 - VNAV għal żmien qasir | 16,9 % | 4,8 % | 18,3 % | 41,0 % | 13,0 % | 5,9 % | 0,0 % | 0,0 % | 100 % |
| 3 - VNAV (barra ST-VNAV) | 12,4 % | 3,3 % | 13,5 % | 32,7 % | 20,4 % | 16,3 % | 1,5 % | 2,4 % | 99 % |
| 1 - UCITS | 21,9 % | 8,8 % | 16,7 % | 30,5 % | 13,4 % | 8,2 % | 0,5 % | 0,6 % | 87 % |
| 2 - Mhux UCITS | 14,5 % | 2,7 % | 15,3 % | 36,5 % | 19,7 % | 10,8 % | 0,4 % | 0,3 % | 100 % |
| Total | 21,1 % | 8,8 % | 16,5 % | 30,9 % | 13,8 % | 8,4 % | 0,5 % | 0,5 % | 89 % |

*Sors*: Stħarriġ tal-BERS.
*Noti*: "Kopertura" tirreferi għall-proporzjon mit-total tal-AuM (kif identifikat fl-istħarriġ) b'dejta disponibbli dwar l-analiżi tal-maturitajiet. Il-kategorija "jum jew anqas" tinkludi wkoll depożiti bla maturità jew b'maturità mhux stabbilita.

Fl-aħħar, l-istatistika tal-BĊE tipprovdi wkoll ħarsa ġenerali lejn l-assi tal-fondi skont il-munita. Iċ-ċifri fi Skeda 7 juru li l-akbar proporzjon ta' assi miżmuma mill-MMFS Irlandiżi huwa denominat f'GBP, filwaqt li l-akbar proporzjon miżmum mill-MMFS ibbażati fil-Lussembrugu huwa denominat f'USD. L-assi denominati f'muniti oħra li mhumiex l-euro huma parti negliġibbli mit-total tal-AuM mill-fondi fi Franza, il-Ġermanja, l-Italja u Spanja. L-evidenza storika tissuġġerixxi li l-MMFS m'għandhomx diskrepanzi sinifikanti bejn munita u oħra.

*Skeda 7*

**Analiżi skont il-munita tal-assi għall-MMFS ibbażati fl-Irlanda, il-Lussemburgu u Franza (miljuni ta' EUR u %)**

| | Munita ta' denominazzjoni tal-assi | Titoli tad-dejn MFI lokali | Titoli tad-dejn MFI oħrajn ŻE | Titoli tad-dejn mhux MFI lokali | Titoli tad-dejn mhux MFI oħrajn ŻE | Titoli tad-dejn barra ŻE | Depożiti barra ŻE | Assi oħra | Totali skont il-munita | % skont il-munita |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Irlanda | *EUR* | 180 | 14 359 | 1 246 | 7 470 | 18 839 | 10 929 | | 53 023 | 17,13 % |
| | *USD* | 176 | 9 157 | 5 | 542 | 66 759 | 18 737 | | 95 376 | 30,82 % |
| | *GBP* | 108 | 25 300 | 285 | 2 596 | 86 313 | 32 525 | | 147 127 | 47,54 % |
| | *CHF* | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | | 0 | 0,00 % |
| | *JPY* | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | | 0 | 0,00 % |
| | *Mhux disponibbli* [1] | | | | | | | 13 945 | 13 945 | 4,51 % |
| | *Totali skont l-intestatura* | *464* | *48 816* | *1 536* | *10 608* | *171 911* | *62 191* | *13 945* | *309 471* | *100,00 %* |

[1] Il-perċentwali jirreferu għat-total tal-AuM ta' fondi koperti mill-istħarriġ tal-BERS u li għalihom hemm disponibbli analiżi tal-maturità (e.g. 81 % tat-total tal-AuM għal fondi CNAV u 100 % għal kategoriji oħra ta' fondi). Dawn il-perċentwali jistgħu għalhekk jinbidlu jekk il-kopertura tiġi estiża għall-fondi kollha.

| | Munita ta' denominazzjoni tal-assi | Titoli tad-dejn MFI lokali | Titoli tad-dejn MFI ohrajn ŻE | Titoli tad-dejn mhux MFI lokali | Titoli tad-dejn mhux MFI ohrajn ŻE | Titoli tad-dejn barra ŻE | Depożiti barra ŻE | Assi ohra | Totali skont il-munita | % skont il-munita |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Lussemburgu | *EUR* | 712 | 20 257 | 1 277 | 30 303 | 18 660 | 6 631 | | 77 840 | 31,06 % |
| | *USD* | 838 | 8 848 | 111 | 5 700 | 61 630 | 35 607 | | 112 734 | 44,98 % |
| | *GBP* | 211 | 3 642 | 19 | 2 803 | 9 034 | 3 825 | | 19 534 | 7,79 % |
| | *CHF* | 167 | 2 026 | 0 | 655 | 1 894 | 301 | | 5 043 | 2,01 % |
| | *JPY* | 0 | 0 | 0 | 75 | 362 | 0 | | 437 | 0,17 % |
| | *Mhux disponibbli* (1) | | | | | | | 35 022 | 35 022 | 13,97 % |
| | *Totali skont l-intestatura* | *1 928* | *34 773* | *1 407* | *39 536* | *91 580* | *46 364* | *35 022* | *250 610* | *100,00 %* |
| Franza | *EUR* | 155 494 | 45 834 | 31 748 | 31 076 | 38 989 | 860 | | 304 001 | 76,90 % |
| | *USD* | 271 | 124 | 58 | 132 | 263 | 4 | | 852 | 0,22 % |
| | *GBP* | 0 | 0 | 0 | 0 | 45 | 0 | | 45 | 0,01 % |
| | *CHF* | 0 | 320 | 27 | 0 | 341 | 0 | | 688 | 0,17 % |
| | *JPY* | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | | 0 | 0,00 % |
| | *Mhux disponibbli* (1) | | | | | | | 89 757 | 89 757 | 22,70 % |
| | *Totali skont l-intestatura* | *155 765* | *46 278* | *31 833* | *31 208* | *39 638* | *864* | *89 757* | *395 343* | *100,00 %* |

*Sors*: BĊE.

(1) Il-kategorija "Mhux disponibbli" tirreferi għall-investimenti tal-MMFS (i) f'ishma u ekwitajiet oħra (ġeneralment negliġibbli) (ii) f'ishma ta' MMFS oħra u (iii) fl-assi li jibqa'. Fil-każ ta' Franza, il-komponent (ii) huwa sinifikanti, madwar EUR 50 biljun, x'aktarx denominati bl-euro.

### III.3 Ħarsa ġenerali lejn l-investituri tal-MMFS

L-istatistika tal-BĊE dwar l-MMFS toffri biss ħarsa ġenerali lejn il-kompożizzjoni tal-investituri tal-MMFS, b'mod partikolari għaż-żona tal-euro. Id-dejta mill-istħarriġ tal-BERS tikkomplementa l-istatistika tal-BĊE b'informazzjoni supplimentari dwar l-analiżi settorjali tal-bażi tal-investituri, b'mod partikolari għal investituri minn barra ż-żona tal-euro. Skeda 8 tiġbor fil-qosor l-analiżi ġeografika tal-investituri tal-MMFS skont ir-reġjun u t-tip ta' fond miż-żewġ sorsi disponibbli.

Fir-rigward tal-**analiżi ġeografika**, il-fondi bbażati fi Franza, l-Italja u Spanja juru b'mod ċar li għandhom bażi ta' investituri lokali, filwaqt li l-fondi bbażati fl-Irlanda u l-Lussemburgu jiddependu ferm aktar mid-domanda barranija. Madankollu jeżistu xi diskrepanzi bejn iż-żewġ sorsi ta' dejta fil-kompożizzjoni ġeografika tal-investituri, b'mod partikolari l-qasma bejn l-investituri taż-żona tal-euro/l-UE *vis-à-vis* l-bqija tad-dinja fil-każ ta' fondi bbażati fl-Irlanda u l-Lussemburgu (ara **Skeda 8**). Dawn jistgħu jkunu dovuti għal koperturi differenti u d-diffikultajiet oġġettivi tal-maniġers tal-fondi biex jikklassifikaw ir-reġjun u s-settur tal-oriġini tal-investituri tagħhom. Skont id-dejta tal-istħarriġ, l-investituri residenti barra mill-UE jammontaw għal parti mdaqqsa tal-bażi tal-investituri tal-MMFS (41 %), li hija ferm ikbar fil-każ tal-Irlanda (70 %). Għal din ir-raġuni, 90 % tal-investituri residenti barra mill-UE fl-MMFS tal-UE għażlu li jinvestu f'fondi CNAV. Fl-aħħar, il-bażi tal-investituri tal-MMFS Ġermaniżi hija disponibbli biss fl-istatistika tal-BĊE, u din turi predominanza ta' investituri lokali.

*Skeda 8*

**Tqabbil tal-analiżi ġeografika tal-investituri fl-MMFS Ewropej bejn l-istatistika tal-BĊE u l-istħarriġ tal-BERS (f'miljuni ta' EUR u %)**

| | | LOKALI | ŻONA EURO (barra lokali) | UE (barra lokali) | Bqija tad-dinja (1) | Residwi | Total (Miljuni EUR) | LOKALI | ŻONA EURO (barra lokali) | UE (barra lokali) | Bqija tad-dinja |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Franza | Dejta BĊE | 368 496 | 16 718 | n/a | 2 676 | 7 453 | 395 343 | 93 % | 4 % | n/a | 1 % |
| | Stħarriġ | 193 645 | n/a | 2 475 | 67 | n/a | 196 187 | 99 % | n/a | 1 % | 0 % |
| Irlanda | Dejta BĊE | 15 789 | 36 487 | n/a | 252 693 | 4 502 | 309 471 | 5 % | 12 % | n/a | 82 % |
| | Stħarriġ | 17 018 | n/a | 71 563 | 202 364 | n/a | 290 945 | 6 % | n/a | 25 % | 70 % |

| | | LOKALI | ŻONA EURO (barra lokali) | UE (barra lokali) | Bqija tad-dinja ([1]) | Residwi | Total (Miljuni EUR) | LOKALI | ŻONA EURO (barra lokali) | UE (barra lokali) | Bqija tad-dinja |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Lussemburgu | Dejta BĊE | 10 172 | 81 766 | n/a | 152 159 | 6 513 | 250 610 | 4 % | 33 % | n/a | 61 % |
| | Stħarriġ | 12 493 | n/a | 92 651 | 79 340 | n/a | 184 485 | 7 % | n/a | 50 % | 43 % |
| Italja | Dejta BĊE | 7 820 | 12 | n/a | 22 | 80 | 7 934 | 99 % | 0 % | n/a | 0 % |
| | Stħarriġ | 7 820 | n/a | 15 | 20 | n/a | 7 854 | 100 % | n/a | 0 % | 0 % |
| Spanja | Dejta BĊE | 8 860 | 72 | n/a | 28 | 39 | 8 999 | 98 % | 1 % | n/a | 0 % |
| | Stħarriġ | 8 881 | n/a | 100 | 0 | n/a | 8 981 | 99 % | n/a | 1 % | 0 % |
| Ġermanja | Dejta BĊE | 4 120 | 1 547 | n/a | 384 | 26 | 6 077 | 68 % | 25 % | n/a | 6 % |
| | Stħarriġ | n/a | n/a | n/a | n/a | n/a | n/a | n/a | n/a | n/a | n/a |
| Total | Dejta BĊE | 435 941 | 137 229 | n/a | 408 653 | 18 736 | 1 000 559 | 44 % | 14 % | n/a | 41 % |
| | Stħarriġ | 239 857 | n/a | 166 804 | 281 791 | | 688 452 | 35 % | n/a | 24 % | 41 % |

*Sors*: Stħarriġ tal-BERS u l-BĊE.

([1]) Ekwivalenti għal residenti barra mill-UE għall-istħarriġ tal-BERS u għal residenti barra ż-żona tal-euro għas-sensiela tad-dejta tal-BĊE.

L-inċertezza dwar id-dejta li għandha x'taqsam mal-bażi tal-investituri tkompli tidher ċara mid-dejta tal-IMMFSA, li tindika proporzjon ferm iżgħar ta' investituri mhux ibbażati fl-UE għall-fondi CNAV tal-UE (ara **Tabella 5**).

*Tabella 5*

**Investituri fl-MMFS tal-IMMFA skont il-pajjiż (Diċembru 2010)**




*Sors*: IMMFA (imsemmi fid-Dokument Okkażjonali tal-BERS, 2012).

Meta wieħed iħares lejn l-**analiżi settorjali** tal-bażi tal-investituri tal-MMFS tal-UE (ara **Skeda 9**) l-istħarriġ juri l-importanza tas-settur tal-MFI bħala investitur (32 % tal-bażi tal-investituri); is-settur korporattiv jiġi fit-tieni post bi proporzjon ta' 21 %, segwit mill-kumpaniji tal-assigurazzjoni u s-settur tal-fondi tal-pensjoni (ICPF) bi 13 %, u istituzzjonijiet finanzjarji oħra (OFI; e.g. fondi oħra ta' investiment, *hedge funds*) bi 12 %. Għalhekk, l-MMFS mhumiex biss sors ta' finanzjament importanti għall-banek iżda l-banek stess huma wkoll investituri importanti fl-MMFS.

*Skeda 9*

**Bażi tal-investituri għal kategoriji magħżula ta' fondi (miljuni ta' EUR u %)**

| Tip ta' fondi | Pajjiżi | TOTAL (Miljuni ta' EUR) | MFI | NFC | OFI | ICPF | IND | Ohrajn/mhux dispo-nibbli | Kopertura ([1]) | Koper-tura aġġus-tata |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 - CNAV | Irlanda | 272 962 | **37,8 %** | **10,7 %** | **22,0 %** | 3,2 % | 0,1 % | 26,3 % | 100,0 % | 73,7 % |
| | Lussemburgu | 141 700 | **48,8 %** | **32,5 %** | 1,5 % | 3,1 % | **13,5 %** | 0,6 % | 88,0 % | 87,5 % |
| 2 - VNAV għal żmien qasir | Franza | 103 389 | 14,7 % | 22,4 % | 1,1 % | 50,7 % | 5,1 % | 6,0 % | 55,6 % | 49,7 % |
| | Pajjiżi oħra | 35 598 | 21,5 % | 11,2 % | 31,9 % | 24,7 % | 1,1 % | 9,5 % | 100,0 % | 90,5 % |
| 3 - VNAV (barra ST-VNAV) | Franza | 92 798 | **25,5 %** | **44,0 %** | 5,7 % | 10,0 % | 5,7 % | 9,1 % | 65,4 % | 56,3 % |
| | Pajjiżi oħra | 44 710 | 8,7 % | 3,0 % | 5,5 % | 10,2 % | **55,0 %** | 17,5 % | 100,0 % | 82,5 % |
| 1 - UCITS | Pajjiżi kollha | 636 383 | 34,4 % | 20,2 % | 12,7 % | 10,6 % | 7,1 % | 15,0 % | 99,4 % | 84,4 % |
| 2 - Mhux UCITS | Pajjiżi kollha | 54 774 | 7,4 % | 29,1 % | 2,3 % | 37,8 % | 17,6 % | 5,8 % | 97,6 % | 91,8 % |
| Total | Pajjiżi kollha | 691 157 | 32,2 % | 20,9 % | 11,9 % | 12,7 % | 7,9 % | 14,3 % | 70,6 % | 56,4 % |

*Sors*: Stħarriġ tal-BERS.

([1]) Kopertura skont it-tip ta' fondi kkalkulata b'referenza għat-totali tar-rappurtar sħiħ u parzjali. Il-kopertura għat-totali tiġi kkalkulati fir-rigward tat-total tal-popolazzjoni tal-fondi tas-sitt pajjiżi li bagħtu tagħrif skont id-dejta tal-BĊE. Il-kopertura aġġustata hija l-kopertura nnettjata tal-kategorija "Ohrajn/mhux disponibbli". **Iċ-ċelloli mmarkati bl-aħmar jirreferu għal aktar minn EUR 20 biljun**.

Meta wieħed iħares lejn xi **speċifiċitajiet nazzjonali**, id-dejta turi d-dominanza tal-investituri tal-MFI għal fondi CNAV ibbażati fil-Lussembrugu u l-Irlanda; il-fondi CNAV Irlandiżi huma wkoll rilevanti ħafna għall-investituri minn OFI barra l-UE (22 %). Il-kumpaniji tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjoni huma l-investituri ewlenin fil-fondi ST-VNAV ibbażati fi Franza. L-akbar konċentrazzjoni ta' investimenti minn NFC fl-MMFS hija osservata għall-fondi CNAV ibbażati fil-Lussembrugu (EUR 46 biljun), għall-fondi VNAV ibbażati fi Franza barra dawk ST (EUR 41 biljun) u għall-fondi CNAV Irlandiżi (EUR 29 biljun). Fl-aħħar, il-maġġoranza l-kbira tal-investituri tal-MMFS fi Spanja u l-Italja jiġu mis-settur tal-individwi u l-familji. Iċ-ċifra totali għall-investimenti tal-individwi tal-UE fl-MMFS għas-sitt pajjiżi li bagħtu t-tagħrif tlaħħaq EUR 32 biljun. Il-fondi CNAV tal-Lussemburgu (EUR 16-il biljun) għandhom proporzjon imdaqqas ta' investituri mis-settur tal-individwi u l-familji li mhumiex residenti fl-UE.

## III.4 Konċentrazzjoni tal-industrija

L-industrija Ewropea tal-MMFS hija kkonċentrata ġmielha, b'mod partikolari għall-fondi CNAV. Skont l-istħarriġ, l-aqwa għaxar fondi CNAV fl-Ewropa – minn total ta' 123 – għandhom sehem mis-suq ta' madwar 55 %, li jirrappreżenta EUR 226 biljun (ara **Skeda 10**). Dan jitqabbel ma' 33 % għall-aqwa għaxar fondi VNAV, li lkoll kemm huma minbarra wieħed huma bbażati fi Franza. Fil-każ ta' fondi mhux UCITS, l-aqwa għaxar fondi jammontaw għal 74 % tas-sehem tas-suq. ([1])

*Skeda 10*

**Konċentrazzjoni tal-aqwa 3, 5, 10 u 20 fond għal kategoriji magħżula ta' fondi (%)**

| Fondi | CNAV Irlanda | CNAV Lussem-burgu | Franza | CNAV kollha | VNAV kollha | UCITS | Mhux UCITS | Il-fondi kollha |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-ewwel 3 | 26,10 % | 65,40 % | 16,70 % | 27,60 % | 15,10 % | 16,50 % | 46,10 % | 12,30 % |
| L-ewwel 5 | 38,40 % | 77,30 % | 23,10 % | 36,50 % | 21,10 % | 22,70 % | 55,70 % | 17,60 % |
| L-ewwel 10 | 64,00 % | 86,80 % | 35,90 % | 55,50 % | 32,80 % | 34,40 % | 73,70 % | 26,80 % |

([1]) L-aktar minħabba fond VNAV kbir ibbażat fi Franza li jirrappreżenta 35 % tal-fondi mhux UCITS fl-istħarriġ.

| Fondi | CNAV Irlanda | CNAV Lussem-burgu | Franza | CNAV kollha | VNAV kollha | UCITS | Mhux UCITS | Il-fondi kollha |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-ewwel 20 | 84,30 % | mhux disp. | 50,50 % | 77,60 % | 48,10 % | 52,20 % | 88,80 % | 40,60 % |

*Sors*: Stħarriġ tal-BERS.
*Noti*: Il-proporzjonijiet għall-kategoriji "Franza" u "Il-fondi kollha" huma kkalkulati mat-total ta' AuM kif irrappurtat fl-istatistika tal-BĊE għall-pajjiżi li bagħtu t-tagħrif; għall-kategoriji l-oħra kollha, il-proporzjonijiet jirreferu għat-total tal-AuM ta' fondi li għalihom hemm disponibbli l-informazzjoni korrispondenti (CNAV jew VNAV, UCITS jew mhux UCITS), rispettivament 89 % u 82 % tat-total.

Analiżi tal-konċentrazzjoni skont il-grupp amministrattiv turi li l-aqwa ħames gruppi li jamministraw l-MMFS fl-Ewropa jirrappreżentaw 40 % tal-industrija totali tal-MMFS tal-UE, u l-aqwa għaxra jirrappreżentaw 54 %. L-industrija tal-fondi CNAV hija saħansitra iktar ikkonċentrata, bl-aqwa ħames gruppi jirrappreżentaw 87 % tan-negozju fil-Lussemburgu u 59 % fl-Irlanda. Fir-rigward tal-fondi mhux UCITS, l-aqwa tliet operaturi fl-Ewropa jamministraw madwar 67 % tas-settur. Minn fost l-aqwa għaxar gruppi fl-Ewropa, sebgħa għandhom x'jaqsmu mal-banek (fosthom erbgħa mill-aqwa ħamsa), tnejn huma maniġers tal-assi indipendenti u wieħed jagħmel parti minn grupp tal-assigurazzjoni.

*Skeda 11*

**Konċentrazzjoni tal-industrija tal-MMFS skont il-grupp amministrattiv tal-fondi (%)**

| Sponsors | CNAV Irlanda | CNAV Lussem-burgu | Franza | CNAV kollha | VNAV kollha | UCITS | Mhux UCITS | Il-fondi kollha |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-ewwel 3 | 43,90 % | 84,10 % | 46,20 % | 51,10 % | 43,90 % | 37,90 % | 67,00 % | 30,00 % |
| L-ewwel 5 | 59,30 % | 86,80 % | 58,60 % | 61,10 % | 55,70 % | 47,10 % | 77,00 % | 40,50 % |
| L-ewwel 10 | 73,80 % | mhux disp. | 71,10 % | 81,60 % | 70,20 % | 62,30 % | 91,90 % | 53,60 % |

*Sors*: Stħarriġ tal-BERS
*Noti*: Il-proporzjonijiet għall-kategoriji "Franza" u "Il-fondi kollha" huma kkalkulati mat-total tal-AuM kif irrappurtat fl-istatistika tal-BĊE għall-pajjiżi li bagħtu t-tagħrif; għall-kategoriji l-oħra kollha, il-proporzjonijiet jirreferu għat-total tal-AuM ta' fondi li għalihom hemm disponibbli l-informazzjoni korrispondenti (CNAV jew VNAV, UCITS jew mhux UCITS), rispettivament 89 % u 82 % tat-total.

### III.5 **Devjazzjoni tal-fondi CNAV mill-parità**

Fil-passat, l-MMFS Ewropej urew devjazzjonijiet bejn il-prezz parallel u l-prezz kostanti tagħhom (i.e. batew telf mhux realizzat ikkalkulat bil-prezz tas-suq). Skont l-istħarriġ tal-BERS, minn kampjun ta' 76 fond (b'AuM ta' EUR 414-il biljun) 18-il fond CNAV ħabbtu wiċċhom ma' devjazzjonijiet ta' mhux aktar minn 10 bps u 15-il fond CNAV kellhom devjazz-jonijiet ta' aktar minn 10 bps fil-perjodu bejn Ġunju 2007 u Ġunju 2012 (ara **Skeda 12**). Barra dan, 13 minn 15-il fond CNAV li ħabbtu wiċċhom ma' devjazzjonijiet ta' aktar minn 10 bps jammontaw għal madwar EUR 72 biljun tal-AuM ([1]); dawn jinkludu tlieta mill-akbar għaxar fondi fil-kampjun. Madankollu, għal xi fondi, id-devjazzjonijiet kienu limitati għall-avveniment marbut mal-kreditu wara l-kollass ta' Lehman fl-2008. Għandu jiġi osservat li din id-dejta tkopri kemm il-perjodi qabel kif ukoll il-perjodi wara r-riforma regolatorja tal-MMFS li saret minn CESR/AETS, u li d-devjazzjonijiet li seħħew matul dawn il-perjodi ma jistgħux jingħażlu mid-dejta tal-istħarriġ.

*Skeda 12*

**Devjazzjonijiet tal-fondi CNAV mill-parità fil-perjodu bejn Ġunju 2007 u Ġunju 2012 (miljuni ta' EUR u %)**

| Devjazzjoni | Total | bid-dejta dwar id-daqs disponibbli | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Għadd ta' fondi | Għadd ta' fondi | Total NAV | Proporzjon | NAV l-ewwel 3 |
| Sa 10 bps | 18 | 13 | 77,872 | 28,00 % | 45,935 |
| 11-il bps jew aktar | 15 | 12 | 72,253 | 26,50 % | 45,935 |

*Sors*: Stħarriġ tal-BERS.
*Noti*: Għadd ta' devjazzjonijiet mill-parità fil-perjodu bejn Ġunju 2007 u Ġunju 2012; kopertura: 78 CNAV (id-dejta dwar id-daqs tal-fondi hija disponibbli għal 65 fond biss).

([1]) Id-dejta għaż-żewġ fondi CNAV l-oħra mhijiex disponibbli.

## IV. RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-BERS

### IV.1 Ambitu tar-Rakkomandazzjonijiet

L-**għan tal-politika** li jiggwida r-Rakkomandazzjonijiet tal-BERS huwa li jtaffi r-riskji maħluqa mill-MMFS ibbażati fl-UE għall-istabbiltà finanzjarja li tirriżulta mill-karatteristiċi tagħhom simili għal dawk ta' bank u s-suxxettibbiltà tagħhom għal azzjonijiet min-naħa tal-investituri (b'mod partikolari għall-fondi CNAV). Ir-Rakkomandazzjonijiet jippruvaw jinfurzaw ukoll l-implimentazzjoni xierqa u konsistenti fl-Ewropa tar-Rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-IOSCO.

Il-Kummissjoni indikat l-intenzjoni tagħha li tiżviluppa miżuri leġiżlattivi li jkunu jgħoddu għall-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-UCITS u l-MMFS. B'koerenza mal-għan ta' implimentazzjoni armonizzata mifruxa fl-UE kollha, il-Kummissjoni hija l-uniku **destinatarju** tar-Rakkomandazzjonijiet tal-BERS. Il-Kummissjoni tista' tfittex il-parir tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE), b'mod speċjali tal-AETS, fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-BERS u, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni armonizzata tar-Rakkomandazzjonijiet, tista' titlobhom jiżviluppaw l-istandards tekniċi, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa (fosthom il-mudelli ta' rappurtar u divulgazzjoni). It-twaqqif ta' standards tekniċi li għandhom x'jaqsmu mar-regolamenti dwar l-MMFS mhuwiex fl-ambitu ta' dan l-anness.

Fir-rigward tal-perjodu ta' implimentazzjoni għar-Rakkomandazzjonijiet, u skont l-iskeda ta' żmien maħsuba għar-riforma tal-qafas tal-UCITS, il-Kummissjoni hija mistiedna tibgħat rapport lill-BERS sa tmiem Ġunju 2013 u sa tmiem Ġunju 2014 dwar il-progress li jkun sar dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet. Għal Rakkomandazzjoni A, qegħdin jiġu proposti wkoll dispożizzjonijiet temporanji.

F'termini ta' **kopertura tal-fondi**, skont ir-Rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO, ir-Rakkomandazzjonijiet tal-BERS jikkonċentraw fuq l-impriżi tal-investiment kollettiv (CIU) ibbażati fl-UE li jiġu offruti/jinbiegħu lil investituri li jfittxu li jżommu l-kapital, jipprovdu likwidità ta' kuljum u jimmiraw għal redditi li jkunu konformi mar-rati tas-suq tal-flus. B'mod partikolari huma jindirizzaw fondi li għandhom it-tikketta u jinbiegħu bħala MMFS jew bħala li jkollhom il-karatteristiċi ta' MMFS (i.e. li jfittxu li jżommu l-valur tal-kapital, il-fidi ta' kuljum u r-rati tas-suq tal-flus) jew fondi mibjugħin b'mod li jagħtu dik l-impressjoni (e.g. jinbiegħu bħala fondi ta' flus kontanti, fondi likwidi jew fondi ta' likwidità, jew fondi b'maturità qasira). Jekk ma ssir ebda referenza espliċita għat-tip ta' fond (e.g. CNAV, VNAV, MMFS għal żmien qasir, UCITS, mhux UCITS), ir-Rakkomandazzjonijiet tal-BERS huma maħsubin biex ikopru t-tipi kollha ta' MMFS Ewropej kif definiti aktar 'il fuq, irrispettivament minn isimhom jew mill-qafas regolatorju applikabbli.

Hawn taħt tinsab diskussjoni dettaljata dwar kull Rakkomandazzjoni, flimkien mar-raġunament ekonomiku warajha u evalwazzjoni tagħha, fosthom il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li jista' jkollha u, jekk ikun il-każ, l-impatt potenzjali fuq is-suq. Għall-evalwazzjoni, isir użu estensiv mill-istudji ta' riċerka, mir-riżultati tal-ġbir ta' dejta speċifika u mid-diskussjonijiet mal-parteċipanti fis-suq.

### IV.2 Rakkomandazzjoni A – Ċaqliqa obbligatorja għall-valur tal-assi netti varjabbli

***Il-Kummissjoni hija rakkomandata tiżgura li l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea:***

1. ***titlob li l-MMFS ikollhom valur tal-assi netti varjabbli***;

2. ***titlob li l-MMFS jagħmlu użu ġenerali minn valutazzjoni ġusta u jillimitaw l-użu tal-kontabilità bil-kost amortizzat għal għadd limitat ta' ċirkostanzi definiti minn qabel***.

#### IV.2.1 *Raġunament ekonomiku*

a) Għażliet tal-politika

Konsiderazzjoni ta' riskju sistemiku kbir dwar l-MMFS hija li huma l-entitajiet bankarji paralleli li jwettqu funzjoni ekonomika simili għall-banek. Filwaqt li huma suġġetti għas-superviżjoni tas-suq, m'għandhomx il-forma legali ekwivalenti u l-qafas regolatorju applikabbli għall-banek (ara Taqsima II).

Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO (Ottubru 2012) kif approvati mill-FSB għandhom l-għan li jindirizzaw din il-kwistjoni. Id-dokument konsultattiv tal-FSB (Novembru 2012) dwar l-attività bankarja parallela japprova x-xogħol tal-IOSCO. Dan id-dokument jiddikjara li r-riskji jistgħu jiġu indirizzati b'żewġ modi: (i) billi jitneħħew il-karatteristiċi tal-MMFS li jżidu s-suxxettibbiltà tagħhom għal azzjonijiet min-naħa tal-investituri, i.e. ineħħu l-karatteristiċi simili għad-depożiti li huma jaqsmu mal-banek, (ii) billi jippermettu lill-MMFS iżommu l-karatteristiċi li huma simili għad-depożiti u jimplimentaw miżuri li jtaffu r-riskji bl-istess mod bħar-regolamentazzjoni dwar il-prudenza bankarja.

L-ewwel possibbiltà titlob riformi għall-valutazzjoni tal-ishma tal-MMFS biex jitneħħew il-karatteristiċi simili għad-depożiti. Konsegwentement, il-valutazzjoni tal-ishma trid tirrifletti aħjar il-valur tal-assi sottostanti tal-MMFS. Dan ifisser li l-MMFS ikollhom jużaw il-mudell VNAV u jagħmlu użu ġenerali mill-valutazzjoni ġusta; jekk tkompli tintuża l-kontabilità bil-kost amortizzat, din m'għandhiex tippermetti li l-valur tal-assi jvarja b'mod sinifikanti mill-valur

ġust. Inkella l-MMFS jistgħu jkomplu jitħallew jużaw il-mudell CNAV, bil-kundizzjoni li jkun hemm allinjament aħjar mar-regolamentazzjoni bankarja. B'mod partikolari, ikollhom jaħdmu b'rekwiżiti ekwivalenti għall-kapital, il-likwidità u rekwiżiti prudenzjali oħra li japplikaw għall-banek u jħarsuhom mill-azzjonijiet tal-investituri.

Dan huwa rifless fir-Rakkomandazzjoni 10 tal-IOSCO li tgħid li l-MMFS li joffru NAV stabbli għandhom ikunu suġġetti għal miżuri mfasslin biex inaqqsu r-riskji speċifiċi marbuta mal-karatteristika tagħhom ta' NAV stabbli u biex jinternalizzaw l-ispejjeż li jinħolqu minn dawn ir-riskji. Ir-regolaturi għandhom jitolbu, fejn dan jista' jsir, il-konverżjoni għal NAV fluttwanti/varjabbli. Inkella għandhom jidħlu salvagwardji biex ikomplu jsaħħu l-MMFS b'NAV stabbli u l-kapaċità tagħhom biex jaffrontaw fidi sinifikanti. Fid-dokument konsultattiv tiegħu ta' Novembru 2012 li hemm referenza għalih aktar 'il fuq, l-FSB jgħid ukoll li meta konverżjoni bħal din ma tkunx tista' ssir, is-salvagwardji meħtieġa għandhom ikunu ekwivalenti funzjonalment fl-effett tagħhom għar-rekwiżiti tal-kapital, tal-likwidità u rekwiżiti prudenzjali oħra għall-banek, li jħarsuhom minn azzjonijiet kontra d-depożiti tagħhom. Ir-Rakkomandazzjoni 4 tal-IOSCO tgħid ukoll li l-MMFS għandhom jikkonformaw mal-prinċipju ġenerali tal-valur ġust meta jivvalutaw it-titoli miżmumin fil-portafoll tagħhom. Il-metodu bl-ispiża amortizzata għandu jintuża biss f'ċirkostanzi limitati.

Meta wieħed iqis ċaqliqa minn CNAV għal VNAV, għandha tingħata kunsiderazzjoni bir-reqqa għall-iżviluppi internazzjonali li jkunu għaddejjin (ara Taqsima I.1). L-FSB għandu jiffinalizza l-pakkett tiegħu ta' rakkomandazzjonijiet dwar l-attività bankarja parallela f'Settembru 2013 (FSB, Novembru 2012). Minħabba l-interkonnettività bejn is-swieq u l-kapaċità qawwija ta' adattament tas-sistema tal-attività bankarja parallela, jista' jingħad li l-proposti dwar l-attività bankarja parallela, li l-MMFS hija parti minnha, għandhom ikunu komprensivi u li approċċ parzjali jew mhux komplet jinqabeż faċilment. L-FSB iddikjara li, ladarba jitħejjew ir-rakkomandazzjonijiet finali tiegħu, huwa se jaħdem fuq il-proċeduri biex jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet diversi tal-politika dwar is-sistema bankarja parallela jiġu implimentati kif jixraq. Madankollu, l-FSB mhuwiex qiegħed iqis aktar xogħol fuq ir-rakkomandazzjonijet dwar l-MMFS infushom.

Skont in-natura fundamentali tal-prodott tal-MMFS, l-għażla politika preferuta hija dik li jissaħħu l-karatteristiċi tal-investiment tal-MMFS u li jitnaqqsu l-karatteristiċi bankarji u dawk simili għad-depożiti tagħhom permezz tal-konverżjoni obbligatorja tal-fondi CNAV f'fondi VNAV. Ir-raġunament sottostanti għala wieħed għandu jmur lil hinn mir-Rakkomandazzjoni 10 tal-IOSCO hija biex jitnaqqas l-inċentiv għal azzjonijiet min-naħa tal-investituri, tiżdied it-trasparenza fil-prezzijiet u tonqos l-interkonnettività, kif se jiġi diskuss b'aktar dettalji hawn taħt.

b) Tnaqqis tar-riskji

Filwaqt li l-azzjonijiet min-naħa tal-investituri jistgħu jseħħu bit-tipi kollha ta' fondi li jipprovdu diskrepanza fil-maturità jew likwidità, il-fondi CNAV għandhom karatteristiċi li jissuġġerixxu li investitur x'aktarx li jfittex il-"vantaġġ ta' *first-mover*" f'perjodi ta' tensjoni fis-swieq (ara Taqsima II.1). Il-konverżjoni għal VNAV tnaqqas ir-riskji speċifiċi marbuta mal-fondi CNAV u l-effetti ta' avveniment tal-kreditu. Il-mudell VNAV jista' **jnaqqas l-inċentiv għal azzjoni min-naħa tal-azzjonisti** meta fond iġarrab telf żgħir. Kif deskritt f'Taqsima II, anki telf żgħir jista' jikkawża azzjoni fuq MMFS li tista' tinxtered għal MMFS oħra. Il-vantaġġ ta' *first-mover* maħluq mill-kontabilità bil-kost amortizzat u t-tqarrib lejn ċifri tan-NAV jista' jitnaqqas billi l-azzjonisti jiġu mġiegħla jifdu b'NAV li jirrifletti t-telf attwali u b'hekk jonqos it-trasferiment tat-telf fuq il-bqija tal-azzjonisti.

It-tbegħid mill-kontabilità bl-ispiża amortizzata u t-tqarrib taċ-ċifri jistgħu jagħtu lill-investituri **trasparenza fil-prezzijiet** minħabba li l-prezzijiet tal-ishma jkunu jistgħu jvarjaw bħalma huwa l-każ għal kwalunkwe CIU ieħor, u l-investituri jkunu jistgħu jifhmu aħjar ir-riskji inerenti għal dawn il-fondi u d-differenza tagħhom mid-depożiti. Għalhekk dan jista' jbaxxi l-aspettattivi tal-investitur li l-MMFS jistgħu ma jkunux vulnerabbli għat-telf u jnaqqas il-potenzjal għar-riskju ta' azzjonijiet min-naħa tal-investituri meta fond jonqos milli jissodisfa dawk l-aspettattivi. L-investituri x'aktarx li jistennew, u jaċċettaw, li jkun hemm varjazzjonijiet regolari, bħal fil-każ ta' prodotti oħra tal-investiment, minħabba li mbagħad it-tnaqqis fil-prezzijiet tas-suq mhux bilfors ikun sinjal ta' inadempjenza imminenti tat-titoli tal-portafoll. ([1]) Il-VNAV jista' jnaqqas l-inċertezzi dwar il-kwalità tal-assi tal-portafoll billi dan jiġi rifless fin-NAV.

([1]) Pereżempju fis-sajf tal-2011 kien hemm varjazzjonijiet fil-valur tal-MMFS VNAV Ewropej u dan kien jirrifletti t-tibdil fil-kundizzjonijiet tas-suq u ż-żieda fil-volatilità. Minkejja dawn il-varjazzjonijiet, ftit kien hemm impatt fuq il-fidi u dan jissuġġerixxi li l-investituri jaċċettaw varjazzjonijiet temporanji (fosthom dawk negattivi) fin-NAV tal-fondi tagħhom.

L-MMFS li jinvestu f'maturitajiet qosra ħafna b'inqas riskju għall-kreditu u għar-rata tal-imgħax x'aktarx juru riskju iktar baxx billi n-NAV ivarja inqas. Billi l-investituri jkunu jistgħu jqabblu l-varjazzjonijiet fil-valur minn ġurnata għall-oħra f'kundizzjonijiet differenti tas-swieq, l-informazzjoni tgħin lill-investituri jieħdu deċiżjonijiet li jaqblu aktar mal-preferenzi tagħhom dwar ir-riskju u r-redditu.

Anki jekk il-vantaġġ ta' *first-mover* imsemmi fuq jista' jitnaqqas, l-inċentiv li wieħed jiġbed flusu qabel oħrajn jista' jibqa', għalkemm jonqos. MMFS ma għandux likwidità ta' 100 % kuljum u għalhekk jista' jkun hemm każijiet estremi fejn il-fidi tal-investituri ma jkunx jista' jintlaqa'. Għalhekk fil-każ ta' fidi kbir ħafna l-investituri xorta jista' jkollhom inċentiv biex jifdu (bħal f'kull fond ta' investiment ieħor) għaliex il-fidi sussegwenti jista' jġiegħel lill-fond ibigħ l-assi anqas likwidi u jista' jġarrab telf. L-inċertezzi fil-kontabilità li jidhru wkoll fil-fondi VNAV jistgħu jikkontribwixxu wkoll għar-riskju ta' azzjonijiet min-naħa tal-investituri.

Biex dawn ir-riskji jkomplu jiġu limitati anki fir-rigward tal-fondi VNAV, ir-Rakkomandazzjoni tindirizza l-valutazzjoni ta' strumenti singoli. B'mod ġenerali, l-MMFS għandhom jiżguraw li l-assi jiġu valutati skont il-prezzijiet attwali tas-suq sakemm dawn il-prezzijiet ikunu disponibbli, affidabbli u aġġornati. Meta l-prezzijiet tas-suq ma jkunux disponibbli jew affidabbli, il-fondi għandhom ġeneralment jivvalutaw it-titoli miżmuma fil-portafolli tagħhom permezz ta' mudelli ta' valutazzjoni bbażati fuq il-kurva tar-redditi attwali u l-firxa tal-emittenti.

Ir-Rakkomdandazzjoni ma timplikax il-projbizzjoni sħiħa tal-kontabilità bil-kost amortizzat. Madankollu, jekk il-kontabilità bil-kost amortizzat tibqa' tithalla ssir, għandhom japplikaw salvagwardji qawwija biex jiġi minimizzat ir-riskju ta' żbalji fl-ipprezzar. B'mod konsistenti mar-rakkomandazzjoni tal-IOSCO, il-kontabilità bil-kost amortizzat għandha tintuża biss fejn titqies li tippermetti approssimazzjoni xierqa tal-prezz tal-istrument.

Għandhom jiġu implimentati restrizzjonijiet għall-użu tal-kontabilità bil-kost amortizzat fir-rigward tal-maturità residwa tal-istrument billi dan inaqqas b'mod konsiderevoli r-riskji ta' diskrepanza bejn il-prezz CNAV u l-prezz attwali ta' MMFS. Filwaqt li l-IOSCO tirrakkomanda massimu ta' 90 jum, l-istrumenti b'maturità residwa iktar baxxa jistgħu jagħtu lok għal sensittività għar-riskju tal-imgħax u tal-kreditu. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-MMFS Ewropej (b'mod partikolari l-fondi CNAV) għandhom proporzjon qawwi ta' assi b'maturità residwa ta' inqas minn 90 jum (ara **Tabella 6**). Fl-Istati Uniti s-SEC (1977) tippermetti l-valutazzjoni bil-kost amortizzat fil-fondi komuni biss fil-każ ta' maturità li jibqgħalha 60 jum jew inqas flimkien ma' salvagwardji supplimentari. [1] Anki jekk il-limitazzjonijiet kollha jiġu applikati b'mod kumulattiv, xorta jkun hemm ir-riskju tal-użu estensiv tal-kontabilità bil-kost amortizzat jekk jitqies massimu ta' 90 jum. Fil-każ ta' fond CNAV, żball fl-ipprezzar ta' 0.5 % tal-assi tiegħu jista' jwassal għal inċentiv ta' azzjonijiet mill-investituri, billi dawn jippruvaw jifdu flushom bil-valur nominali qabel ma l-fond jibda jagħmel telf ("*breaks the buck*").

*Tabella 6*

**Profil tal-maturità tal-assi skont it-tip ta' fond (%)**




*Sors*: Stħarriġ tal-BERS.

*Noti*: Il-kategorija "jum jew anqas" tinkludi wkoll depożiti mingħajr maturità jew b'maturità mhux stabbilita. Il-kopertura tal-fondi CNAV hija 82 % tal-AuM.

(1) Bħalissa, ir-Regola 2a-7 tippermetti devjazzjoni minn din ir-regola ġenerali għall-MMFS li jistgħu jużaw il-kontabilità bil-kost amortizzat u t-tqarrib taċ-ċifri mingħajr din il-limitazzjoni. Skont il-FSOC (2012) il-konverżjoni għal VNAV titlob it-tneħħija ta' din l-eżenzjoni u għalhekk l-MMFS iridu jivvalutaw il-portafolli tagħhom bl-istess mod bħall-fondi komuni l-oħra kollha, inkluża l-valutazzjoni bil-kost amortizzat fil-każ biss li l-maturità jkun baqagħalha 60 jum jew inqas u kundizzjonijiet supplimentari oħra.

Ir-Rakkomandazzjoni B dwar ir-rekwiżiti tal-likwidità għandha tindirizza wkoll il-fondi VNAV u tkompli tnaqqas ir-riskji ta' azzjonijiet min-naħa tal-investituri. Madankollu għandu jiġi rikonoxxut li anki jekk ir-riskji x'aktarx jonqsu, ir-riskju ta' azzjonijiet mill-investituri ma jistax jiġi eliminat għalkollox billi l-MMFS jipprovdu t-trasformazzjoni tal-maturità.

Fl-aħħar, ir-Rakkomandazzjoni A tista' tgħin biex jiġi indirizzat ir-riskju sistemiku marbut mal-**interkonnettività** tal-isponsors tal-MMFS, billi kull varjazzjoni tal-VNAV tista' tnaqqas id-dipendenza tal-investituri mis-sostenn impliċitu u diskrezzjonali ta' sponsor. Dan minħabba li l-isponsors tal-fondi VNAV għandhom inqas inċentivi biex jindaħlu u jistabbilizzaw il-prezz tal-ishma.

IV.2.2 *Evalwazzjoni*

a) Il-possibbiltà ta' impatt

L-għażliet tal-politika fir-rigward tal-MMFS għandhom jiġu evalwati bir-reqqa fir-rigward tal-impatt li jista' jkollhom fuq l-istabbiltà finanzjarja u l-funzjonament tas-swieq. L-għażla tal-politika li bħalissa qiegħda tqanqal l-akbar diskussjoni fil-livell internazzjonali hija ċ-ċaqliqa obbligatorja minn MMFS CNAV għal MMFS VNAV. Minħabba r-rabtiet internazzjonali maħluqin mill-MMFS, l-allinjament globali tal-intervent regolatorju għandu jkun l-aħjar soluzzjoni. Madankollu, fid-data ta' dan ir-rapport, mhuwiex magħruf jekk humiex se jsiru aktar riformi regolatorji fl-Istati Uniti (l-akbar suq ta' MMFS fid-dinja) fil-ġejjieni qrib. Fl-istess ħin fl-Ewropa għadhom għaddejjin inizjattivi leġiżlattivi dwar il-qafas tal-UCITS u dawn jistgħu jipprovdu opportunità biex jidħlu miżuri li jkomplu jnaqqsu r-riskji sistemiċi li jirriżultaw mill-MMFS (ara Taqsima I).

Minn naħa waħda, il-konsegwenzi ta' ċaqliqa obbligatorja (unilaterali) lejn il-VNAV għall-MMFS Ewropej jistgħu jkunu insinifikanti għall-industrija Ewropea tal-fondi MMFS minħabba li l-investituri fl-MMFS CNAV mhumiex sensittivi għall-klassifikazzjoni attwali ta' fond u aktar iħabblu rashom dwar l-assi sottostanti tiegħu. Min-naħa l-oħra, jista' jkun hemm ħruġ f'daqqa ta' likwidità mill-fondi CNAV Ewropej lejn ġurisdizzjonijiet oħra jew lejn prodotti alternattivi. Dan jista' jkollu impatt qawwi fuq l-ipprezzar u d-disponibbiltà tal-finanzjament għal żmien qasir għal dawk l-Ewropej li jissellfu, b'mod partikolari l-banek.

Fid-diskussjonijiet organizzati mill-BERS ma' partijiet interessati tas-settur privat, għadd ta' parteċipanti fl-industrija qalu li x'aktarx li ma jkunx hemm tnaqqis fid-domanda tal-investituri tal-UE, għalkemm jista' jkun hemm ċans akbar ta' tnaqqis fid-domanda tal-investituri minn barra l-UE, b'mod partikolari mill-investituri tal-Istati Uniti li jinġibdu b'mod speċjali mill-karatteristika tal-CNAV. It-tnaqqis fid-domanda min-naħa tal-investituri Amerikani jista' jkun imdaqqas jekk ma ssirx jew jekk ma tkun mistennija ssir ebda riforma regolatorja simili fl-Istati Uniti fil-ġejjieni qrib. Għalkemm huwa diffiċli ħafna tkejjel l-impatt ta' ċaqliqa unilaterali lejn il-VNAV li tista' ssir fl-Ewropa, mhux l-inqas minħabba l-inċertezzi fir-rigward tal-imġiba tal-investituri, Taqsima II tagħti xi dejta utli li tista' għallinqas tagħti indikazzjoni.

Il-fondi CNAV għandhom skopertura sostanzjali għall-MFI li mhumiex fl-UE (total ta' EUR 161 biljun) meta titqabbel mal-iskopertura għall-MFI tal-UE (EUR 146 biljun) l-aktar minħabba l-fondi Irlandiżi (EUR 128 biljun, 47 % tat-total tal-AuM). L-iskopertura transkonfinali tal-fondi CNAV Irlandiżi għall-MFI fi ħdan l-UE hija kbira wkoll (EUR 75 biljun). Għal-Lussemburgu, l-iskopertura għall-MFI tal-UE hija ikbar (EUR 58 biljun) minn dik għall-MFI li mhumiex fl-UE (EUR 33 biljun) għalkemm f'dan il-każ il-kopertura hija iktar baxxa u dawn iċ-ċifri jistgħu jissottovalutaw l-iskopertura reali. Għalhekk, il-finanzjament ta' EUR 146 biljun lill-MFI Ewropej jista' jintlaqat minn ċaqliqa obbligatorja lejn il-VNAV għalkemm x'aktarx li parti minn dan il-finanzjament tibqa' investita fl-MFI Ewropej, e.g. permezz tal-investimenti diretti f'titoli maħruġa minn banek Ewropej jew permezz ta' depożiti bankarji.

Hemm inċertezza konsiderevoli fir-rigward tal-analiżi ġeografika tal-investituri tal-MMFS, kif jidher mid-differenzi bejn l-istatistika tal-BĊE u ċ-ċifri tal-istħarriġ *ad hoc* li sar mill-BERS (ara **Skeda 9** f'Taqsima III.3). Il-fondi CNAV huma bbażati l-aktar fl-Irlanda u l-Lussemburgu u Skeda 9 f'Taqsima III.3 tagħti tagħrif dwar l-analiżi ġeografika u settorjali tal-bażi tal-investituri tagħhom (ara wkoll **Tabella 7** u **Tabella 8** hawn taħt).

*Tabella 7*

**Analiżi ġeografika tal-investituri tal-MMF (%)**




*Sors*: Stħarriġ tal-BERS.
*Noti*: "Oħrajn" jinkludu fondi minn Franza, il-Ġermanja, l-Italja u Spanja. Il-kopertura hija 100 % tal-istħarriġ tal-BERS u madwar 70 % tat-total tal-AuM tal-MMFS tal-UE.

*Tabella 8*

**Analiżi settorjali tal-investituri tal-MMF (%)**




*Sors*: Stħarriġ tal-BERS.
*Noti*: "Oħrajn" jinkludu fondi minn Franza, il-Ġermanja, l-Italja u Spanja kif ukoll fondi VNAV mill-Irlanda u l-Lussemburgu. Il-kopertura hija 100 % tal-istħarriġ tal-BERS u madwar 70 % tat-total tal-AuM tal-MMFS tal-UE.

Skont ir-riżultati tal-istħarriġ tal-BERS, il-proporzjon tal-investituri li mhumiex fl-UE fl-MMFS Irlandiżi huwa ta' 70 % (jew EUR 202 biljun) tat-total (ara **Tabella** 7). Madankollu, skont l-istatistika tal-BĊE li tkopri l-popolazzjoni sħiħa tal-MMFS, l-investituri minn barra ż-żona tal-euro jirrappreżentaw 82 % (jew EUR 253 biljun). Madankollu, mhuwiex plawsibbli li l-investituri mir-Renju Unit u minn Stati Membri oħra tal-UE barra ż-żona tal-euro għandhom biss EUR 51 biljun (id-differenza bejn iż-żewġ ċifri) filwaqt li l-fondi denominati bil-GBP fl-Irlanda huma ta' madwar EUR 134 biljun. Għalkemm m'hemmx ċifra preċiża disponibbli, wieħed jista' jqis li ċ-ċifra tal-istħarriġ tal-BERS (EUR 202 biljun) hija l-ogħla limitu ta' intervall; il-limitu ta' taħt jista' jinkiseb mill-istatistika tal-BĊE bħala t-total tas-settur "Bqija tad-dinja" nieqes il-valur totali tal-fondi denominati bil-GBP (i.e. EUR 119-il biljun jew EUR 253 biljun nieqes EUR 134 biljun. Għalhekk, kollox ma' kollox, is-sehem tal-investituri mill-bqija tad-dinja fl-Irlanda jista' jkun bejn EUR 119-il biljun u EUR 202 biljun. Skont l-istħarriġ, dawn l-investituri jinvestu primarjament fil-fondi CNAV (84 %).

Fir-rigward tal-Lussemburgu, id-dejta tal-istħarriġ kienet immirata biss għal kopertura parzjali tal-bażi tal-investituri fl-MMFS, madwar 74 % tat-total tal-flus investiti. Skont din id-dejta, is-settur "Bqija tad-dinja" (i.e. l-investituri minn barra l-UE) jammonta għal madwar EUR 79 biljun, jew 43 % tat-total tal-bażi tal-investituri. Iċ-ċifra ekwivalenti tal-istatistika tal-BĊE, li madankollu tinkludi l-investituri mir-Renju Unit, hija ta' EUR 152 biljun jew 61 % tat-total tal-bażi tal-investituri. Meta wieħed inaqqas il-fondi denominati bil-GBP ibbażati fil-Lussemburgu (ekwivalenti għal madwar EUR 20 biljun) il-firxa bejn iż-żewġ ċifri tibqa' kbira ġmielha (bejn EUR 79 biljun u EUR 132 biljun).

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-fondi CNAV, hija disponibbli biss dejta mill-istħarriġ tal-BERS. Skont dan is-sors, l-investituri minn barra l-UE għandhom EUR 257 biljun u jirrappreżentaw 62 % tat-total tal-bażi tal-investiment. Madankollu, x'aktarx li din iċ-ċifra hija sopravalutata minħabba l-inċertezza dwar l-oriġini tal-investituri.

Għalhekk, kollox ma' kollox, skont ir-riżultati tal-istħarriġ tal-BERS hemm potenzjal ta' EUR 257 biljun ta' domanda minnaħa tal-investituri minn barra l-UE (jew 25 % tat-total) li jista' jinġibed speċifikament mill-karatteristika CNAV; b'xorti ħażina, l-analiżi ġeografika tal-bażi tal-investituri ma tippermettix l-identifikazzjoni tal-kategorija tal-investituri Amerikani. Jekk ċaqliqa lejn il-VNAV twassal għat-tluq ta' dawn l-investituri, din tista' tolqot kwart tal-AUM tal-MMFS Ewropej. Dan jista' jħalli impatt fuq il-finanzjament tal-MFI wkoll. Madankollu, billi l-fondi CNAV jinvestu l-aktar barra mill-UE (ara **Skeda 4** f'Taqsima III.2) l-impatt fuq l-MFI Ewropej jista' jkun aktar limitat. Barra dan, x'aktarx li l-proporzjon tal-investituri li mhumiex fl-UE huwa akbar fl-istħarriġ milli huwa fir-realtà. Skont id-dejta tal-IMMFA, 10 % jew madwar EUR 40 biljun jistgħu jiġu attribwiti lill-investituri Amerikani; l-impatt dirett minħabba t-tluq ta' dawn l-investituri għalhekk ikun x'aktarx żgħir.

b) Dispożizzjonijiet temporanji

Biex issir iċ-ċaqliqa obbligatorja għall-VNAV jinħtieġu dispożizzjonijiet temporanji għal bosta raġunijiet. L-ewwel, il-konverżjoni minn CNAV għal VNAV tista' jkun ta' sfida mil-lat operattiv kemm għall-maniġers kif ukoll għall-investituri minħabba li hemm il-possibbiltà li s-sistemi tal-IT u tal-*back office* ikollhom bżonn jiġu ristrutturati. It-tieni, jista' jkun hemm fidi kbir mill-investituri li jkunu qegħdin ifittxu li jevitaw telf potenzjali fil-każ li s-CNAV prevalenti jkunu differenti mill-VNAV "reali". Għalhekk, huwa rakkomandat li jkun hemm perjodu tranżitorju li jkun twil biżżejjed għall-MMFS eżistenti, li matulu s-CNAV ikunu jistgħu jinżammu biex isiru l-aġġustamenti meħtieġa. Il-perjodu tranżitorju għall-fondi CNAV eżistenti jista' jkun ta' mill-inqas sentejn wara l-pubblikazzjoni finali tar-regoli applikabbli. Barra dan, l-MMFS għandhom iħabbru ċ-ċaqliqa għall-VNAV u jfissru tajjeb l-effetti tagħha ħafna qabel ma tiġi implimentata l-bidla. Għandu jkun hemm żmien biżżejjed ukoll għall-investituri biex iqisu kwalunkwe riforma li tista' tiġi implimentata għall-MMFS fl-Istati Uniti biex hekk jittaffa t-tħassib dwar *front-running* min-naħa tal-Ewropa.

c) Rekwiżiti tal-kapital bħala alternattiva possibbli

***Raġunament***

Jekk il-konverżjoni għall-VNAV ma tkunx tista' ssir, l-FSB (Novembru 2012) qiegħed jipproponi l-alternattiva tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti li jkollhom l-istess effett bħar-regolament bankarju prudenzjali. Jekk ma jkun hemm ebda leġiżlazzjoni Ewropea li titlob il-konverżjoni obbligatorja tal-MMFS CNAV kollha għal MMFS VNAV, jiġu applikati salvagwardji stretti, fosthom rekwiżiti tal-kapital konformi mar-regolament bankarju.

Hawn taħt, il-fokus huwa fuq ir-rekwiżiti tal-kapital. Ir-raġunament sottostanti għar-rekwiżiti formali tal-kapital huwa dak li, skont il-kunċett, hemm paralleliżmi bejn il-fondi CNAV u d-depożiti bankarji (li huma mħarsa permezz tar-rekwiżiti tal-kapital tal-banek). L-għan tar-rekwiżiti tal-kapital għall-fondi CNAV huwa dak li jżidu l-kapaċità tagħhom li jifilħu għal telf li jista' jirriżulta mill-inadempjenzi tal-assi jew mill-bejgħ tal-assi biex jintlaqgħu t-talbiet ta' fidi li jħeddu l-valur stabbli ta' kull sehem. Dan jista' jtaffi r-riskju sistemiku marbut ma' dawn il-fondi minħabba li jnaqqas il-vantaġġ tal-*first-mover* u l-motivazzjoni għall-investituri biex jifdu fil-perjodi ta' tensjoni, sakemm jistennew li t-telf ikun inqas mid-daqs tal-bafer kapitali. ([1])

Minbarra r-rekwiżiti tal-kapital, jista' jkun meħtieġ li l-MMFS CNAV japplikaw għal liċenzja bankarja bi skop limitat (ara l-Parlament Ewropew, 2012). Dan jiżgura li l-fondi CNAV ikunu suġġetti għal regolamentazzjoni prudenzjali simili għal dik tal-banek, b'mod speċjali fir-rigward tal-kapital. Jippermetti wkoll lil entitajiet bħal dawn jibbenefikaw mill-assigurazzjoni fuq id-depożiti u mil-likwidità tal-banek ċentrali, l-istess bħall-banek.

***Mudelli possibbli***

Fil-livell internazzjonali qegħdin jiġu diskussi żewġ mudelli possibbli għar-rekwiżiti tal-kapital: (i) bafer NAV iffinanzjat mill-investituri, u (ii) rekwiżiti tal-kapital għall-maniġer. Iż-żewġ mudelli qegħdin jiġu diskussi b'aktar dettalji hawn taħt.

i) Bafer NAV iffinanzjat mis-suq

L-ewwel alternattiva tkun bafer NAV, fejn l-MMFS joħloq riżerva ta' kapital fil-livell tal-fond billi jżomm parti mid-dħul tiegħu bħala lqugħ potenzjali kontra t-telf. Il-leġiżlazzjoni tista' tistabbilixxi bafer NAV minimu u l-fond jista' ma jkomplix iżomm id-dħul jekk jintlaħaq dan il-bafer minimu. Madankollu, il-kunċett għandu bosta żvantaġġi (ara IOSCO, Ottubru 2012).

([1]) Ara pereżempju Gordon u Gandia (2012); Squam Lake Group (2011); FSOC (2012).

Riżerva kbira biżżejjed tieħu ż-żmien biex takkumula u l-akkumulazjoni tal-bafer matul perjodu twil ta' żmien ikollha użu limitat għall-perjodu tranżitorju. Bafer iżgħar jista' jiġġemma' aktar malajr iżda l-użu tiegħu jkun limitat; jista' wkoll jagħti l-impressjoni ħażina li t-telf tal-investituri jkollu ħarsien akbar milli jkollu fir-realtà u dan jista' jkabbar ir-riskju sistemiku. Fl-ambjent attwali ta' rati tal-imgħax baxxi mhuwiex faċli li jiġi akkumulat bafer sostanzjali.

L-akkumulazzjoni tal-bafer tista' wkoll toħloq trasferiment tal-benefiċċji mill-azzjonisti eżistenti, li jikkontribwixxu għat-twaqqif tal-bafer, għal għand azzjonisti futuri, li eventwalment jistgħu jibbenefikaw minnu.

Billi l-bafer inaqqas direttament ir-redditu li l-fond jista' joffri, l-investimenti fl-MMFS jistgħu jsiru inqas attraenti u d-domanda tal-investituri tista' tonqos. Il-fondi jistgħu joħorġu mis-suq biex jevitaw il-bafer u b'hekk jonqsu kemm id-daqs tal-industrija kif ukoll id-disponibbiltà ta' sors importanti ta' finanzjament għal żmien qasir għall-MFI.

Fl-aħħar, minħabba li l-bafers jiġu provduti mill-azzjonisti tal-fondi, il-maniġers/l-isponsors ma jkollhomx sehem finanzjarju fihom u dan jista' jnaqqas l-inċentiv tagħhom għal ġestjoni prudenti tar-riskji.

ii) Rekwiżiti tal-kapital għall-garanzija tal-isponsor/l-isponsor espliċitu

It-tieni alternattiva titlob li l-maniġers/l-isponsors tal-MMFS jipprovdu impenn espliċitu għal sostenn finanzjarju li sikwit jiġi assunt b'mod impliċitu. Dan l-impenn espliċitu jibdel is-sostenn (attwalment diskrezzjonali) li l-MMFS sikwit iddependew minnu fil-passat f'wieħed obbligatorju u jġiegħel lill-isponsor/il-maniġer jinternalizzaw l-ispiża relatata. Impenn espliċitu bħal dan huwa raġonevoli minħabba li, kif hemm f'Taqsima II.2, sors wieħed ta' riskju sistemiku marbut mal-MMFS huwa n-natura diskrezzjonali tas-sostenn tal-isponsor.

Il-maniġers tal-MMFS, jew b'mod aktar ġenerali l-isponsors, jistgħu jintalbu jistabbilixxu u jiffinanzjaw depożitu ta' garanzija li jassorbi t-telf tal-MMFS. Il-kapital jinżamm barra mill-MMFS u jkun ekwità li tappartjeni lill-isponsor/il-garanti u mhux obbligazzjoni tal-MMFS. L-investituri jikkontribwixxu b'mod indirett, e.g. b'żieda fl-ispejjeż/id-drittijiet u dan jista' jnaqqas id-domanda tal-investituri. Inkella, il-maniġer/l-isponsor jistgħu wkoll jipprovdu garanzija espliċita bil-kundizzjoni li l-maniġer/l-isponsor ikunu entità regolata li tkun suġġetta għar-rekwiżiti prudenzjali tal-kapital.

***Daqs***

Bafer/rekwiżit tal-kapital għandu jkun kbir biżżejjed biex joffri ħarsien sostanzjali mit-telf u effettivament inaqqas ir-riskju ta' azzjonijiet min-naħa tal-investituri. Inkella jkun hemm l-istess inċentivi għal azzjonijiet min-naħa tal-azzjonisti f'fond li jibda jitqies li jkun f'riskju ta' telf li jaqbeż il-bafer kapitali tiegħu, jew f'fond fejn ikun hemm inċertezza dwar il-ħila tal-garanti li jipprovdi sostenn. Ir-rekwiżit tal-kapital għall-garanzija espliċita provduta mill-isponsors, b'mod speċifiku fil-każ li l-mudell CNAV ikollu jinżamm, jeħtieġ ikun konsistenti mar-rekwiżiti regolatorji rispettivi tal-kapital għall-banek.

L-i**Squam Lake Group** (2011) jissuġġerixxi li meta jkun qiegħed jiġi stabbilit id-daqs tal-bafer meħtieġ għandhom jitqiesu l-ammonti li l-isponsors ikunu kkontribwixxew fil-passat biex il-fondi CNAV ma jġarrbux telf. Hekk, fil-perjodu ta' jumejn ta' wara l-falliment ta' Lehman, kien ikun hemm bżonn bafer ta' mill-inqas USD 0.03 għal kull sehem fejn il-Fond Primarju tar-Riżervi rrapporta prezz minimu għal kull sehem ta' 97 ċenteżmu.

Il-**FSOC** (2012) jipproponi bafer imfassal għal kemm ikunu riskjużi l-assi tal-fond, kif ġej: (i) ebda rekwiżit ta' bafer għal flus kontanti, titoli tat-Teżor u *repos* tat-Teżor (*repos* kollateralizzati biss bi flus kontanti u titoli tat-Teżor); (ii) rekwiżit ta' bafer ta' 0,75 % għal assi likwidi oħra ta' kuljum (jew għal assi likwidi ta' kull ġimgħa, fil-każ ta' fondi eżenti mit-taxxa); u (iii) rekwiżit ta' bafer ta' 1,00 % għall-assi l-oħra kollha. Il-bafer NAV jinżamm apparti l-assi meħtieġa biex jistabbilizzaw il-prezz tal-ishma tal-fond CNAV. Il-FSOC isemmi wkoll li għalkemm bħala regola l-MMFS jinvestu f'titoli b'riskju baxx, l-esperjenza wriet li l-fondi jista' jkollhom telf li jaqbeż il-livell tal-bafer tan-NAV ta' 1 % msemmi aktar 'il fuq. Għalhekk il-FSOC jipprovdi alternattiva oħra b'bafer ta' mhux aktar minn 3 % (għal darb'oħra skont il-kompożizzjoni tal-assi). Barra dan, il-proposti tal-FSOC jinkludu wkoll l-idea ta' "bilanċ minimu f'riskju" li jirrappreżenta parti mill-valur tal-kont li jkun disponibbli għall-fidi b'xi dewmien.

Il-**IOSCO** tuża bħala eżempju minimu ta' 50 bps għall-bafer tan-NAV imfassal biex ikopri d-differenzi bejn il-valur bil-prezz tas-suq u l-valur nominali. Madankollu, bafer ta' dan id-daqs ma jkunx funzjonalment ekwivalenti fl-effett tiegħu għar-rekwiżiti tal-kapital tal-banek kif mitlub mill-**FSB** (Novembru 2012). Skont il-**qafas kapitali ta' Basel III** il-banek huma mitluba jżommu biżżejjed ekwità biex jissodisfaw żewġ restrizzjonijiet: rekwiżit tal-kapital ibbażat fuq ir-riskju u rekwiżit ta' lieva. Dan tal-aħħar jitlob li l-ekwità għandha tkun għall-inqas 3 % tal-assi tal-bank (ara l-Kumitat ta' Basel għas-Superviżjoni Bankarja 2010, Paragrafu 153). Għalhekk, il-konsolidazzjoni tal-assi ta' MMFS fil-karta tal-bilanċ tal-bank garanti timplika rekwiżit tal-kapital ta' 3 % tan-NAV tal-MMFS. Għalhekk, għal konformità mar-regolament bankarju

prudenzjali, ġeneralment għandu jiġi kkunsidrat bafer tal-kapital ta' 3 %. Dan għandu japplika irrispettivament minn jekk l-impenn tal-kapital jiġix provdut mill-banek jew, jekk ikun permess, mill-maniġer jew parti terza. Madankollu għandu jiġi osservat li l-proporzjon ta' lieva ta' 3 % propost mill-Kumitat ta' Basel huwa suġġett għal azzjoni parallela għall-perjodu bejn Jannar 2013 u Jannar 2017 u jista' jirriżulta f'kalibrazzjonijiet oħra tal-proporzjon.

***Riskji***

Hemm bosta riskji marbuta mal-alternattiva tal-impożizzjoni ta' rekwiżiti tal-kapital. L-ewwel, ir-rekwiżit jista' jkollu **implikazzjonijiet sinifikanti fuq il-kapital** għall-maniġer/l-isponsors. Jekk il-qafas kapitali ta' Basel III jittieħed bħala l-punt ta' referenza, jistgħu jintalbu mill-inqas 3 % tan-NAV tal-MMFS kif intqal aktar 'il fuq. Skont il-kalkoli provduti minn xi membri tal-BERS, għal xi banek Ewropej il-provediment ta' bafer tal-kapital ta' 3 % fuq l-assi kollha tal-MMFS CNAV li jiġu amministrati fi ħdan il-grupp tal-banek jista' jiswa daqs nofs punt perċentwali tal-ekwità komuni tagħhom (jekk wieħed jassumi li dan il-bafer tal-kapital ikun wieħed mill-assi kontabbli għall-bank li jkun sponsor u jitnaqqas kollu mill-kapital tiegħu stess).

Barra dan, il-ħtieġa ta' impenn espliċitu tista' **żżid l-interkonnettività** fis-sistema finanzjarja (b'mod speċjali mas-sistema bankarja) b'mod partikolari jekk sponsors li jkunu sistemikament aktar importanti jkunu jistgħu jiffinanzjaw aħjar il-kapital. Min-naħa l-oħra, il-kontroargument ikun li minflok ma jżidu l-interkonnettività, ir-rekwiżiti tal-kapital jagħmlu biss konnessjonijiet trasparenti li jkunu diġà jeżistu minħabba r-relazzjonijiet ta' sostenn impliċitu. Dan jgħin lill-investituri kemm fil-banek kif ukoll fl-MMFS jifhmu aħjar ir-riskji li jkollhom. Madankollu, l-industrija tal-MMFS CNAV fl-Ewropa hija diġà **kkonċentrata** b'mod sinifikanti (ara Taqsima III.4). L-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-kapital għall-fondi CNAV jew għall-isponsors tagħhom x'aktarx twassal għal konsolidazzjoni fl-industrija u dan jirriżulta f'żieda fil-konċentrazzjoni tar-riskji.

Minħabba li x'aktarx li l-investituri jikkontribwixxu għall-bafers/ir-rekwiżiti tal-kapital għall-inqas indirettament permezz ta' żieda fl-ispejjeż/id-drittijiet, it-**tnaqqis fid-domanda tal-investituri** jista' jkun konsegwenza wkoll. Fir-rigward tal-impatt li jista' jkun hemm fuq il-finanzjament tal-banek, ta' min jiftakar li l-MMFS CNAV Ewropej jipprovdu finanzjament ta' madwar EUR 146 biljun lill-MFI Ewropej.

Għalkemm għal raġunijiet ta' stabbiltà u trasparenza l-impenji espliċiti għandhom jiġu preferuti minn dawk impliċiti, jidher li l-aqwa soluzzjoni tkun il-konverżjoni ta' fondi CNAV għal fondi VNAV iktar milli r-rekwiżiti espliċiti tal-kapital. Il-bafers tal-kapital mhumiex konformi mal-karatteristika fundamentali ta' fond ta' investiment fejn l-investituri jġorru r-riskju tal-investiment; barra dan, hemm iċ-ċans li **d-distinzjoni mal-banek tkompli tiċċajpar**.

IV.3 **Rakkomandazzjoni B – Rekwiżiti tal-likwidità**

***Il-Kummissjoni hija rakkomandata tiżgura li l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea:***

1. ***tikkomplementa r-rekwiżiti tal-likwidità eżistenti għall-MMFS billi jiġu imposti ammonti minimi espliċiti ta' assi likwidi ta' kuljum u ta' kull ġimgħa li l-MMFS għandu jkollhom***;

2. ***issaħħaħ ir-responsabbiltà tal-maniġers tal-fondi fir-rigward tal-monitoraġġ tar-riskju tal-likwidità***;

3. ***tiżgura li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-maniġers tal-fondi jkollhom għal-lest għodod effettivi, pereżempju sospensjonijiet temporanji tal-fidi, biex jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet tal-likwidità fi żminijiet ta' tensjoni li jirriżultaw kemm minn żviluppi speċifiċi għall-fondi kif ukoll minn żviluppi mifruxin mas-suq kollu***.

IV.3.1 *Raġunament ekonomiku*

a) Tisħiħ tal-MMFS

Ir-Rakkomandazzjoni B issegwi r-Rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO fir-rigward tal-ġestjoni tal-likwidtà. B'mod partikolari, ir-Rakkomandazzjoni 7 tgħid li fondi tas-suq tal-flus għandu jkollhom ammont minimu ta' assi likwidi biex isaħħu l-kapaċità tagħhom li jiffaċċjaw il-fidi u jimpedixxu l-*fire sales*.

Fil-kuntest tal-Unjoni Ewropea, kif hemm imfisser aktar 'il fuq (Taqsima I.2) il-qafas legali Ewropew għall-ġestjoni tar-riskji tal-likwidità huwa diġà b'saħħtu. Fost dispożizzjonijiet oħra, prinċipju ġenerali definit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar il-UCITS jipprovdi li l-UCITS għandhom jifdu l-unitajiet kif jitolbu d-detenturi. Fil-każ tal-MMFS, il-linji gwida CESR/AETS jgħidu li l-MMFS għandhom jipprovdu likwidità ta' kuljum lill-investituri u jridu jamministraw il-likwidità tagħhom skont dan il-prinċipju. Il-linji gwida CESR/AETS għall-MMFS jiddefinixxu wkoll limiti f'termini ta' ħajja medja ppeżata (WAL – *weighted average life*) u maturità medja ppeżata (WAM - *weighted average maturity*) li jillimitaw il-ġestjoni tal-likwidità u jġiegħlu lill-maniġers iżommu assi likwidi.

Madankollu, b'kuntrast mar-regolamenti eżisteni b'mod partikolari fl-Istati Uniti, ma hemm ebda proporzjon espliċitu definit fir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea f'termini ta' ammonti minimi ta' assi likwidi li għandhom jinżammu mill-MMFS. F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li l-Parlament Ewropew (2012) stieden lill-Kummissjoni tesplora l-idea li tintroduċi rekwiżiti speċifiċi tal-likwidità għall-MMFS billi tistabbilixxi rekwiżiti minimi għal-likwidità *overnight*, ta' kull ġimgħa u ta' kull xahar. [1]

L-assi likwidi jgħinu lill-MMFS iħallsu lil azzjonisti li jkunu jridu jifdu flushom u jimpedixxu *fire-sales* ta' assi b'telf filwaqt li jimpedixxu wkoll l-effetti ta' kontaġju għal fondi oħra li jkollhom titoli simili. Għalhekk, huwa rakkomandat li jiġu introdotti ammonti minimi espliċiti ta' assi likwidi ta' kuljum u ta' kull ġimgħa fil-qafas regolatorju tal-UE. Il-benefiċċji ewlenin ta' din iż-żieda huma dawn:

(a) tirrifletti l-importanza tal-assi likwidi biex l-MMFS ikunu jistgħu jilqgħu **talbiet ta' fidi li jkunu kbar** min-naħa tal-investituri u biex ikunu jistgħu jegħlbu l-perjodi ta' volatilità fis-swieq; l-esperjenza tas-sajf tal-2011 meta l-MMFS tal-Istati Uniti kienu kapaċi jilqgħu għal fidi sinifikanti huma xempju ta' dawn il-benefiċċji; [2]

(b) tipprovdi **bażi armonizzata għall-prattiki likwidi** tal-MMFS fl-Ewropa kollha u tagħti kontribut għall-fiduċja tal-investituri: il-Kodiċi ta' Prattika tal-IMMFA kif ukoll il-metodoloġiji tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (CRA) bħalissa jiddefinixxu limiti u rekwiżiti differenti dwar il-ġestjoni tal-likwidità (ara **Kaxxa 1** hawn taħt); min-naħa l-oħra, kif issemma aktar 'il fuq, ir-regolamenti tal-Istati Uniti jiddefinixxu limiti speċifiċi għall-assi likwidi ta' kuljum u ta' kull ġimgħa;

(c) tiżgura li l-MMFS **iżommu approċċ prudenti għall-ġestjoni tal-likwidità matul iż-żmien**: il-likwidità tal-MMFS żdiedet wara l-kriżi finanzjarja tal-2008 u wara li kompla jikber il-biża' marbut mar-riskju fl-ambitu tal-kriżi tad-dejn statali tal-Unjoni Ewropea u l-volatilità qawwija tas-swieq. Meta l-kundizzjonijiet tas-swieq jistabbilizzaw ruħhom ikun hemm riskju li l-MMFS jerġgħu jnaqqsu l-ammont ta' assi likwidi miżmuma fil-portafolli tagħhom u jfittxu strumenti b'rendiment aħjar u bi żmien itwal u hekk jistgħu jdgħajfu l-pożizzjoni tal-likwidità tagħhom;

(d) l-introduzzjoni ta' proporzjonijiet espliċiti għandha titqies bħala parti mill-ġestjoni prudenti tar-riskju tal-likwidità (kif definit pereżempju fl-Artikolu 51 tad-Direttiva dwar l-UCITS) bil-kumpanija tal-ġestjoni tibqa' responsabbli għalkollox għall-ġestjoni tal-likwidità tagħha.

**Kaxxa 1**

**Approċċi differenti għall-bafers tal-likwidità**

**IMMFA**: Fond tal-IMMFA għandu jżomm mhux anqas minn 10 % tal-assi netti f'investimenti li jimmaturaw fil-jum tan-negozju segwenti u mhux anqas minn 20 % tal-assi netti f'investimenti li jimmaturaw fi żmien ħamest ijiem tan-negozju. Għal dawn l-għanijiet, il-membri jistgħu jiddeterminaw it-trattament ta' kwalunkwe dejn statali billi jqisu l-likwidità ta' kull investiment aktar milli l-maturità finali tiegħu.

**Fitch**: Il-likwidità ta' kuljum hija definita hekk: flus kontanti miżmuma ma' kustodju bi klassifika ta' mill-inqas "A" u/jew "F1" jew l-ekwivalenti; ftehim ta' xiri mill-ġdid *overnight*; ishma ta' MMFS klassifikati "AAAmmf" minn Fitch jew l-ekwivalenti; titoli li jkunu se jimmaturaw jew li jkunu suġġetti għal karatteristika tad-domanda minn fornitur klassifikat b'mod xieraq li tkun esegwibbli mill-possedent tan-nota u li tkun pagabbli fi żmien jum tan-negozju; u obbligi diretti maħruġin minn gvernijiet sovrani bi klassifikazzjoni għolja li jibbenefikaw minn likwidità qawwija tas-swieq, sakemm dawn l-obbligi jinħarġu bil-munita bażi tal-portafoll u jkun baqgħalhom maturità ta' 397 jum jew anqas. Il-likwidità ta' kull ġimgħa hija definita bħala dan kollu li jidher hawn fuq kif ukoll it-titoli li jkunu se jimmaturaw jew li jkunu suġġetti għal karatteristika tad-domanda minn fornitur klassifikat b'mod xieraq li tkun esegwibbli mill-possedent tan-nota u li tkun pagabbli lill-fond fi żmien ħamest ijiem tan-negozju u titoli maħruġin minn aġenziji supranazzjonali jew governattivi bi klassifikazzjoni għolja li jibbenefikaw minn likwidità qawwija tas-swieq u jkun baqgħalhom maturità ta' 95 jum jew anqas.

**Moody's**: L-evalwazzjoni tal-likwidità skont Moody's tinkorpora l-istruttura tal-maturitajiet u l-kwalità tal-assi kif ukoll l-iskopertura għar-riskju ta' fidi kbir mhux ippjanat. Moody's tevalwa kemm il-fond ikun investit f'titoli likwidi, b'mod partikolari titoli tal-gvern klassifikati Aaa u l-maturitajiet tagħhom, kif ukoll assi likwidi oħra bħal titoli b'maturità ta' anqas minn sebat ijiem.

**SEC**: L-MMFS Amerikani jridu jżommu mill-inqas 10 % tal-assi tagħhom fi flus kontanti *overnight* u 30 % f'assi li jimmaturaw fi żmien ġimgħa. L-assi likwidi ta' kuljum huma definiti bħala flus kontanti, titoli tat-Teżor tal-Istati Uniti u titoli li jistgħu jiġu konvertiti fi flus kontanti f'jum wieħed tan-negozju. L-assi likwidi ta' kull ġimgħa huma flus

[1] Il-Parlament Ewropew (2012) stieden ukoll lill-Kummissjoni titlob drittijiet għal-likwidità malli jkun hemm l-ewwel indikazzjoni, u dan iwassal ukoll għall-obbligu ta' informazzjoni diretta lill-awtorità superviżorja kompetenti u l-AETS.

[2] Skont il-FSOC (2012) fit-tmien ġimgħat li għalqu fit-3 ta' Awwissu 2011, l-MMFS *prime* istituzzjonali kellhom ħruġ nett ta' likwidità ta' USD 179 biljun (16 % tal-assi).

kontanti, titoli tat-Teżor tal-Istati Uniti, noti ta' skont tal-aġenziji li jkun baqgħalhom maturità ta' 60 jum jew anqas u titoli li jistgħu jiġu konvertiti fi flus kontanti (kemm permezz ta' maturità kif ukoll permezz ta' *put*) fi żmien ħamest ijiem tan-negozju.

*Nota*: Dawn huma biss siltiet. Għal aktar dettalji wieħed għandu jirreferi għar-regolamenti u l-metodoloġiji li japplikaw.

Biex jiġu definiti d-daqs u l-kompożizzjoni tal-bafers tal-assi likwidi għandhom jitqiesu l-elementi li ġejjin.

(a) Hemm **kontropartita** bejn id-daqs tal-bafers li jridu jiġu imposti u t-tip ta' assi li jitqiesu bħala eliġibbli, kif jidher mill-metodoloġiji differenti applikati bħalissa fl-Ewropa u ċ-ċifri differenti rappurtati mill-MMFS dwar l-investimenti tagħhom f'assi likwidi. Hekk, aktar ma jkun kbir ir-rekwiżit tal-bafer, aktar ikun diffiċli biex jintlaħaq ir-rekwiżit b'assi ta' kwalità tajba ħafna.

(b) Għandhom jiġu definiti l-**assi likwidi ta' kuljum u ta' kull ġimgħa**. L-assi likwidi ta' kuljum huma importanti billi t-talbiet ta' fidi jistgħu jseħħu b'ħeffa kbira. [1] L-assi likwidi ta' kull ġimgħa jsaħħu wkoll il-qawwa tal-fond u l-kapaċità tiegħu biex jamministra fidi kbir, filwaqt li jestendi l-ambitu tal-assi eliġibbli.

(c) Sabiex tonqos id-dipendenza tal-fond mil-likwidità tas-suq sekondarju, id-definizzjoni ta' assi likwidi (minbarra l-flus kontanti) għandha l-ewwel tqis il-**maturità residwa**. Hekk, l-istrumenti definiti bħala assi likwidi ta' kuljum u ta' kull ġimgħa għandu jkollhom maturità residwa fi żmien jum u ħamest ijiem tan-negozju rispettivament. Il-mertu ta' dan l-approċċ ibbażat fuq il-maturità residwa huwa li jiġu evitati s-suppożizzjonijiet dwar il-likwidità tas-suq ta' ċerti strumenti, billi l-assi likwidi jistgħu jsiru assi mhux likwidi fil-każ ta' tensjoni fis-swieq. Din id-definizzjoni hija differenti mid-definizzjoni Amerikana li tinkludi t-titoli tat-Teżor u tal-aġenziji biex tirrifletti l-ispeċifiċitajiet tas-suq Amerikan u d-daqs tas-suq tad-dejn tal-gvern tal-Istati Uniti.

(d) Meta jiġu definiti l-bafers għandhom jitqiesu r-riskji marbutin mal-**possibbiltà ta' maturitajiet opzjonali tal-assi**. Dawn l-opzjonijiet jistgħu jkunu bbażati fuq parametri differenti fosthom it-tekniki bi skopertura tar-riskju tal-kontroparti li tkun *puttable* (e.g. bonds li jkunu *puttable*), *cancellable* (e.g. opzjonijiet li jkunu jistgħu jiġu kanċellati) jew *callable* (e.g. tekniki *repo* li jkunu *re-callable*). Dawn il-karatteristiċi jistgħu joħolqu effetti ta' kontaġju u jdgħajfu l-pożizzjoni ġenerali tal-likwidità tal-fondi, b'mod partikolari meta jkun hemm tensjoni fis-swieq.

(e) Għandhom jitqiesu wkoll **effetti oħra ta' interkonnessjoni**, l-aktar mas-settur bankarju, li jistgħu jħallu impatt fuq id-disponibbiltà tal-assi eliġibbli għall-bafers tal-likwidità.

b) Tisħiħ tal-ġestjoni tar-riskji tal-likwidità

Il-limiti li jridu jiġu definiti għandhom jitqiesu bħala l-minimi. Hekk, il-maniġers għandhom jaġġustaw l-investimenti tagħhom f'assi likwidi skont il-profil u l-bażi tal-investituri tagħhom (it-tipi ta' investituri, il-*pattern* tal-fidi, il-konċentrazzjoni tal-bażi tal-investituri, eċċ.) kif ukoll skont il-kundizzjonijiet tas-suq.

Bħala parti mill-approċċ b'saħħtu u bl-"aqwa prattika" tal-ġestjoni tal-likwidità, il-maniġers għandhom jiżviluppaw *stress tests* regolari bbażati fuq diversi sitwazzjonijiet negattivi (kemm speċifiċi għall-fondi kif ukoll għas-suq kollu) li jistgħu jħallu impatt fuq il-profil tal-likwidità tagħhom u dan huwa koerenti mar-Rakkomandazzjoni 8 tal-IOSCO. L-MMFS għandu jkollhom ukoll pjanijiet ta' kontinġenza lesti biex jilqgħu għal żminijiet ta' tensjoni bħal dawn.

Kif hemm indikat fir-Rakkomandazzjoni 6 tal-IOSCO, qasam importanti li jrid jiġi kkunsidrat għandu x'jaqsam mal-azzjonisti tal-fond. Dan huwa rilevanti b'mod speċjali fl-ambitu tal-UE fejn l-investituri istituzzjonali, li ġeneralment ikollhom probabbiltà akbar li jaġixxu f'paniku, jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tal-bażi tal-investituri. Kif hemm imfisser bid-dettalji aktar 'il fuq (ara Taqsima III.3) l-istħarriġ tal-BERS juri li hemm inċertezza relattiva dwar il-bażi tal-investituri tal-fondi. L-evidenza storika turi wkoll li qiegħed jikber is-sehem tal-pjattaformi elettroniċi fl-Ewropa u b'hekk huwa aktar diffiċli biex il-maniġers "isiru jafu lill-azzjonisti tagħhom". L-implikazzjonijiet ta' din ix-xejra għandhom jiġu evalwati. Barra dan, l-MMFS jistgħu jintalbu jġibu tagħrif dwar is-sidien benefiċjarji tagħhom kif huwa mitlub fir-rakkomandazzjonijiet proposti mill-FSOC dwar l-MMFS fl-Istati Uniti. [2]

[1] Fil-każ tal-Fond Primarju tar-Riżervi (*Reserve Primary Fund*) l-investituri fittxew li jifdu madwar USD 40 biljun f'jumejn u total ta' 15 % tal-assi tal-MMFS *Prime* ġew irtirati f'ġimgħa.

[2] Ir-rakkomandazzjonijiet proposti mxandra f'Novembru 2012 iqisu l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti supplimentari "għall-għarfien tal-investituri".

c) Il-ġestjoni tal-likwidità fi żminijiet ta' tensjoni

Anke jekk il-maniġers tal-fondi jkunu prudenti fil-ġestjoni tar-riskji tal-likwidità, jista' jkun hemm każijiet fejn l-MMFS ikollhom jiffaċċjaw tensjoni kbira fil-kundizzjonijiet tas-swieq u/jew talbiet kbar għall-fidi minħabba żviluppi li jkunu kemm speċifiċi għall-fond kif ukoll li jolqtu s-suq kollu. Hekk, ir-Rakkomandazzjoni 9 tal-IOSCO tgħid li l-fondi tas-suq tal-flus għandu jkollhom għodod għal-lest biex jaffrontaw kundizzjonijiet eċċezzjonali tas-suq u pressjonijiet sostanzjali tal-fidi. Dawn l-għodod jistgħu jtaffu l-pressjonijiet tal-fidi u hekk jevitaw azzjonijiet jew xi xorta ta' mġiba oħra "ta' merħla" fost l-investituri ta' fond partikolari jew ta' gruppi ta' fondi. Il-IOSCO tinnota wkoll li sabiex jiġu evitati l-effetti ta' kontaġju, il-ġurisdizzjonijiet jistgħu jqisu wkoll li r-regolaturi tingħatalhom is-setgħa jitolbu l-użu ta' għodod bħal dawn fejn is-sitwazzjonijiet eċċezzjonali li jħabbtu wiċċhom magħhom l-MMFS jista' jkollhom implikazzjonijiet għas-sistema finanzjarja ġenerali.

Fi ħdan il-qafas regolatorju tal-UE, kemm id-Direttiva dwar l-UCITS kif ukoll id-Direttiva dwar l-AIFM jinkludu dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni temporanja.

— L-Artikolu 45(2) tad-**Direttiva dwar l-UCITS** jindika li l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jitolbu jew jippermettu s-sospensjoni temporanja tas-sottoskrizzjoni, ix-xiri mill-ġdid jew il-fidi tal-unitajiet sakemm din is-sospensjoni tkun ġustifikata biex tħares id-detenturi tal-unitajiet jew il-pubbliku. Skont l-Artikolu 84(2), fond jista' jissospendi temporanjament ix-xiri mill-ġdid jew il-fidi tal-unitajiet tiegħu f'każijiet eċċezzjonali meta ċ-ċirkostanzi jitolbu dan u meta s-sospensjoni tkun ġustifikata fir-rigward tal-interessi tad-detenturi tal-unitajiet.

— L-Artikolu 46(2) tad-**Direttiva dwar l-AIFM** jgħid li l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħa jitolbu s-sospensjoni tal-ħruġ, ix-xiri mill-ġdid jew il-fidi ta' unitajiet fl-interess tad-detenturi tal-unitajiet jew tal-pubbliku. Madankollu, m'hemmx dispożizzjoni speċifika fil-livell tal-fond. L-Artikolu 23(1)h jitlob ukoll id-divulgazzjoni tal-ġestjoni tar-riskji tal-likwidità tal-AIF, fosthom il-jeddijiet tal-fidi f'ċirkostanzi kemm normali kif ukoll eċċezzjonali.

Dan il-qafas huwa differenti mir-regolamenti eżistenti tal-Istati Uniti, fejn il-fond irid jiġi likwidat wara sospensjoni. [1] Sospensjoni temporanja x'aktarx tkun l-aktar tweġiba xierqa fl-ambitu ta' ċirkostanzi eċċezzjonali fejn il-fondi jridu jaffrontaw pressjonijiet sinifikanti ta' fidi. Il-qafas tal-UE għalhekk għandu jiġi emendat biex iwessa' l-possibbiltà tas-sospensjoni temporanja tat-talbiet ta' fidi għall-fondi kollha (kemm UCITS kif ukoll mhux UCITS) kif hemm bħalissa fid-Direttiva dwar l-UCITS. [2] Kif diġà tippermetti l-leġiżlazzjoni tal-UE għall-fondi UCITS kif ukoll mhux UCITS, is-sospensjoni temporanja tal-fidi tista' wkoll tintalab mill-awtoritajiet kompetenti fl-interess tad-detenturi tal-unitajiet jew tal-pubbliku, u dan huwa koerenti mar-Rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO.

Barra s-sospensjonijiet temporanji, tista' tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni ta' għodod straordinarji supplimentari għall-ġestjoni tal-likwidità fil-każ tal-MMFS. Il-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi meta jistgħu jintużaw dawn l-għodod għandhom ikunu definiti b'mod ċar u l-benefiċċji tagħhom għall-istabbiltà finanzjarja għandhom jiġu evalwati. B'mod partikolari, kif hemm maħsub fir-rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO, jistgħu jkomplu jiġu evalwati l-merti ta' *gates* (biex il-fondi jillimitaw l-ammonti ta' fidi għal proporzjon speċifiku f'jum wieħed partikolari ta' fidi).

Skont ir-Rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO għandu jkun hemm divulgazzjoni xierqa dwar l-investituri fir-rigward tal-proċeduri applikabbli għall-istress. B'mod partikolari, il-fondi jridu jiżguraw li l-investituri tagħhom ikunu jafu biċ-ċirkostanzi li fihom jistgħu jseħħu dawn il-proċeduri (sospensjonijiet jew oħrajn). Madankollu, id-dettalji tal-implimentazzjoni u l-kundizzjonijiet m'għandhomx jiġu żvelati biex ma jkunx hemm vantaġġ għall-*first-movers* u l-possibbiltà ta' azzjonijiet preventivi. Id-divulgazzjoni pubblika tal-proċeduri applikabbli fi żminijiet ta' tensjoni hija trattata fir-Rakkomandazzjoni C, Paragrafu 3, li dwarha hemm diskussjoni aktar 'l isfel.

IV.3.2 *Evalwazzjoni*

Dwar l-introduzzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi f'termini ta' assi likwidi, dawk li wieġbu l-konsultazzjoni tal-IOSCO li saret fir-rebbiegħa tal-2012 urew appoġġ totali għall-introduzzjoni ta' bafers tal-likwidità għall-MMFS. B'mod partikolari, dawk li wieġbu saħqu fuq il-benefiċċji tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tar-Regola 2a-7 fl-Istati Uniti biex ikomplu jissaħħu l-fondi. Fl-ambitu tal-UE dawk li wieġbu osservaw li, kuntrarju għall-Istati Uniti, fl-Ewropa ma kienx hemm qafas armonizzat għall-ġestjoni tal-likwidità u appoġġaw b'mod ġenerali inizjattiva min-naħa tar-regolaturi.

Sabiex jiġi evalwat l-impatt li jista' jkollu d-dħul ta' rekwiżiti kwantitattivi ġodda fuq il-ġestjoni tal-likwidità trid titqies il-kompożizzjoni attwali tal-portafolli tal-fondi billi l-bafers jistgħu jżidu l-preferenza għal finanzjament għall-iqsar żmien u jġiegħlu l-maniġers ibiddlu l-allokazzjoni tagħhom tal-assi. L-istħarriġ tal-BERS juri li l-MMFS tal-UE diġà jżommu parti sinifikanti mill-portafolli tagħhom f'assi li jimmaturaw fi żmien jum u fi żmien ġimgħa, kif jidher mid-dettalji tal-Iskeda 6 f'Taqsima III.2 u minn Tabella 6. Il-proporzjon ta' dawn l-assi likwidi huwa ogħla għall-fondi CNAV (26 % u 11 % rispettivament tal-assi tagħhom f'Ġunju 2012) li wkoll għandhom perċentwali relattivament aktar għoli tal-assi tagħhom

(1) Skont ir-Regola 22e-3 l-ġdida tas-SEC adottata fl-2010, il-bord tad-diretturi ta' MMFS, wara notifika lis-SEC, jista' jissospendi l-fidi u jillikwida l-fond jekk il-valur tal-assi netti jkun niżel, jew ikun fil-periklu li jinżel, taħt id-dollaru (i.e. ikun għamel jew wasal biex jagħmel telf).
(2) Ara l-Kummissjoni Ewropea (2012), Taqsima 5, li tittratta l-għodod straordinarji għall-ġestjoni tal-likwidità.

fi flus kontanti (qrib 7 % f'Ġunju 2012). MMFS oħrajn tal-UE li mhumiex CNAV ukoll diġà jżommu proporzjon relattivament sinifikanti tal-assi tagħhom f'assi likwidi ta' kuljum u ta' kull ġimgħa (bejn wieħed u ieħor 17 % u 5 % għall-fondi VNAV ta' żmien qasir u 12 % u 3 % għal fondi VNAV oħrajn).

Is-sensiela tad-dejta tal-BERS għandha xi limitazzjonijiet billi l-istħarriġ ma jkoprix l-MMFS kollha u ċ-ċifri mogħtija huma ċifri aggregati mill-fondi kollha, possibilment b'xi differenzi bejn il-fondi. Barra dan, l-istħarriġ jagħti stampa f'waqt wieħed fi żmien meta l-biża' mir-riskju kien kbir. Madankollu, ir-riżultati tal-istħarriġ huma koerenti ma' osservazzjonijiet oħra tas-superviżuri u l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu kif ukoll mat-tweġibiet tal-maniġers tal-assi dwar il-ġestjoni tagħhom tal-likwidità.

## IV.4 **Rakkomandazzjoni C – Divulgazzjoni pubblika**

***Il-Kummissjoni hija rakkomandata tiżgura li l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea:***

1. ***titlob id-divulgazzjoni speċifika min-naħa tal-MMFS, anke fil-materjal ta' kummerċjalizzazzjoni, li tiġbed l-attenzjoni tal-investituri għan-nuqqas ta' garanzija ta' kapital u l-possibbiltà ta' telf ta' kapital;***

2. ***titlob li l-MMFS jirreferu fid-divulgazzjoni pubblika tagħhom għas-sostenn, il-kapaċità ta' sostenn jew il-ħarsien li jista' jkun hemm min-naħa tal-isponsors fil-każ biss li dan is-sostenn jew ħarsien ikun impenn sod min-naħa tal-isponsor, u f'dan il-każ għandu jiġi rikonoxxut fil-kontijiet u r-rekwiżiti prudenzjali ta' dak l-isponsor;***

3. ***titlob lill-MMFS jiżvelaw il-prattiki tagħhom ta' valutazzjoni, b'mod partikolari dwar l-użu tal-kontabilità bil-kost amortizzat, kif ukoll li jagħtu tagħrif xieraq lill-investituri dwar il-proċeduri applikabbli ta' fidi fi żminijiet ta' tensjoni.***

### IV.4.1 *Raġunament ekonomiku*

L-MMFS ġeneralment jitqiesu bħal investimenti "siguri" b'riskju żgħir ħafna. Din il-perċezzjoni tista' twassal għar-riskju ta' azzjonijiet min-naħa tal-investituri jekk il-fond ma jrendix bħalma jkun mistenni jagħmel. Id-divulgazzjoni pubblika supplimentari hija maħsuba biex tiżgura li l-investituri jkunu jafu eżatt x'inhi l-karatteristika tal-prodott ta' investiment tal-MMFS u b'hekk jonqos dan ir-riskju. Dan ir-rekwiżit ta' divulgazzjoni huwa konformi għalkollox mar-Rakkomandazzjonijiet 13 u 14 tal-IOSCO, għalkemm jesiġi aktar minn hekk billi jitlob li kwalunkwe referenza pubblika għas-sostenn ta' sponsor, jew għall-kapaċità ta' dan is-sostenn, għandha tkun permessa biss jekk ikun hemm impenn sod min-naħa tal-isponsor.

Kif jidher f'Taqsima II.2, is-suppożizzjoni ta' sostenn impliċitu u diskrezzjonali min-naħa tal-isponsor tikkontribwixxi għan-nuqqas ta' stabbiltà tas-sistema. Il-portafolli tal-fondi u l-politika ta' fidi għalhekk għandhom ikunu strutturati b'mod li ma jkun ebda sostenn min-naħa tal-isponsor intenzjonat. Inkella, l-intenzjoni ta' dipendenza minn dan is-sostenn trid tkun espliċita, tkun internalizzata għalkollox minn min jipprovdi s-sostenn u tkun suġġetta għal rekwiżiti regolatorji tal-kapital kif imfissra fid-diskussjoni dwar Rakkomandazzjoni A.

Id-dokumentazzjoni tal-prodott għandha tispjega lill-investituri l-proċeduri li jkun hemm fir-rigward tal-valutazzjoni tal-istrumenti, fosthom tagħrif dwar l-użu tal-kontabilità bil-kost amortizzat, is-suppożizzjonijiet sottostanti għal dan il-metodu ta' valutazzjoni u r-riskji assoċjati. Barra dan, l-investituri għandhom ikunu jafu bil-proċeduri li jistgħu jintużaw fil-każ ta' tensjoni sinifikanti fis-swieq jew pressjonijiet kbar ta' fidi li jista' jkollhom impatt fuq il-possibiltajiet ta' fidi min-naħa tal-investituri (ara wkoll Rakkomandazzjoni B, Paragrafu 3). B'dan it-tagħrif dwar il-karatteristiċi tal-prodott, l-investituri jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet tajbin dwar l-investimenti u jnaqqsu l-għażliet negattivi.

### IV.4.2 *Evalwazzjoni*

Tagħrif xieraq dwar il-karatteristiċi tal-MMFS għandu jnaqqas ir-riskju ta' għażliet negattivi u ta' azzjonijiet min-naħa tal-investituri, u għalhekk inaqqas ir-riskju sistemiku; mil-lat tal-ħarsien tal-investituri, it-tagħrif huwa essenzjali wkoll biex jieħdu deċiżjonijiet tajbin. Fuq bażi ta' aggregat, l-MMFS Ewropej jaqdu l-aktar lill-investituri istituzzjonali. Dawn it-tipi ta' investituri x'aktarx li jkunu jafu sew bir-riskji marbutin mal-MMFS. Dan x'aktarx li ma jgħoddx għall-investuri żgħar li jiffurmaw il-biċċa l-kbira tal-bażi tal-investituri tal-MMFS f'xi Stati Membri partikolari; għalhekk huma jgawdu l-aktar jekk ikun hemm titjib fid-divulgazzjoni. Tagħrif xieraq jgħin b'mod partikolari lill-investituri ż-żgħar jifhmu li l-MMFS mhumiex ħielsa mir-riskji. Minħabba li jkunu mgħarrfin aħjar, xi investituri għandhom mnejn jippreferu għodda alternattiva għall-ġestjoni tal-flus kontanti flok l-MMFS. Fil-każ tal-investituri ż-żgħar din l-alternattiva x'aktarx tkun depożitu tradizzjonali f'bank u mhux investiment f'xi entità oħra tal-attività bankarja parallela. Fl-aħħar, ir-rekwiżit biex fid-divulgazzjoni pubblika ssir referenza biss għal sostenn b'impenn sod min-naħa tal-isponsor għandu jtejjeb it-trasparenza dwar l-interkonnettività fis-sistema finanzjarja u jnaqqas ir-riskju sistemiku marbut mad-dipendenza minn sostenn impliċitu u diskrezzjonali ta' sponsor.

Ċerta divulgazzjoni mitluba minn din ir-Rakkomandazzjoni hija diġà koperta mil-leġiżlazzjoni tal-UE (e.g. id-Direttiva dwar l-UCITS jew il-linji gwida CESR/AETS tal-2010) iżda għandu mnejn li xi divulgazzjoni jew dokumentazzjoni tkun teħtiġilha reviżjoni u dan jirriżulta fi spejjeż supplimentari ta' konformità għall-MMFS. Mhux mistenni li jkun hemm spejjeż sinifikanti għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali.

IV.5 **Rakkomandazzjoni D – Rappurtar u skambju tal-informazzjoni**

1. ***Il-Kummissjoni hija rakkomandata tiżgura li l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea***:

a) ***titlob li kull każ ta' sostenn minn sponsor li jista' jħalli impatt fuq il-prezz tal-MMFS għandu jiġi rappurtat mill-MMFS jew mill-maniġer tiegħu, u mill-isponsor, lill-awtorità superviżorja nazzjonali kompetenti flimkien ma' deskrizzjoni sħiħa dwar in-natura u d-daqs ta' dan is-sostenn***;

b) ***ittejjeb ir-rappurtar regolari tal-MMFS***;

c) ***tiżgura li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kompetenti, fejn ikun il-każ, jiskambjaw l-informazzjoni msemmija f'punti a) u b) ma' awtoritajiet superviżorji nazzjonali oħrajn tal-istess Stat Membru jew ta' Stati Membri oħra, mal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, mas-SEBĊ u mal-BERS***.

2. ***Il-Kummissjoni hija rakkomandata tħeġġeġ l-iżvilupp tar-rappurtar armonizzat u tas-sensiela armonizzata ta' dejta msemmija fil-paragrafu 1, b), u l-organizzazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, c)***.

IV.5.1 *Raġunament ekonomiku*

Għalkemm l-MMFS VNAV mhumiex obbligati jżommu l-valur nominali u l-pressjoni għas-sostenn tal-isponsor ma tkunx l-istess bħal dik għall-fondi CNAV, x'aktarx li wkoll kellhom iħabbtu wiċċhom ma' restrizzjonijiet fil-likwidità u kellhom jiffaċċjaw nuqqas ta' likwidità fis-swieq matul il-kriżi; b'hekk għandu mnejn kellhom jiddependu mis-sostenn tal-maniġers tagħhom jew tal-kumpaniji prinċipali. Madankollu, tagħrif konkret dwar każijiet ta' sostenn bħal dan, kemm għall-MMFS CNAV kif ukoll għall-MMFS VNAV, mhuwiex disponibbli bħalissa fl-Ewropa b'mod partikolari minħabba li dan is-sostenn jista' jkun ta' sura diversa u għalhekk mhux bilfors li jkun jidher ċar fil-karta tal-bilanċ u fid-dikjarazzjoni tad-dħul tal-parti providenti. L-istħarriġ tal-BERS kien fih mistoqsija dwar is-sostenn tal-isponsors iżda ngħataw biss indikazzjonijiet ġeneriċi min-naħa tal-fondi, bħal "*trading*" jew "*no measure*". Kollox ma' kollox ir-rekwiżit għall-użu tal-VNAV flimkien mar-rekwiżit tan-nuqqas ta' dipendenza minn sostenn impliċitu ma jeskludux dan is-sostenn f'kundizzjonijiet estremi tas-swieq fil-ġejjieni.

Sabiex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jimmonitorjaw ir-riskji marbutin ma' dan is-sostenn kull każ ta' sostenn dirett jew indirett minn sponsor fil-ġejjieni, irrispettivament mit-tip tiegħu (fosthom ix-xiri ta' titoli ta' portafolli batuti), għandu jiġi rappurtat mill-MMFS jew mill-maniġer tiegħu lill-awtorità nazzjonali kompetenti. Billi dan is-sostenn jista' jżid l-interkonnettività fis-sistema finanzjarja u għalhekk jikkontribwixxi għar-riskji sistemiċi, l-informazzjoni għandha tiġi skambjata wkoll ma' awtoritajiet rilevanti oħra (lokali, barranin jew Ewropej).

Mill-esperjenza tal-istatistika eżistenti dwar l-MMFS u tal-ġbir ta' dejta *ad hoc* speċifika, jidher ċar li d-dejta regolari miġbura dwar l-industrija Ewropea tal-MMFS għandha fejn tkompli titjieb. Il-mezz tal-MMFS huwa importanti ferm biex is-swieq monetarji fl-Ewropa jaħdmu bla xkiel. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u Ewropej għalhekk għandu jkollhom aċċess għal dejta dettaljata dwar dawn il-fondi biex jidentifikaw ix-xejriet f'fażi bikrija. Fejn il-banek ċentrali nazzjonali diġà qegħdin jiġbru t-tagħrif dwar l-MMFS, għandu jitqies l-iskambju ta' din l-informazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għal għanijiet prudenzjali.

Ir-rappurtar regolari għandu għall-inqas jinkludi analiżi dettaljata biżżejjed dwar l-assi u l-obbligazzjonijeit tal-MMFS sabiex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jimmonitorjaw il-pożizzjoni tal-likwidità tal-fond u n-natura u l-kwalità tal-assi sottostanti tiegħu. Barra dan, fil-każ li l-kontabilità bil-kost amortizzat tkun għadha tintuża, ir-regolaturi għandu jkollhom aċċess għal tagħrif regolari dwar kemm tintuża din il-prattika ta' valutazzjoni u f'liema każijiet. Fil-każ li l-mudell CNAV jibqa' jintuża, ir-rappurtar regolari jkun jeħtieġlu jinkludi wkoll tagħrif dettaljat dwar il-fondi CNAV, fosthom informazzjoni dwar il-prezz parallel tagħhom.

Bis-saħħa ta' tagħrif aktar dettaljat l-awtoritajiet ikunu jistgħu jifhmu aħjar l-iżviluppi fl-industrija tal-MMFS u jidentifikaw is-sorsi tar-riskji. Mill-perspettiva makroprudenzjali, dan it-tagħrif aktar dettaljat jeħtieġ li jkun disponibbli kemm fil-livell tas-settur aggregat tal-MMFS kif ukoll fil-livell tal-MMFS individwali.

IV.5.2 *Evalwazzjoni*

Jinħtieġ monitoraġġ mill-qrib dwar il-kompożizzjoni tal-assi u tal-investituri tal-MMFS, dwar il-pożizzjoni likwida u l-prattiki ta' valutazzjoni tagħhom kif ukoll dwar id-dipendenza mis-sostenn ta' sponsor sabiex ikun tista' tiġi identifikata l-akkumulazzjoni tar-riskji u r-rabtiet tal-MMFS mal-partijiet l-oħra tas-sistema finanzjarja. Għalhekk dan huwa rekwiżit ewlieni qabel jittieħdu miżuri preventivi biex jindirizzaw ir-riskji sistemiċi li jista' jkun hemm. Ir-rekwiżit ta' rappurtar regolari dwar il-prezzijiet paralleli għandu jkabbar l-għarfien tal-maniġers tal-MMFS dwar il-fatt li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jkunu qegħdin jimmonitorjaw din il-kwistjoni; hu mistenni li dan għandu jkollu effett ta' dixxiplina fir-rigward tal-possibbiltà ta' devjazzjonijiet fil-prezzijiet paralleli fejn jidħlu n-NAV u d-dipendenza mis-sostenn ta' sponsor.

L-iżvantaġġi marbutin mat-titjib fir-rappurtar huma l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-proċessi li jridu jiġu implimentati fil-kumpaniji tal-ġestjoni u fl-awtoritajiet prudenzjali. Kull ħidma għat-titjib fir-rappurtar mill-MMFS għalhekk għandha tqis ir-rappurtar eżistenti li l-MMFS diġà huma suġġetti għalih u tirrikonoxxi kif jixraq il-prinċipju tal-proporzjonalità, biex jonqsu l-ispejjeż relatati. B'mod partikolari, il-ġbir ta' dejta min-naħa tal-BĊE dwar il-karta tal-bilanċ tal-MFI (l-MMFS huma

parti minnhom) diġà jinkludi tagħrif dettaljat dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-MMFS (ara r-Regolament BĊE/2008/32). Madankollu, billi dan ir-rappurtar inħoloq għall-għanijiet tal-politika monetarja jista' jkun li ma jkoprix għalkollox il-ħtiġijiet tad-dejta għall-għanijiet tal-istabbiltà finanzjarja.

IV.6 **Segwitu**

IV.6.1 *Skeda taż-żmien*

Il-Kummissjoni hija mitluba tibgħat rapport lill-BERS u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu bi tweġiba għal dawn ir-Rakkomandazzjonijiet, jew tiġġustifika kif jixraq kull nuqqas ta' azzjoni, skont l-iskeda taż-żmien li tidher hawn taħt.

— **Sat-30 ta' Ġunju 2013**, il-Kummissjoni hija mitluba tibgħat rapport *interim* lill-BERS li jkun fih l-ewwel evalwazzjoni dwar ir-riżultati tal-ewwel fażi tal-implimentazzjoni ta' dawn ir-Rakkomandazzjonijiet.

— **Sat-30 ta' Ġunju 2014**, il-Kummissjoni hija mitluba tibgħat rapport finali lill-BERS u lill-Kunsill dwar it-tieni fażi tal-implimentazzjoni ta' dawn ir-Rakkomandazzjonijiet.

IV.6.2 *Kriterji ta' konformità*

Il-kriterji ta' konformità ġenerali li ġejjin qegħdin jiġu definiti għar-**Rakkomandazzjonijiet A sa D**.

— Ir-Rakkomandazzjonijiet għandhom l-għan ukoll li jiġu implimentati kif jixraq u b'mod konsistenti fl-Ewropa r-Rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-IOSCO dwar l-MMFS.

— Il-Kummissjoni tista' titlob il-parir tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) rilevanti, b'mod speċjali l-AETS, fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-BERS u, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni armonizzata tar-Rakkomandazzjonijiet, tista' titlob lill-ASE jiżviluppaw l-istandards tekniċi, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa (fosthom il-mudelli tar-rappurtar u d-divulgazzjoni, filwaqt li jitqiesu kif jixraq ir-rekwiżiti eżistenti dwar ir-rappurtar u d-divulgazzjoni).

— Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-BERS jolqtu l-impriżi ta' investiment kollettiv (CIU) ibbażati fl-UE li jiġu offruti/jinbiegħu lill-investituri bħala prodott li jżomm is-somma kapitali, jipprovdi likwidità ta' kuljum u jimmira għal redditi li jkunu konformi mar-rati tas-suq tal-flus. B'mod partikolari jindirizzaw fondi li jkollhom it-tikketta jew jinbiegħu bħala MMFS jew li jinbiegħu bħala li jkollhom il-karatteristiċi ta' MMFS (i.e. li jżommu l-valur tal-kapital, il-fidi ta' kuljum u r-rati tas-suq tal-flus) jew fondi li jinbiegħu b'mod li jagħtu din l-impressjoni (e.g., jinbiegħu bħala fondi ta' flus kontanti jew fondi likwidi jew ta' likwidità, jew fondi b'maturità qasira).

Għal **Rakkomandazzjoni A**, qegħdin jiġu definiti l-kriterji ta' konformità li ġejjin:

— L-MMFS għandhom jużaw biss il-mudell tal-valur tal-assi netti varjabbli (VNAV). B'mod partikolari, it-tqarrib tal-prezzijiet tal-ishma lejn l-eqreb ċifra għandu jkun projbit. Jinħtieġu dispożizzjonijiet tranżizzjonali għal ċaqliq obbligatorju lejn il-mudell tal-VNAV. Għalhekk huwa rakkomandat li jkun hemm perjodu tranżitorju li jkun twil biżżejjed għall-MMFS eżistenti u li matulu l-mudell tal-valur tal-assi netti kostanti (CNAV) ikun jista' jinżamm sakemm isiru l-aġġustamenti meħtieġa. Il-perjodu tranżitorju għall-fondi CNAV eżistenti jista' jkun ta' mill-inqas sentejn wara l-pubblikazzjoni finali tar-regoli applikabbli. Barra dan, iċ-ċaqliqa għall-fondi VNAV għandha titħabbar b'attenzjoni, ħafna qabel ma jiġi implimentat ir-rekwiżit, permezz ta' divulgazzjoni lill-MMFS dwar l-effett tal-bidla.

— Ir-Rakkomdandazzjoni A ma timplikax il-projbizzjoni sħiħa tal-kontabilità bil-kost amortizzat. Madankollu, il-kontabilità bil-kost amortizzat għandha tintuża biss fejn din tkun titqies li tippermetti l-approssimazzjoni xierqa tal-prezz tal-istrument.

— Fil-każ li tkompli tintuża l-kontabilità bil-kost amortizzat, għandhom jiġu implimentati restrizzjonijiet fir-rigward tal-maturità residwa tal-istrument ikkonċernat bil-għan li jitnaqqas ir-riskju ta' diskrepanza bejn il-prezz tiegħu u l-prezz amortizzat; meta jiġu stabbiliti dawn ir-restrizzjonijiet, għandu jitqies b'attenzjoni l-profil tal-maturità tal-assi tal-MMFS ibbażati fl-UE.

Għal **Rakkomandazzjoni B**, qegħdin jiġu definiti l-kriterji ta' konformità li ġejjin:

— Biex jiġu definiti d-daqs u l-kompożizzjoni tal-bafers minimi tal-assi likwidi, għandhom jitqiesu l-elementi li ġejjin:

(a) il-kontropartita bejn id-daqs tal-bafers li jridu jiġu imposti u t-tip ta' assi li jitqiesu bħala eliġibbli;

(b) għandhom jiġu definiti l-ammonti minimi tal-assi likwidi ta' kuljum u ta' kull ġimgħa;

(c) sabiex tonqos id-dipendenza tal-MMFS mil-likwidità tas-suq sekondarju, id-definizzjoni ta' assi likwidi (minbarra l-flus kontanti) għandha l-ewwel tqis il-maturità residwa. Hekk, l-istrumenti definiti bħala assi likwidi ta' kuljum u ta' kull ġimgħa għandu jkollhom maturità residwa fi żmien jum u ħamest ijiem tan-negozju rispettivament;

(d) meta jiġu definiti l-bafers, għandhom jitqiesu r-riskji marbutin mal-possibbiltà ta' maturitajiet opzjonali tal-assi. Dawn l-opzjonijiet jistgħu jkunu bbażati fuq parametri differenti, fosthom it-tekniki bi skopertura għar-riskju tal-kontroparti li tkun *puttable* (e.g. bonds li jkunu *puttable*), *cancellable* (e.g. opzjonijiet li jkunu jistgħu jiġu kanċellati) jew *callable* (e.g. tekniki *repo* li jkunu *re-callable*);

(e) għandhom jitqiesu wkoll effetti oħra ta' interkonnessjoni, l-aktar mas-settur bankarju, li jistgħu jħallu impatt fuq id-disponibbiltà tal-assi eliġibbli għall-bafers tal-likwidità.

— L-MMFS għandhom jaġġustaw kemm iżommu bafers minimi ta' assi likwidi skont il-profil tar-riskju u l-bażi tal-investituri tagħhom.

— Għandhom jagħmlu *stress tests* regolari bbażati fuq diversi sitwazzjonijiet negattivi li jkunu kemm speċifiċi għall-fond kif ukoll ġenerali u jħallu impatt fuq il-profil tal-likwidità tagħhom.

— L-MMFS għandu jkollhom pjanijiet ta' kontinġenza lesti biex jilqgħu għal żminijiet ta' tensjoni bħal dawn.

— Jeħtieġ ikollhom l-għodod neċessarji lesti biex jilqgħu għal talbiet eċċezzjonali ta' fidi mingħand l-investituri.

Għal **Rakkomandazzjoni C**, qegħdin jiġu definiti l-kriterji ta' konformità li ġejjin:

— It-tagħrif dwar il-prodott tal-MMFS għandu jiġbed l-attenzjoni tal-investituri għan-nuqqas, jew għal-limitazzjoni, ta' garanzija tal-kapital u l-possibbiltà ta' telf tal-kapital.

— It-tagħrif għandu jfisser bir-reqqa lill-investituri l-proċeduri li jkun hemm fir-rigward tal-valutazzjoni tal-istrumenti, fosthom tagħrif dwar l-użu tal-kontabilità bil-kost amortizzat, is-suppożizzjonijiet sottostanti għal dan il-metodu ta' valutazzjoni u r-riskji assoċjati.

— Kwalunkwe referenza fit-tagħrif tal-MMFS dwar il-possibbiltà ta' sostenn, il-kapaċità ta' sostenn jew il-ħarsien li jista' jkun hemm min-naħa ta' sponsors għandha titħalla biss jekk dan is-sostenn jew ħarsien ikun impenn sod min-naħa tal-isponsor u f'dan il-każ irid jiġi rikonoxxut fil-kontijiet u r-rekwiżiti prudenzjali ta' dak l-isponsor.

— L-investituri għandhom ikunu jafu bil-proċeduri li jistgħu jintużaw fil-każ ta' tensjoni sinifikanti fis-swieq jew press-jonijiet kbar ta' fidi u li jista' jkollhom impatt fuq il-possibiltajiet ta' fidi tagħhom.

Għal **Rakkomandazzjoni D**, qegħdin jiġu definiti l-kriterji ta' konformità li ġejjin:

— Kull każ ta' sostenn minn sponsor lil MMFS li jista' jkollu impatt fuq il-prezz tal-MMFS għandu jiġi rappurtat mill-MMFS (jew mill-maniġer tiegħu) u mill-isponsor lill-awtorità nazzjonali responsabbli, flimkien ma' deskrizzjoni dwar in-natura u d-daqs tas-sostenn.

— Ir-rappurtar regolari tal-MMFS lill-awtoritajiet superviżorji jew banek ċentrali għandu mill-inqas jinkludi analiżi dettal-jata biżżejjed dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-MMFS sabiex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jimmonitorjaw il-pożizzjoni tal-likwidità tal-fond u n-natura u l-kwalità tal-assi sottostanti tiegħu.

— Fil-każ li l-MMFS ikompli juża l-mudell tal-valur tal-assi netti kostanti (CNAV) ir-rappurtar regolari jkun jeħtieġlu jinkludi informazzjoni dettaljata separata dwar il-fondi CNAV, fosthom tagħrif dwar il-prezz parallel tagħhom.

— Fil-każ li l-kontabilità bil-kost amortizzat tkun għadha tintuża mill-MMFS, ir-regolaturi għandu jkollhom aċċess għal tagħrif minn żmien għal żmien dwar kemm tintuża din il-prattika ta' valutazzjoni u f'liema każijiet.

— Għandhom jittieħdu miżuri li jheġġu l-iżvilupp tar-rappurtar armonizzat u tas-sensiela ta' dejta armonizzata dwar l-MMFS, li tkun tista' tintuża wkoll għal għanijiet makroprudenzjali u li tkopri l-punti msemmija qabel; dawn il-miżuri għandhom iqisu r-rekwiżiti eżistenti ta' rappurtar li l-MMFS huma diġà suġġetti għalih, bħar-rappurtar tal-karta tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2008/32).

— Jiżguraw li ma jkunx hemm impedimenti dwar l-iskambju tal-informazzjoni msemmija qabel bejn l-awtoritajiet prudenzjali u l-banek ċentrali, fil-livell nazzjonali, transkonfinali jew Ewropew.

IV.6.3 *Komunikazzjoni dwar is-segwitu*

Ir-**rapport *interim* li għandu jsir sat-30 ta' Ġunju 2013** bħala minimu għandu jinkludi:

(a) tagħrif dwar l-inizjattivi leġiżlattivi mibdija u pjanati mill-Kummissjoni bi tweġiba għal dawn ir-Rakkomandazzjonijiet;

(b) tagħrif dwar l-azzjonijiet li l-Kummissjoni tkun ħadet *vis-à-vis* l-awtoritajiet superviżorji Ewropej bi tweġiba għal dawn ir-Rakkomandazzjonijiet;

(c) skeda taż-żmien indikattiva għad-dħul fis-seħħ tal-miżuri proposti diġà jew ippjanati li jiġu proposti mill-Kummissjoni bi tweġiba għal dawn ir-Rakkomandazzjonijiet;

(d) evalwazzjoni dwar l-impatt kumulattiv tal-miżuri proposti diġà jew ippjanati li jiġu proposti mill-Kummissjoni bi tweġiba għal dawn ir-Rakkomandazzjonijiet;

(e) ġustifikazzjoni dettaljata dwar kull nuqqas ta' azzjoni jew devjazzjoni minn dawn ir-Rakkomandazzjonijiet.

Ir-**rapport finali li għandu jsir sat-30 ta' Ġunju 2014** bħala minimu għandu jinkludi:

(a) tagħrif dwar is-sitwazzjoni tal-proċess leġiżlattiv wara l-inizjattivi leġiżlattivi mibdija mill-Kummissjoni bi tweġiba għal dawn ir-Rakkomandazzjonijiet;

(b) tagħrif dwar is-sitwazzjoni tal-miżuri li l-Kummissjoni tkun ħadet *vis-à-vis* l-awtoritajiet superviżorji Ewropej bi tweġiba għal dawn ir-Rakkomandazzjonijiet;

(c) skeda taż-żmien indikattiva għad-dħul fis-seħħ tal-miżuri proposti mill-Kummissjoni bi tweġiba għal dawn ir-Rakkomandazzjonijiet;

(d) evalwazzjoni dwar l-impatt kumulattiv tal-miżuri proposti mill-Kummissjoni bi tweġiba għal dawn ir-Rakkomandazzjonijiet;

(e) ġustifikazzjoni dettaljata dwar kull nuqqas ta' azzjoni jew devjazzjoni minn dawn ir-Rakkomandazzjonijiet.

REFERENZI

Ansidei, J., Bengtsson, E., Frison, D. u Ward, G. (2012), *Money market funds in Europe and financial stability*, Dokument Okkażjonali tal-BERS, Nru 1, Ġunju.

Assoċjazzjoni tal-Fondi tas-Swieq Monetarji Istituzzjonali – IMMFA (2012), *Code of practice*.

Assoċjazzjoni tal-Fondi tas-Swieq Monetarji Istituzzjonali – IMMFA (2012), *A comparison of money market fund ratings*, 19 ta' Ġunju.

Awtorità Ewropea tat-Titoli u s–Swieq – ESMA – (2012), *Guidelines on ETFs and other UCIT issues – consultation on recallability of repo and reverse repo arrangements*, 25 ta' Lulju.

Awtorità Ewropea tat-Titoli u s–Swieq – ESMA – (2012), *Questions and answers – a common definition of European money market funds*, 20 ta' Frar.

Baba, N., McCauley, R.N. u Ramaswamy, S. (2009), *US dollar money market funds and non-US banks*, BIS Quarterly Review, Marzu, pp. 65-81.

Bank Ċentrali Ewropew (2008), *Regolament tal-Bank Ċentrali Ewropew tad- 19 ta' Diċembru 2008 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (Riformulazzjoni) (BĊE/2008/32)*, ĠU L 15, 20.1.2009, p. 14.

Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja – FSB – (2011), *Shadow banking: scoping the issues*, 12 ta' April.

Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja – FSB – (2012), *Strengthening oversight and regulation of shadow banking – an integrated overview of policy recommendations*, Dokument konsultattiv, 18 ta' Novembru.

Brady, S. A. (2012), *The stability of prime money market mutual funds: sponsor support from 2007 to 2011*, Federal Reserve Bank of Boston, Dokument ta' Ħidma RPA 12-3, 13 ta' Awwissu.

Duygan-Bump. B., Parkinson, P., Rosengren, E., Suarez, G. A. u Willen, P., *How effective were the Federal Reserve emergency liquidity facilities? Evidence from the asset-backed commercial paper money market mutual fund liquidity facility*, Journal of Finance, għad irid joħroġ.

FitchRatings (2012), *European money market funds: trends in MMF portfolios*, Novembru.

Gordon, J.N. u Gandia, C.M. (2012), *Money market funds run risk: will floating net asset value fix the problem?*, Columbia Law and Economics Working Paper, nru 426, 23 ta' Settembru.

Gorton, G. u Metrick, A. (2010), *Regulating the shadow banking system, Brookings Papers on Economic Activity*, Ħarifa.

Grupp ta' Ħidma tal-President dwar is-Swieq Finanzjarji (2010), *Money market fund reform options*, Ottubru.

Kacperczyk, M. u Schnabl, P. (2012), *How safe are money market funds?*, draft, April 2012.

Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (2010), *Basel III: a global regulatory framework for more resilient banks and banking systems*, Diċembru (rev Ġunju 2011).

Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli – CESR – (2007), *CESR's guidelines concerning eligible assets for investment by UCITS*. Marzu.

Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli – CESR – (2010), *CESR's guidelines on a common definition of European money market funds*, 19 ta' Mejju.

Kummissjoni Ewropea (2012), *Green paper on shadow banking*, 19 ta' Marzu.

Kummissjoni Ewropea (2012), *Undertakings in Collective Investments in Transferable Securities (UCITS) – product rules, liquidity management, depository, money market funds, long-term investments*, Dokument ta' konsultazzjoni, 26 ta' Lulju.

Kummissjoni tat-Titoli u l-Kambju – SEC – (1977), *Valuation of debt instruments by money market funds and certain other open-end investment companies*, Investment Company Act Release No. 9786, 42 Fed. Reg. 28999, 7 ta' Ġunju.

Kummissjoni tat-Titoli u l-Kambju – SEC – (2010), *Money Market Fund Reform*, Investment Company Act Release No. IC-29132, 75 Fed. Reg. 10600, 10062, 4 ta' Marzu.

Kunsill għas-Sorveljanza tal-Istabbiltà Finanzjarja – FSOC – (2012), *Proposed recommendations regarding money market mutual fund reform*, Novembru.

McCabe, P.E. (2010), *The cross section of money market fund risks and financial crises*, Dokument ta' Ħidma 2010-51, Federal Reserve Board Finance and Economics Discussion Series, Settembru.

McCabe, P.E., Cipriani, M., Holscher, M. u Martin, A. (2012), *The minimum balance at risk: a proposal to mitigate the systemic risks posed by money market funds*, Dokument ta' Ħidma 2012-47, Federal Reserve Board Finance and Economics Discussion Series, Lulju.

Moody's (2010), *Sponsor key to money market funds*, Awwissu.

Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli – IOSCO – (2012), *Money market fund systemic risk analysis and reform options*, Rapport ta' Konsultazzjoni, 27 ta' April.

Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli – IOSCO – (2012), *Policy recommendations for money market funds*, 9 ta' Ottubru.

Parlament Ewropew (2012), *Report on shadow banking*, Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, 25 ta' Ottubru.

Rosengren, E.S (2012)., *Money market mutual funds and financial stability*, Kummenti li saru fil-Konferenza tas-Swieq Finanzjarji 2012 tal-Federal Reserve Bank of Atlanta, 11 ta' April.

Scharfstein, D.S. (2012), *Perspectives on money market mutual fund reforms*, Xhieda quddiem il-Kumitat tas-Senat Amerikan dwar il-Banek, id-Djar u l-Affarijiet Urbani, 21 ta' Ġunju.

Scott, H.S. (2012), *Interconnectedness and contagion*, 20 ta' Novembru.

Squam Lake Group (2011), *Reforming money market funds*, 14 ta' Jannar.